# It-Tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija dwar it-Tema tad-Dar u l-Bini ta' Madwarna

Yousef Borg

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-grad ta' Maġisteru fit-Tagħlim tal-Malti

Ġunju 2022

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Dedika

*Nixtieq niddedika din it-teżi lill-għeżież tiegħi, ommi, missieri u ħija.*

*Fihom sibt l-appoġġ, il-kuraġġ u l-motivazzjoni meħtieġa fl-istudji tiegħi.*

# Radd il-Ħajr

Din it-teżi ma setgħetx tkun possibbli jekk mhux bl-għajnuna ta' diversi persuni. Propju f'din il-parti se nieħu l-inizjattiva biex irrodd ħajr lil dawn l-individwi li kienu hemm mill-bidu sal-aħħar ta' dan il-vjaġġ.

Nibda billi nirringrazzja lit-tutur tiegħi, Dr Jacqueline Zammit. Dr Zammit nista' ngħid li kienet pilastru importanti u kruċjali fil-kisba ta' ċertu materjal kif ukoll informazzjoni sabiex nasal għall-għan u għall-ħsibijiet li kelli marbutin mat-teżi. Għal kull diffikultà li kelli dejjem sibtha hemm bi tweġiba ċara u immedjata.

Barra minn hekk, nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tiegħi. Ommi u missieri huma parti importanti fil-ħajja tiegħi u għalhekk ma nistax ngħid li ninsab fejn qiegħed illum jekk mhux bis-saħħa tagħhom. Permezz ta' diversi sagrifiċċji u dedikazzjoni, wittewli t-triq biex jiena nimxi fuqha.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil ħija, il-persuna li dejjem sibt fiha l-kuraġġ u l-motivazzjoni sabiex nilħaq l-aspettattivi kemm akkademiċi kif ukoll personali.

# Sinteżi

F'din it-teżi se jiġi ppreżentat pakkett ta' riżorsi li miegħu se jinkludi deskrizzjoni dettaljata ta' kull riżorsa. Dan il-pakkett jikkonsisti minn għoxrin riżorsa, li kollha huma marbutin mat-tema ta' djarna u l-bini ta' madwarna: għaxar riżorsi tradizzjonali jiġifieri leħħiet, puzzles u karti tat-taħriġ, kif ukoll għaxar riżorsi diġitali eżempju kwiżż, powerpoints u logħob interattiv. Dawn ir-riżorsi huma mmirati għall-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija, fl-iskola Medja u Sekondarja li jinsabu fil-livell elementari tal-Common European Framework of Reference for Languages (CEFR), jiġifieri livell A1 u A2. Għalhekk, dawn ir-riżorsi għandhom jolqtu l-erba' ħiliet tal-lingwa, jiġifieri: il-qari, il-kitba, is-smigħ u t-taħdit. Permezz tat-tema prinċipali, l-istudenti se jkomplu jkabbru t-tagħlim tal-vokabularju u se jiltaqgħu u jitħarrġu f'aspetti grammatikali marbuta mal-prepożizzjonijiet. Apparti mill-ħolqien tar-riżorsi, ħadt sehem fil-proġett MaltiTek. F'dan il-proġett jien ikkoreġejt il-lessemi u l-forom derivattivi ta' erba' verbi: *għalaq*, *żejjen*, *kines* u *għasar*. Permezz ta' dan il-proġett dawn il-verbi setgħu jkunu aġġornati fis-sit il-'Ġabra'. L-għan ta' dan kollu huwa li niffaċilita l-mod ta' kif l-istudenti jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija.



## Kliem Muftieħ

| | | |
|---|---|---|
| Il-Malti bħala lingwa barranija (MLB) | Bini | Riżorsi Diġitali |
| Għalliema tal-Malti bħala Lingwa Barranija | Riżorsi Tradizzjonali | Djarna |

# Il-Werrej


Dikjarazzjoni t'Awtenticità ii

Dedika iii

Radd il-Ħajr iv

Sintezi v

Il-Werrej vi

Werrej tat-Tabelli x

Werrej tal-Figuri xii

1. Introduzzjoni 1

1.1 L-Iskop tat-Teżi 2

1.2 Il-Kapitli f'din it-Teżi 3

2. Is-Soċjokulturaliżmu u r-Riżorsi fit-Tagħlim ta' Lingwa Barranija. 5

2.1 Daħla 5

2.2 Il-Pedagoġija u Lev Vygotsky 5

2.3 Kunċetti Ewlenin fit-Teorija Soċjokulturali 7

2.3.1 Il-Medjazzjoni 7

2.3.2 L-Għalliem bħala Medjatur 8

2.3.3 Il-Medjazzjoni Lingwistika 10

2.3.4 Id-Diskors Privat 11

2.3.5 Id-Djalogu Kollaborattiv 12

2.3.6 Iż-Żona ta' Żvilupp Imqarreb 12

2.3.7 L-Armar Edukattiv 14

2.4 Approċċi simili għas-Soċjokulturaliżmu 15

2.4.1 Approċċ Komunikattiv 15

2.4.2 L-Approċċ Orjentat lejn l-Azzjoni 16

2.5 L-Irwol tar-Riżorsi fit-Tagħlim 16

2.5.1 L-Għan u l-Applikazzjoni tar-Riżorsi fil-Qasam Edukattiv 16

2.5.2 Ir-Riżorsi Diġitali u Tradizzjonali 19

2.5.3 L-Importanza tal-Motivazzjoni fir-Riżorsi 21

2.5.4 Ir-Riżorsi u t-Tema tad-Djar u l-Bini 23

2.6 Konklużjoni 23

3. It-Tema tad-Djar u Bini ta' Madwarna u t-Tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija 25

3.1 Daħla....................................................25
3.2 Id-Djar u l-Bini bħala Tema Prinċipali....................................................25
3.2.1 Id-Djar u l-Bini bħala Artefatt....................................................26
3.2.2 Il-Wirt u l-Valuri Kulturali....................................................28
3.2.3 Il-Kunċett Komunikattiv Interkulturali....................................................30
3.2.4 Il-Kunċett Integrali....................................................32
3.3 L-Akkwist ta' Vokabularju Ġdid....................................................33
3.3.1 L-Importanza tal-Vokabularju....................................................33
3.3.2 It-Tekniki u l-Istrateġiji fit-Tagħlim tal-Vokabularju....................................................34
3.3.3 It-Tagħlim tal-Vokabularju....................................................35
3.3.4 Attivitajiet tal-Vokabularju....................................................36
3.4 L-Akkwist ta' Grammatika Ġdida....................................................39
3.4.1 L-Importanza tal-Grammatika....................................................39
3.4.2 Il-Metodi użati fit-Tagħlim tal-Grammatika....................................................39
3.5 Il-Prepożizzjonijiet fil-Malti bħala Lingwa Barranija....................................................41
3.5.1 Caruana F.S. (1925)....................................................41
3.5.2 Albert Borg u Marie Azzopardi-Alexander (1997)....................................................43
3.5.3 Brother Henry F.S.C. (2004)....................................................44
3.5.4 Karl Scicluna, Saviour S. Agius u Chris Giordano (2018)....................................................47
3.6 Konklużjoni....................................................50
4. Il-Metodoloġija....................................................52
4.1 Daħla....................................................52
4.2 L-Isfond tar-Riċerka....................................................52
4.2.1 L-Epistemoloġija....................................................52
4.3 Il-Metodu tar-Riċerka....................................................53
4.3.1 Il-Metodoloġija Pedagoġika....................................................53
4.3.2 Il-Metodu ta' Żvilupp ta' Riżorsi....................................................56
4.3 Il-Proġett MaltiTek....................................................57
4.3.1 X'Inhu l-Proġett MaltiTek?....................................................57
4.3.2 Il-Ġabra....................................................59
4.3.3 Il-Parteċipazzjoni Tiegħi fil-Proġett tal-MaltiTek....................................................61
4.4 Il-Konsiderazzjonijiet waqt il-Ħolqien tar-Riżorsi....................................................79
4.4.1 Il-Kwistjonijiet Etiċi....................................................79

4.4.2 Il-Konsiderazzjonijiet Soċjali ........................................................................80
4.5 L-Evalwazzjoni tar-Riżorsi Tiegħi ........................................................................83
4.5.1 Il-Kontenut ........................................................................83
4.5.2 Id-Disinn Istruzzjonali ........................................................................84
4.5.3 Id-Disinn Tekniku ........................................................................86
4.7 Il-Pakkett tar-Riżorsi ........................................................................88
4.7.1 L-Ippjanar tar-Riżorsi ........................................................................88
4.7.2 L-Erba' Ħiliet tal-Lingwa ........................................................................89
4.7.3 Il-Programmi u l-Applikazzjonijiet Użati ........................................................................90
4.8 Konklużjoni ........................................................................91
5. Id-Deskrizzjoni tar-Riżorsi ........................................................................92
5.1 Daħla ........................................................................92
5.2 Ir-Riżorsi Tradizzjonali ........................................................................92
5.2.1 Riżorsa 1 ........................................................................92
5.2.2 Riżorsa 2 ........................................................................93
5.2.3 Riżorsa 3 ........................................................................94
5.2.4 Riżorsa 4 ........................................................................95
5.2.5 Riżorsa 5 ........................................................................96
5.2.6 Riżorsa 6 ........................................................................97
5.2.7 Riżorsa 7 ........................................................................98
5.2.8 Riżorsa 8 ........................................................................99
5.2.9 Riżorsa 9 ........................................................................101
5.2.10 Riżorsa 10 ........................................................................102
5.3 Ir-Riżorsi Diġitali ........................................................................103
5.3.1 Riżorsa 11 ........................................................................103
5.3.2 Riżorsa 12 ........................................................................104
5.3.3 Riżorsa 13 ........................................................................105
5.3.4 Riżorsa 14 ........................................................................106
5.3.5 Riżorsa 15 ........................................................................108
5.3.6 Riżorsa 16 ........................................................................109
5.3.7 Riżorsa 17 ........................................................................110
5.3.8 Riżorsa 18 ........................................................................111
5.3.9 Riżorsa 19 ........................................................................112

5.3.10 Riżorsa 20 ..... 113
6. Konklużjoni ..... 116
6.1 X'sar f'din it-Teżi? ..... 116
6.2 Xi Ostakli ..... 117
6.3 X'tgħallimt minn din it-Teżi? ..... 117
7. Referenzi ..... 118
8. L-Appendiċi ..... 131
8.1 Il-Pakkett tar-Riżorsi ..... 131
8.2 Rendikont tal-Parteċipazzjoni tiegħi fil-Proġett MaltiTek ..... 298
8.3 Il-Formula tal-Etika ..... 299
8.4 Il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza A1 u A2 ..... 302

## Werrej tat-Tabelli

Tabella 3.1: Lista ta' ħjiliet potenzjali possibbli (meħuda minn: Lakawa, 2015, p. 99) ........... 27
Tabella 3.2: Il-prepożizzjoni 'ta'' u 'tal-' bħala mudell ........... 43
Tabella 3.3: Prepożizzjonijiet ........... 48
Tabella 3.4: Prepożizzjonijiet li dejjem jingħaqdu mal-artiklu ........... 48
Tabella 3.5: Il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjonijiet ........... 49
Tabella 3.6: Il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjoni 'taħt' u 'fi' ........... 50

Tabella 4. 1: Oqsma mill-użu taċ-ċiklu tat-titjib tal-FISO biex tappoġġja t-tagħlim. Meħud mid-Department of Education and Training Melbourne, 2018, The Pedagogical Model, p. 8 ........... 56
Tabella 4. 2: Il-kelma 'fetaħ' imfittxija bl-għerq tagħha ........... 59
Tabella 4. 3: Ir-riżultat tat-tfittxija permezz tal-għerq ........... 60
Tabella 4. 4: Kelma 'fetaħ' imfittxija b'isimha ........... 60
Tabella 4. 5: Il-paġna li tidher meta tagħfas fuq il-kelma li qed tfittex ........... 61
Tabella 4. 6: Il-paġna prinċipali għat-tiswija ........... 62
Tabella 4. 7: Il-paġna tal-Correction Assignments ........... 62
Tabella 4. 8: Korrezzjoni li ssir permezz tal-Excel sheets ........... 63
Tabella 4. 9: L-issejvjar tal-korrezzjoni ........... 64
Tabella 4. 10: Il-kolonna tal-korrezzjoni ........... 64
Tabella 4. 11: Kwadru li juri kemm ikkoreġejt u kemm fadal biex tikkoreġi ........... 65
Tabella 4. 12: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kelli nelimina għax ma jeżistux ........... 67
Tabella 4. 13: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezjoni li dawn kienu bil-vokali a minflok bil-vokali ie ........... 69
Tabella 4. 14: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kienu fil-perfett pożittiv b'konsonanti ie doppja ........... 71
Tabella 4. 15: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kellhom nuqqas ta' armonija vokalika fil-pronom mehmuż minħabba l-użu tal-vokali e minflok o ........... 73

Tabella 4. 16: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kienu jispiċċaw (-u) minflok (-h) ........................................................................................................................75
Tabella 4. 17: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni tal-konjugazzjoni ħażina fl-imperattiv tieni persuna plural kemm fin-negattiv u kemm fil-pożittiv..............................76
Tabella 4. 18: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni meta dawn kienu magħqudin b'mod ħażin mal-pronom mehmuż .........................................................................78
Tabella 4. 19: L-erba' ħiliet tal-lingwa.......................................................................89

# Werrej tal-Figuri


Figura 2.1: Il-medjazzjoni permezz tal-artefatti (meħuda minn: Hardman u Amory, 2015, p. 10) ........ 7

Figura 2.2: Il-proċess ta' medjazzjoni mill-għalliema permezz ta' għodod pedagoġiċi (figura personali adattata minn: Kohler, 2015, p. 7) ........ 9

Figura 2.3: L-irwol tat-taħdit intern (meħuda minn: Akhutina, 2003, p. 64) ........ 11

Figura 2.4: Iż-żona ta' żvilupp imqarreb (meħuda minn: Kurt, 2020) ........ 13

Figura 3.1: Iċ-ċiklu tal-akkwist tal-vokabularju (meħuda minn: Pekka, 2013, p. 1) ........ 34

Figura 3.2: Leħħa bil-Malti ........ 36

Figura 3.3: L-attività tal-Borrinu ........ 37

Figura 3.4: It-tellieqa tal-vokabularju ........ 38

Figura 3.5: Eżerċizzju ta' imla l-vojt ........ 38

Figura 4.1: L-approċċ ċikliku (Meħud minn: Borg, C. u Camilleri Grima, A. (2018). MaltiTek. Where Technology Meets Language Learning – An Interfaculty Project. Mhux ippubblikat) 58

Figura 4.2: Il-bidla fil-karattru ta' Frawlina ........ 87

# 1. Introduzzjoni

Huwa fatt li n-numru ta' barranin li jgħixu Malta qed jiżdied. Dan jidher proprju fi statistika li ħarġet min-NSO (2020, p. 10). Din l-istatistika turi kif fis-sena skolastika 2017-2018, 11% tal-istudenti f'Malta kienu barranin, b'żieda ta' 16.5% mqabbla mas-sena ta' qabel 2016-2017. Dan ikompli jidher b'mod konkret fid-diversità fost l-istudenti li teżisti fl-iskejjel Maltin.

Il-lingwi jgħinu fl-integrazzjoni u s-soċjalizzazzjoni, però jagħtu kontribut siewi fil-kompetenza akkademika. Il-Malti, kif jistqarr Briffa (2000), huwa simbolu ta' identità Maltija, "huwa wirt u allura huwa rigal mingħand dawk ta' qabilna" (p. 11). Għalkemm il-lingwa hija mezz ta' kif nikkomunikaw, hija senduq mimli tradizzjonijiet kulturali u mod ta' kif ngħixu. Briffa (2000, p. 11) ikompli jisħaq li fil-kultura distintiva li joffri l-Malti nsibu l-aspett nazzjonali, u għalhekk l-ilsien isir identità nazzjonali li għandna nibżgħu għalih u li ngħallmuh lill-barrani b'mod tajjeb u b'responsabbiltà.

Bi tkomplija ma' dan, Canagarajah (2004, ikkwotat f'Norton u Toohey, 2011) jistqarr kif kull student għandu dritt li jikseb it-tagħlim, b'mod partikolari t-tagħlim tal-lingwa lokali. Canagarajah ikompli jisħaq li minħabba n-nuqqas ta' għarfien u parteċipazzjoni fil-lingwa lokali, studenti barranin jistgħu jsibu xi forma ta' reżistenza fl-iżvilupp akkademiku b'mod sħiħ. Però, biex student barrani jitgħallem il-lingwa Maltija għandu bżonn firxa ta' riżorsi li jgħinuh jitħarreġ fil-lingwa u li huma speċifikament adattati għall-abbiltà tiegħu. Lokalment, din tal-aħħar hija d-diffikultà ewlenija li jsibu ħafna studenti, sforz in-nuqqas ta' riżorsi bil-Malti u/jew aċċessibilità għal dawn ir-riżorsi. Proprju għalhekk, din it-teżi ser tiffoka fuq il-ħolqien ta' riżorsi diġitali kif ukoll tradizzjonali għat-tagħlim tal-Malti bħala lsien barrani.

Ħsieb ieħor kien l-użu ta' mezzi teknoloġiċi. Primarjament, ir-riżosi jgħinu biex it-tagħlim jagħmluh aktar attraenti u interessanti. B'hekk, ir-riżorsi li se jinħolqu mhux se jkunu limitati għal dawk tradizzjonali biss, għar-raġuni li aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-istudenti qed jagħmlu użu minn mezzi teknoloġiċi. B'hekk huwa ta' vantaġġ li l-għalliem jabbina t-teknoloġija mat-tagħlim, minħabba li l-istudenti jużaw mezzi teknoloġiċi ta' kuljum. Kif jingħad tajjeb minn Raja u Nagasubramani (2018), it-teknoloġija ffaċilitat il-mod kif l-għalliema jgħallmu u kif l-istudenti jitgħallmu.

Permezz ta’ din il-ħarsa wiesgħa lejn kemm it-teknoloġija hija importanti għall-Malti kif ukoll għall-barrani li jrid jintegra ruħu mal-bqija tal-komunità, ħassejt li għandi nagħti sehmi biex niffaċilita l-mod ta’ kif studenti barranin jitgħallmu l-Malti. Dan kollu permezz ta’ riżorsi li jduru madwar it-tema prinċipali tad-djar u l-bini ta’ madwarna. Għażilt din it-tema għax il-bini jinsab kullimkien, u fil-fatt jista’ jingħad li f’kull rokna hemm xi forma ta’ bini. Il-Malti jgħid ‘l-ewwel ma tiekol l-għajn’, u l-bini jżejjen pajjiż, jagħtih libsa storika b’wirt kulturali u identità li tagħmlu distint. Dawn flimkien, inkorporati ma’ riżorsi ta’ tagħlim, se jwasslu għal kisbiet kbar fost l-istudenti.

### 1.1 L-Iskop tat-Teżi

L-għan ta’ din it-teżi huwa li noħloq għaxar riżorsi tradizzjonali u għaxra oħra diġitali li huma innovattivi u li jkomplu mal-avventura ta' Frawlina li ħolqot Scicluna (2019). F’din it-teżi se jiġi ppreżentat pakkett ta' riżorsi li miegħu se jinkludi deskrizzjoni dettaljata ta' kull riżorsa. Dawn ir-riżorsi se jolqtu l-erba’ ħiliet tal-lingwa u huma maħsuba għall-istudenti tal-iskola Medja u Sekondarja li jinsabu fil-livell elementari, jiġifieri livell A1 u A2 skont il-livelli tas-CEFR (CEFR, 2001, p. 24). F’dawn ir-riżorsi se nagħti ħarsa lejn diversi aspetti li huma marbutin mat-tema tad-djar u l-bini, eżempju l-kmamar tad-dar, l-għamara, sitwazzjonijiet reali li jiltaqgħu magħhom l-istudenti fil-ħajja ta’ kuljum u bini ieħor li jinsab madwarna, bħal ngħidu aħna ċ-ċinema jew kumpless tax-xiri. F’dawn il-postijiet, l-avventura ta’ Frawlina se tkompli tiżviluppa, u allura permezz ta’ dawn ir-riżorsi jiżdied il-vokabularju tal-istudenti tal-Malti bħala lingwa barranija (MLB). Barra minn hekk, l-istudenti se jiltaqgħu u jitħarrġu f’aspetti grammatikali marbuta man-nomi, il-verbi u l-aġġettivi.

Minbarra l-ħolqien tar-riżorsi se nipparteċipa fil-proġett *MaltiTek* 'Il-Ġabra', b’kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali. Fih se nkun qed nanalizza ħames verbi li se jintużaw fir-riżorsi marbuta mat-tema ewlenija ta’ din it-teżi. Il-ħames verbi huma: *żejjen*, *għalaq*, *kines* u *għasar*. Xogħli huwa li niċċekkja u nikkoreġi jekk dawn il-lessemi u l-forom derivattivi tagħhom humiex miktubin sewwa jew jekk jeżistux.

## 1.2 Il-Kapitli f'din it-Teżi

Qabelxejn, l-ewwel kapitlu ta' din it-teżi jagħti ħarsa lejn introduzzjoni ġenerali dwar it-teżi. L-ewwel parti ta' dan il-kapitlu tittratta l-għan prinċipali ta' din it-teżi, filwaqt li t-tieni parti tal-istess kapitlu tiftaħ b'deskrizzjoni fuq kif se jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt dan l-istess tqassim se jiġi diskuss f'iktar dettall f'din il-parti. Dan se jgħin lill-qarrej jifhem aħjar dak li se jkun qed jintqal f'kull kapitlu.

It-tieni kapitlu jħares lejn il-pedagoġija u l-ħsibijiet ta' Lev Vygotsky. Hawnhekk, niddiskuti kunċetti ewlenin tat-teorija soċjokulturali fosthom: il-medjazzjoni, l-armar edukattiv u ż-żona ta' żvilupp imqarreb. Wara ser inkompli billi niffoka fuq żewġ approċċi li huma simili għat-teorija soċjokulturali. Dan billi nħares lejn dak li qalu xi studjużi dwar l-approċċ orjentat lejn l-azzjoni u l-approċċ komunikattiv. Għaldaqstant, fl-aħħar parti ta' dan il-kapitlu se niffoka fuq ir-rwol tar-riżorsi fit-tagħlim, ir-relazzjoni tar-riżorsi mat-tema prinċipali tad-djar u l-bini, u kif dawn jimmotivaw l-istudenti tal-MLB.

It-tielet kapitlu jiftaħ bil-kunċetti grammatikali u l-vokabularju. Bażikament, fl-ewwel parti ta' dan il-kapitlu se niddiskuti, billi nirreferi għal dak li stqarru xi studjużi u ħassieba, kif it-tema tad-djar u l-bini hija applikata fit-tagħlim, billi nħares lejn id-djar u l-bini bħala artefatti. Se niddiskuti wkoll kif din it-tema fiha wirt u valuri kulturali. Barra minn hekk, nagħti importanza lill-aspett integrali u l-aspett komunikattiv li huma l-qofol tat-tagħlim b'mod sħiħ. Wara nitkellem dwar l-akkwist ta' grammatika u vokabularju ġdid. Fl-għeluq ta' dan il-kapitlu niġbor dak li ntqal minn xi grammatiċi dwar il-prepożizzjonijiet fil-Malti.

Ir-raba' kapitlu jagħti ħarsa lejn il-metodoloġija applikata f'din it-teżi. Dan il-kapitlu jinqasam fi tliet taqsimiet. Fl-ewwel parti jiġi diskuss l-isfond tar-riċerka, jiġifieri l-epistemoloġija u l-metodu tar-riċerka. Fit-tieni parti niddiskuti l-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett MaltiTek. Fit-tielet parti niffoka fuq xi konsiderazzjonijiet li jiena ltqajt magħhom u nitkellem dwar it-tip ta' riżorsi li ħloqt.

Fil-ħames kapitlu niddiskuti kull riżorsa fid-dettall, u biex jinftiehem aħjar mill-qarrej qsamtu f'żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima tiġbor fiha d-deskrizzjoni tal-għaxar riżorsi tradizzjonali, filwaqt li t-tieni taqsima tinkludi d-deskrizzjoni tal-għaxar riżorsi diġitali. Kull riżorsa se tiġi f'diversi kategoriji: l-isem, l-għan, il-metodu, l-għodda użata, id-deskrizzjoni tal-attività, l-istruzzjonijiet u xi suġġerimenti.

Is-sitt kapitlu jiġbor fih konklużjoni ġenerali ta’ dak kollu li sar matul il-ħolqien ta’ din it-teżi. Hawnhekk niddiskuti x’sar matul it-teżi, jiġifieri l-ħolqien tal-għoxrin riżorsa kif ukoll il-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett tal-MaltiTek.

Fl-appendiċi hemm tliet affarijiet importanti: (i) il-pakkett tar-riżorsi, bir-riżorsi nnifishom, it-tweġibiet għalihom u xi informazzjoni dwar l-għan, l-istruzzjonijiet, il-ħiliet u l-livell ta’ diffikultà; (ii) id-dokumentazzjoni uffiċjali, permezz ta’ ritratt, tal-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett MaltiTek; (iii) il-formola tal-etika li turi kif jiena ma kelli bżonn l-ebda proċess etiku sabiex ikunu protetti xi individwi.

# 2. Is-Soċjokulturaliżmu u r-Riżorsi fit-Tagħlim ta’ Lingwa Barranija.

## 2.1 Daħla

Kif tistqarr Camilleri Grima (2020), fil-ħajja ta’ kuljum, hawn Malta, huwa importanti li jkollok kisba tajba tal-Malti, b’mod speċjali meta tkun barrani f’pajjiż differenti għal dak tiegħek. Il-lingwa Maltija hija sabiħa u sinjura. Minkejja dan, bosta studenti kienu u għadhom jaqtgħu qalbhom mis-suġġett. Proprju għalhekk f’dan il-kapitlu ser nenfasizza din l-importanza għat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija (MLB) billi ngħin lill-istudenti jkollhom riżorsi adattati għall-bżonnijiet tagħhom u li, finalment, jgħinuhom jiksbu suċċess fit-tagħlim tagħhom tal-MLB.

Ser nirrelata dan l-istudju mat-teorija soċjokulturali ta’ Lev Vygotsky iżda ser inħares ukoll lejn aspetti oħrajn li jimxu id f’id ma’ din it-teorija, bħal ngħidu aħna l-medjazzjoni, l-armar edukattiv u ż-żona ta’ żvilupp imqarreb. Ma’ dawn ser inkun qed niddiskuti approċċi oħra li huma simili u li jħaddnu l-istess aspetti soċjokulturali, bħall-approċċ komunikattiv u l-approċċ orjentat lejn l-azzjoni. Wara, se nagħti ħarsa lejn l-importanza tar-riżorsi fit-tagħlim tal-MLB. Ser nesplora l-għan prinċipali fl-użu tar-riżorsi f’sistema akkademika, id-differenzi li hemm bejn ir-riżorsi tradizzjonali u diġitali, u kif dawn ir-riżorsi jistgħu jkunu mezz ta’ motivazzjoni.

## 2.2 Il-Pedagoġija u Lev Vygotsky

L-ideat ta' Vygotsky dwar l-edukazzjoni ħolqu nifs ġdid fil-qasam tal-akkwist tal-lingwa. Għal għexieren ta' snin, l-għalliema tal-lingwi kienu motivati lejn it-teorija konjittiva u r-riċerka li l-moħħ jiffunzjona bħal kompjuter. Din il-metafora timplika sens ta’ “banking mode” (Freire, 1993, p. 72) fl-edukazzjoni, fejn l-għalliem idaħħal l-informazzjoni f’moħħ l-istudent, u l-istudent jipproduċi prodott simili għall-informazzjoni li jkun irċieva mill-għalliem (Loewen u Sato, 2017). B’din is-sistema ta’ *input-output*, l-istudent għandu joqgħod fuq l-istrateġiji adattati għalihom stess biex jitgħallmu, għax kif jistqarru Fahim u Haghani (2012), kwalunkwe tip ta’ interazzjoni ma’ ħaddieħor ser twassal għal tlaqqit ta' żbalji tal-oħrajn. Tant hu hekk li, sabiex jiġi ffaċilitat it-tagħlim, l-iżvilupp tal-għarfien, il-ħiliet metakonjittivi u

l-awtonomija, l-istudenti għandhom jiġu sfidati b’eżerċizzji li joffru sfidi lil hinn mil-livell attwali tal-ħakma tagħhom ta’ lingwa. Għaldaqstant, l-iżbalji huma inevitabbli, prodott naturali, fi ħdim ta' eżerċizzji li jipprovdu opportunitajiet ta' titjib fit-tagħlim (Vygotsky, 1978).

Skont John-Steiner u Mahn (1996), it-teorija soċjokulturali tenfasizza r-relazzjoni bejn il-proċessi soċjali u individwali fl-iżvilupp tal-għarfien. Huma jistqarru li Vygotsky u l-kollegi tiegħu huma l-fundaturi tat-teorija soċjokulturali li hija bbażata fuq “the concept that human activities take place in cultural contexts, are mediated by language and other symbol systems, and can be best understood when investigated in their historical development” (p. 191). B’hekk, riċerkaturi u għalliema ġodda issa jħaddnu t-teorija, magħrufa bħala t-teorija soċjokulturali, li ħolqot riċerka ġdida li tesplora l-applikazzjonijiet tal-prinċipji tagħha fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwa fil-klassi. Għal Fahim u Haghani (2012) dan ifisser akkwist importanti għall-edukazzjoni minħabba li l-iskola, il-klassi, l-għalliem, u l-istudent issa saru jiġu vvalutati minn perspettiva differenti, waħda li hija ħafna iktar ħolistika u li tirrikonoxxi l-kumplessità tat-tagħlim tat-tieni lingwa/lingwa barranija, u għalhekk hemm din il-ħtieġa li tinteraġixxi ma' oħrajn biex tilħaq dan l-għan. Fil-fatt, fi kliem Vygotsky (1997), waħda mill-pubblikazzjonijiet tiegħu, *Educational Psychology,* inkitbet bi skop prattiku f'moħħu, li hu “offered as a contribution to the Soviet school of pedagogy and to assist the rank-and-file teacher, and to also promote the development of a rational understanding of the educational process” (p. xxi).

Madankollu, Vygotsky (1960) ikkunsidra l-kapaċità li tgħallem bħala attribut fundamentali tal-bnedmin. Il-kontribuzzjoni primarja ta' Vygotsky kienet li żviluppa approċċ ġenerali li jġib l-edukazzjoni, bħala attività fundamentali, f'teorija ta' żvilupp psikoloġiku. Il-pedagoġija umana, fil-forom kollha tagħha, hija karatteristika li tiddefinixxi l-approċċ tiegħu, il-kunċett ċentrali fis-sistema tiegħu (Vygotsky, 1997). Filwaqt li Vygotsky kellu interess fl-iżvilupp kumpless tas-soċjokulturaliżmu, huwa qatta' parti kbira mill-ħin tiegħu jiffoka fuq definizzjoni kemxejn operattiva, limitata, tal-aspett soċjali fl-investigazzjonijiet tiegħu dwar l-iżvilupp individwali f'ambjenti mdawrin b'diversi struzzjonijiet (Vygotsky, 1978). Il-perspettiva ta’ Vygotsky lejn l-iżvilupp tafferma l-aspetti soċjali fl-iżvilupp. Vygotsky jisħaq:

> "Every function in the child's cultural development appears twice: first, on the social level, and later, on the individual level; first, between people (inter-psychological) and then inside the child (intra-psychological). This applies equally to voluntary attention, to logical memory, and to the formation of concepts. All the higher functions originate as actual relationships between individuals"
>
> (Vygotsky, 1978, p. 57).

## 2.3 Kunċetti Ewlenin fit-Teorija Soċjokulturali

### *2.3.1 Il-Medjazzjoni*

Kif indikat minn Lantolf (2001), waħda mill-ideat primarji tat-teorija soċjokulturali hija li l-moħħ huwa mmedjat. Dan jimplika li l-individwu ma joħloqx relazzjoni immedjata mad-dinja, anzi din ir-relazzjoni hija mmedjata permezz ta' għodod, kif jidher fil-figura 2.1. Mill-perspettiva pedagoġika tat-teorija soċjokulturali, il-medjazzjoni hija l-proċess li bih artefatti, kemm materjali kif ukoll simboliċi, jintużaw biex jippermettu attività mentali umana (Lantolf, 1994; Lantolf u Thorne, 2006; Vygotsky, 1978; Werstch, 1985). Il-punti tat-tluq ta' dan il-kunċett jinsabu fl-idea ta' Vygotsky (1978) li proprju jgħaqqad l-azzjoni mmedjata mill-artefatt (*artefact-mediated*) mal-oġġett orjentat lejn l-azzjoni (*object-oriented action*) li permezz ta' din l-idea, il-kollaborazzjonijiet tan-nies maċ-ċirkustanza attwali tagħhom mhumiex diretti, anzi l-konnessjoni bejn individwu u l-oġġetti tal-ambjent huma mmedjati minn għodod kulturali.




*Figura 2. 1: Il-Medjazzjoni permezz tal-artefatti (meħuda minn: Hardman u Amory, 2015, p. 10)*

Vygotsky (1978) akkwista dan il-kunċett tal-għodod mingħand Hegel u Marx. Dan huwa sostnut minn Vygotsky stess meta jisħaq, "That concept, quite justly, was invented with the broadest general meaning by Hegel" (p.54). Vygotsky ikompli jżid li Marx juża dan il-kunċett ta' għodod biex juri li, "man uses the mechanical, physical, and chemical properties of objects so as to make them act as forces that affect other objects in order to fulfill his personal goals" (Vygotsky, 1978, p. 54).

Għalhekk, meta individwi jikkollaboraw ma' individwi oħrajn, jużaw għodod differenti biex jikkontrollaw id-dinja skont il-bżonnijiet u l-għanijiet tagħhom. Għalhekk f'dan is-sens, l-għodod isiru medjaturi bejn l-oġġett u s-suġġett, kif jidher fil-Figura 2.1. Vygotsky (1986) jagħmel użu mill-eżempju tat-tagħlim ta' lingwa ġdida biex jispjega dan il-punt, minħabba li wieħed jista' jgħid li l-iżvilupp tal-lingwa nattiva kien spontanju filwaqt li l-iżvilupp tal-lingwa barranija ma kienx spontanju. Skont Vygotsky:

> ''In learning a new language, one does not return to the immediate world of objects and does not repeat past linguistic developments, but uses instead the native language as a mediator between the world of objects and the new language. Similarly, the acquisition of scientific concepts is carried out with the mediation provided by already acquired concepts''
>
> (Vygotsky, 1986, p. 161).

Kif jistqarr Mackerras (2011), dan jirrappreżenta l-konnessjoni bejn l-għarfien lingwistiku u l-prattika soċjali, jiġifieri l-ewwel lingwa kulturali tal-istudent, taġixxi bħala medjatur bejn l-istudent u l-lingwa l-ġdida fil-każ tal-istudju tiegħi dwar il-MLB.

### *2.3.2 L-Għalliem bħala Medjatur*

Wieħed jista' jgħid li r-rwol ta' għalliem kien u għadu dak ta' medjatur bejn l-istudent u l-informazzjoni li jrid jikseb. Skont Kohler (2015, p. 6), il-proċess ta' medjazzjoni huwa bla dubju l-iktar attività komuni li l-għalliema u l-istudenti tal-lingwa jimpenjaw ruħhom kuljum fiha. L-għalliem huwa responsabbli biex iqarreb lill-istudent lejn ideat ġodda u jgħinhom jimxu pass pass sakemm jifhmu din l-informazzjoni ġdida. Din mhix xi ħaġa ġdida għax l-għalliema ilhom jagħmlu dan għal żmien pjuttost twil.

Għaldaqstant, l-involviment tat-teorija soċjokulturali fil-qasam edukattiv qed jagħmel ix-xogħol tal-għalliem aktar interattiv. Il-fehim tal-medjazzjoni fil-pedagoġija huwa influwenzat ħafna mill-ideat ta' Vygotsky, jiġifieri li t-tagħlim iseħħ kemm fuq livell interpsikoloġiku kif ukoll intrapsikoloġiku (Vygotsky, 1978). Dan ifisser li ideat u esperjenzi ġodda huma ppreżentati lill-istudent permezz ta' interazzjoni soċjali u huma trasformati mill-istudent permezz ta' konjizzjoni individwali fl-għarfien tagħhom stess. Primarjament, il-medjazzjoni sseħħ fiż-żona ta’ żvilupp imqarreb, fejn l-istudent jingħata informazzjoni u ideat ġodda minn edukatur li juża firxa ta' għodod biex jibdel l-informazzjoni ġdida għal dik magħrufa (*known*) (Kohler, 2015), kif huwa ppreżentat fil-Figura 2.2.




*Figura 2. 2: Il-proċess ta’ medjazzjoni mill-għalliema permezz ta’ għodod pedagoġiċi (Figura personali adattata minn: Kohler, 2015, p. 7)*

Skont din it-teorija, l-għodda aħħarija ta' medjazzjoni, li permezz tagħha jsir it-tagħlim, hija l-lingwa peress li tirrappreżenta artefatti simboliċi li permezz tagħhom jitwettqu interazzjonijiet soċjali, funzjonijiet konjittivi u b'hekk nibnu s-sistemi kunċettwali tagħna marbuta mal-attività mentali (Lantolf, 1994; Lantolf u Thorne, 2006). Fi klassi li qed tiġi mgħallma lingwa barranija, Kohler (2015) tisħaq li l-lingwa tieħu importanza aktar notevoli għax hija mezz ta' tagħlim, artefatt simboliku għall-interazzjoni soċjali u attività mentali, kif ukoll hija oġġett tat-tagħlim, artefatt simboliku li jirrappreżenta forom alternattivi ta' għarfien u tifsira.

Hawnhekk rajna ġabra ta' perspettivi dwar il-medjazzjoni bħala bażi biex wieħed jifhem kif l-għalliema jimmedjaw orjentazzjoni interkulturali u lingwistika fit-tagħlim tal-lingwi. Skont Kohler (2020), "In doing so, the notion of mediation moves beyond a process of transferring meaning in communication or scaffolding knowledge for learning" (Kohler, 2020, p. 3-4). Minflok, jista' jiġi perċepit bħala l-att li jżewweġ l-element lingwistiku ma' dak kulturali, f'relazzjoni kumplimentarja, bi skop edukattiv. Fi studju li sar minn Gibbons (2003) u Antón (1999) (ikkwotati f'Guerrero-Nieto, 2007) jirriżulta li l-komunikazzjoni bejn l-istudent u l-għalliem hija importanti fl-iżvilupp konjittiv tal-istudent. Barra minn hekk, l-iżvilupp iseħħ b'suċċess meta l-kontenut ikun relevanti u aċċessibbli.

### *2.3.3 Il-Medjazzjoni Lingwistika*

Vygotsky (1978) qies il-lingwa bħala għodda simbolika li tippermetti lill-bnedmin jimmedjaw bejn moħħhom u d-dinja ta' barra. Dan hu veru, speċjalment jekk id-dinja ta' barra hija importanti fit-tagħlim ta' lingwa oħra. Għaldaqstant, il-medjazzjoni lingwistika li Swain, Kinnear u Steinman (2011) iddefinixxewha bħala l-proċess tal-użu ta' lingwa, tinqasam f'żewġ tipi: l-ewwel id-diskors privat u t-tieni d-djalogu kollaborattiv. Il-medjazzjoni lingwistika tiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-individwi, billi tgħinhom jirkupraw informazzjoni maħżuna u kif jaħdmu l-artefatti. Individwi jistgħu jitkellmu ma' oħrajn, u b'dan il-mod jaqsmu ideat u għarfien differenti dwar il-lingwa studjata. Però, jistgħu wkoll jitkellmu magħhom infushom. Xi kultant, dan it-taħdit intern iseħħ bħala proċess ta' kif individwu se jitkellem jew jaġixxi f'ċerti sitwazzjonijiet (Swain et al., 2011). B'hekk, dan it-tip ta' djalogu intern iseħħ l-aktar meta l-individwu jkun involut f'sitwazzjoni kumplessa ta' konjittiv jew affettiv, u għalhekk ikollu bżonn jiddjaloga internament qabel ma jitkellem (Swain et al., 2011). Dan il-proċess jidher fil-Figura 2.3.




*Figura 2. 3: L-Irwol tat-Taħdit Intern (meħuda minn: Akhutina, 2003, p. 64)*

### *2.3.4 Id-Diskors Privat*

Studju ieħor li jesplora l-vantaġġi tal-użu tal-lingwa fid-djalogu tal-individwu nnifsu "self" sar minn Appel u Lantolf (1994) li eżaminaw ir-rwol tat-taħdit f'dak li Vygotsky (1986) isejjaħ diskors intern privat. Vygotsky wettaq esperimenti biex juri l-importanza tad-diskors egoċentriku u stabbilixxa li t-tfal jitkellmu waqt li jwettqu taħriġ biex jifhmuh u jwettqu l-għanijiet stabbiliti fih. Dan huwa aspett kumpless, tant li Vygotysky (1986) jisħaq li, "the area of inner speech is one of the most difficult to investigate" (p. 226). Piaget (2001) ikkunsidra li d-diskors egoċentriku ma kienx rilevanti u li eventwalment jisparixxi meta t-tfal javviċinaw l-età tal-iskola. Bil-kontra ta' Piaget, Vygotsky (1986) iqis li d-diskors egoċentriku ma jisparixxix imma jittrasforma ruħu f'dak li hu jsejjaħ "diskors intern privat".

Ir-riċerkaturi Appel u Lantolf (1994, p. 439) iddisinjaw studju b'żewġ taħriġiet maħsub biex jiddokumenta u janalizza r-rwol tad-diskors privat. Huma ppreżentaw test narrattiv, jiġifieri test li jirrakkonta storja, u test espożitorju, jiġifieri test li jispjega u jiddeskrivi. Dawn it-testijiet tqassmu fost erbatax-il kelliem nattiv tal-Ingliż u erbatax-il kelliem li jitgħallem l-Ingliż bħala t-tieni lingwa. L-istudenti kellhom jirrakkontaw l-istorja lir-riċerkaturi. Matul dan il-proċess, kull student ikun waħdu u d-diskors hu rrekordjat waqt il-preparazzjoni tar-rapport orali. L-analiżi ta' dan l-istudju turi li kemm kelliema nattivi kif

ukoll dawk mhux nattivi jiddependu mid-djalogu mal-persuna nnifisha biex iwettqu t-taħriġ. Din is-sejba ssaħħaħ l-argument ta' Vygoskty li d-diskors privat għandu rwol importanti mhux biss fl-akkumpanjament tat-twettiq ta' taħriġ, iżda fil-fehim u l-kisba tal-għanijiet tiegħu.

### *2.3.5 Id-Djalogu Kollaborattiv*

Skont Vygotsky (1978), it-tagħlim tat-tfal iseħħ permezz ta' interazzjonijiet soċjali bi gwida tajba. Vygotsky jirreferi għal dan bħala djalogu kollaborattiv, li huwa meta t-tfal jipprovaw jifhmu l-azzjonijiet jew l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-gwida, li ħafna drabi l-gwida hi l-ġenitur jew l-għalliem. It-tfal, imbagħad, jinternalizzaw l-informazzjoni, billi jużawha biex jidderiġu jew jikkontrollaw il-prestazzjoni tagħhom stess. Għal Vygotsky, dan it-tip ta' tpartit soċjali permezz ta' interazzjoni ma' individwi infurmati ħafna, li Vygotsky isejħilhom il-"more knowledgable others" (Vygotsky, 1978, p. 86) u li jikkonsisti fi djalogu kollaborattiv, jippromwovi l-iżvilupp konjittiv.

Kif tistqarr ukoll Swain (2000), id-djalogu kollaborattiv huwa meta żewġ studenti jew aktar jaħdmu flimkien biex isolvu problema partikolari, jiddiskutu suġġett jew jaħdmu fuq taħriġ. Huwa deskritt bħala "knowledge-building dialogue" (p. 97) minħabba li l-istudenti huma kapaċi jirriflettu fuq il-lingwa nattiva jew dik barranija u jtejbu l-kompetenzi tagħhom rispettivament. Dan jirrikjedi li l-istudenti jadattaw soċjalment u konjittivament għall-ambjent tagħhom fil-ħin allokat biex isolvu b'suċċess il-problemi tagħhom. It-tagħlim tal-lingwi u l-interazzjoni soċjali bejn żewġ individwi jimxu id f'id fl-iżvilupp ta' lingwa barranija (Swain, 2000). Swain u l-kollegi tagħha wrew kif l-interazzjoni bejn il-pari tipprovdi lill-istudenti tat-tieni lingwa b'opportunità li jimpenjaw ruħhom fi djalogu kollaborattiv waqt li jfittxu u jipprovdu għajnuna essenzjali għall-problemi lingwistiċi (Swain u Watanabe, 2013, p. 3).

### *2.3.6 Iż-Żona ta' Żvilupp Imqarreb*

Il-kunċett taż-żona ta' żvilupp imqarreb ġie żviluppat minn Lev Vygotsky matul il-bidu tas-seklu għoxrin. Skont Vygotsky (1978), iż-żona ta' żvilupp imqarreb hija definita bħala

l-ispazju interazzjonali fejn student, permezz ta' għajnuna, jista' jwettaq taħriġ li huwa lil hinn mil-livell ta' kompetenza attwali tiegħu: “The distance between the actual developmental level as determined by independent problem solving and the level of potential development as determined through problem solving under adult guidance or in collaboration with more capable peers” (p. 86). Dawn l-individwi, aktar kapaċi kif diġà kien diskuss f'kapitlu 2.3.5, huma magħrufa bħala l-“more knowledgable others” (Vygotsky, 1978). Għaldaqstant, kif jidher fil-Figura 2.4, iż-żona ta’ żvilupp imqarreb għal Vygotsky (1978) tfisser id-deskrizzjoni tal-livell attwali tal-istudent u l-livell li jmissu jilħaq. Dan il-livell jista' jinkiseb permezz tal-medjazzjoni bl-użu ta' għodod flimkien ma' adulti jew ħbieb kapaċi. L-idea hi li l-individwi jitgħallmu l-aħjar meta jaħdmu flimkien ma' oħrajn permezz ta’ kollaborazzjoni konġunta f'interazzjonijiet soċjali. Fil-fatt huwa permezz ta' sforzi kollaborattivi bħal dawn ma' persuni b'aktar ħiliet li l-istudenti jitgħallmu u jinternalizzaw kunċetti ġodda.




*Figura 2. 4: Iż-Żona ta’ Żvilupp Imqarreb (meħuda minn: Kurt, 2020)*

Roosevelt (2008, ikkwotat f'Shabani, Mohammad u Ebadi, 2010) isostni li mill-perspettiva ta' Vygotsky, l-għan ewlieni tal-edukazzjoni huwa li jżomm l-istudenti kemm jista' jkun fiż-żona ta’ żvilupp imqarreb tagħhom stess. Dan permezz ta' tagħlim interessanti, kulturalment sinifikanti u taħriġ li jinvolvi l-istudenti jsolvu problemi li huma kemxejn aktar diffiċli minn dak li jagħmlu waħedhom, b'tali mod li jkollhom bżonn jaħdmu flimkien jew ma' ħaddieħor li huwa aktar kompetenti, bħal pereżempju, ma' għalliem jew ma' adult jew ġenitur. Woolfolk (2016, p. 87) tqis dan il-kunċett bħala spazju dinamiku u li l-ħin kollu

jinbidel hekk kif l-istudent u l-għalliem jinteraġixxu u l-fehmiet differenti jitqassmu ma' xulxin. Berger (2012, ikkwotata f'Woolfolk, 2016, p. 91) sejħet din iż-żona bħala "magic middle" għax din iż-żona tinsab xi mkien fin-nofs, bejn dak li l-istudent diġà jaf u dak li l-istudent għadu mhux lest biex jitgħallem.

Fil-kuntest tal-kisba tat-tieni lingwa, il-kunċett ta' Vygotsky (1987) taż-żona ta' żvilupp imqarreb jiffoka fuq in-natura djalettika tal-proċessi internazzjonali li jinstigaw l-iżvilupp ta' min jitgħallem it-tieni lingwa. Stanlow (2005, ikkwotat f'Zammit, 2019) jirrappreżenta l-varjazzjonijiet bejn l-attivitajiet li student tat-tieni lingwa jista' jlesti mingħajr ma jiddependi mill-għajnuna ta' ħaddieħor, u dawk li ma jistax jagħmel waħdu imma li jkun jeħtieġ il-gwida ta' għalliem jew kwalunkwe individwu ieħor. Dan segwit minn Zammit (2019) li tisħaq li xi studenti minflok ma jfittxu l-għajnuna minn individwu ieħor, jistgħu jfittxu l- għajnuna minn artefatti li huma pprovduti mill-kultura tat-tieni lingwa. Fil-każ tal-istudju tiegħi, l-użu tad-djar u l-bini bħala forma ta' medjazzjoni se jservi biex l-istudenti jitqarrbu aktar lejn it-tagħlim tal-Malti.

### *2.3.7 L-Armar Edukattiv*

Terminu li huwa sinonimu maż-żona ta' żvilupp imqarreb huwa l-armar edukattiv. Madankollu, Vygotsky qatt ma uża dan it-terminu fil-kitba tiegħu, minħabba li l-ewwel intuża u ġie definit minn Wood, Bruner u Ross (1976). Wood et al. (1976) jiddefinixxu l-armar edukattiv bħala proċess li jippermetti tifel jew tifla jsolvu biċċa xogħol jew jiksbu għan li jkun lil hinn mill-isforzi mhux assistiti tagħhom. Van de Pol, Volman, Oort u Beishuizen (2015) iqisu t-tagħlim permezz tal-armar edukattiv bħala assistenza fil-prestazzjoni edukattiva, li mhux sempliċement tgħin lill-istudenti jagħmlu xi ħaġa imma tgħinhom ikunu jafu kif jagħmlu xi ħaġa. Din tinvolvi l-adulti li jikkontrollaw it-taħriġ u li l-għajnuna tagħhom tiddependi kemm mit-taħriġ innifsu kif ukoll mill-istudenti. Fernández-Cárdenas, Wegerif, Mercer u Rojas-Drummond (2015) jiddeskrivuha bħala l-adulti li jipprovdu lit-tifel tip ta' *vicarious consciousness*. Ikomplu jistqarru li din tipprovdi metafora effettiva għall-kwalità tal-intervent tal-għalliema fit-tagħlim. Fis-sens li l-armar edukattiv jintuża bħala metafora għall-assistenza offruta mill-għalliema lill-istudenti u li spiss tintuża flimkien mal-kunċetti tat-teorija soċjokulturali, fosthom taż-żona ta' żvilupp

imqarreb u l-medjazzjoni. Woolfolk (2016, p. 94) tisħaq li biex ikun hemm assistenza jew gwida fit-tagħlim, jeħtieġ li jiġi introdott l-armar edukattiv. Dan billi l-għalliem jifhem il-bżonnijiet tal-istudenti, u li tingħata informazzjoni u inkoraġġiment fil-ħin it-tajjeb. Imbagħad, gradwalment, tħalli lill-istudenti jagħmlu aktar u aktar xogħol waħedhom.

## 2.4 Approċċi simili għas-Soċjokulturaliżmu

### *2.4.1 Approċċ Komunikattiv*

Fit-tagħlim tal-lingwi, l-approċċ komunikattiv huwa approċċ li jenfasizza t-titjib tal-abbiltà komunikattiva. Prinċipalment, il-ħila li tkun kapaċi tħaddem prinċipji lingwistiċi sabiex tipproduċi sentenzi grammatikali u tifhem meta, fejn, u lil min għandek tuża ċerti sentenzi. Skont Richard (1997, ikkwotat f'Irmawati 2012, p. 90) l-approċċ komunikattiv huwa wieħed mill-approċċi importanti li jgħin lill-istudenti jikkomunikaw b'ċerta ħeffa u jesprimu ruħhom b'mod kunfidenti ma' individwi oħrajn. Dan l-argument huwa bbażat fuq il-kunċett li l-funzjoni primarja tal-użu tal-lingwa hija l-komunikazzjoni. Għal Hymes (1971, ikkwotat f'Sadoughvanini u Shamsudin, 2013), l-għan ewlieni huwa li l-istudenti jiżviluppaw kompetenza u ħiliet li jistgħu jkunu applikati f'sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-komunikazzjoni fil-ħajja reali.

Canale u Swain (1980) enfasizzaw l-importanza tal-approċċ komunikattiv fit-tagħlim tal-lingwi b'ħarsa lejn għan partikolari, li l-lingwi jintużaw għal skopijiet differenti. Huma ffokaw fuq erba' kompetenzi ewlenin: l-ewwel, il-kompetenza grammatikali, jiġifieri kliem u regoli. It-tieni, il-kompetenza soċjo-lingwistika, jiġifieri l-ħila li tuża lingwaġġ u li jkun xieraq għall-kuntesti soċjali. It-tielet, il-kompetenza tad-diskors, il-koeżjoni u l-koerenza; u r-raba', il-kompetenza strateġika, l-użu adegwat ta' strateġiji komunikattivi (Canale u Swain, 1980, ikkwotati f'Demirezen, 2011, p. 61). L-istudju tiegħi jixtieq jgħin lill-istudenti jżidu l-ħiliet komunikattivi tagħhom permezz tad-djar u l-bini, imdawrin b'sitwazzjonijiet reali li se jwasslu għall-erba' elementi ta' kompetenza msemmija minn Canale u Swain (1980, ikkwotati f'Demirezen, 2011). Riċerka li saret minn Martin (2015, p. 27) turi li meta l-għalliema jimplimentaw l-approċċ komunikattiv fit-tagħlim tal-lingwi, billi jużaw lingwaġġ awtentiku u jinkludu taħriġ ibbażat fuq sitwazzjonijiet reali u jippromwovu kollaborazzjoni

permezz ta' interazzjonijiet sinifikanti, ser jaraw titjib fil-komunikazzjoni reali, fl-impenn u l-motivazzjoni tal-istudenti.

### *2.4.2 L-Approċċ Orjentat lejn l-Azzjoni*

L-approċċ orjentat lejn l-azzjoni huwa l-bażi kunċettwali tal-proposta tas-CEFR tal-Kunsill tal-Ewropa (2001). Jingħad li l-approċċ orjentat lejn l-azzjoni jara lill-istudenti u lil kull min juża l-lingwa bħala aġenti soċjali, jiġifieri "members of society who have tasks (not exclusively language-related) to accomplish in a given set of circumstances, in a specific environment and within a particular field of action" (CEFR, 2001, p. 9). Fil-kuntest ta' klassi, kif imsemmi minn Delibaş u Günday (2016) l-għalliema jiggwidaw u jiffaċilitaw il-proċess tat-tagħlim. Dan ifisser li l-istudenti għandhom irwol attiv fil-proċess tat-tagħlim, u l-għan aħħari u l-irwol tal-għalliem hu: "to facilitate the acquisition of real or near-real learning environments" (p. 147) għall-akkwist ta' ħiliet lingwistiċi.

Fil-fatt, kif tistqarr Kaliska (2016), l-istudenti għandhom ikunu konxji tal-ħtieġa li josservaw il-kuntest soċjokulturali tal-lingwa barranija. L-istrutturi lingwistiċi kollha, il-vokabularju u l-aspetti grammatikali għandhom ikunu ppreżentati f'sitwazzjonijiet xierqa u awtentiċi li juru l-valur pragmatiku tagħhom. L-istudenti jiksbu ħiliet komunikattivi ġodda mhux biss billi josservaw, iżda billi jinteraġixxu ma' kelliema nattivi. Fl-aħħar mill-aħħar, biex iwettqu taħriġ marbut mal-approċċ orjentati lejn l-azzjoni, l-istudenti jeħtieġu għarfien tal-lingwa u kapaċità fl-użu tagħha, b'mod partikolari f'kuntesti soċjali u kulturali. Kull taħriġ soċjali jikkonsisti f'atti ta' diskors u ġabra ta' kliem li jippermettulhom jikkomunikaw għal skop speċifiku f'interazzjoni reali. Eżempji jinkludu kif jiffurmaw apoloġija, tislima, talba, ilment, stedina, kumpliment jew rifjut (CEFR, 2018).

## 2.5 L-Irwol tar-Riżorsi fit-Tagħlim

### *2.5.1 L-Għan u l-Applikazzjoni tar-Riżorsi fil-Qasam Edukattiv*

Kif stqarret tajjeb Bušljeta (2013), l-iskop li jintużaw ir-riżorsi ta' tagħlim fil-klassi huwa li jgħinu lill-għalliema bil-preżentazzjoni u t-trasmissjoni ta' kontenut, kisbiet u għanijiet

edukattivi. Barra minn hekk, jgħinu lill-istudenti jakkwistaw għarfien differenti u ta' valur. Bušljeta (2013) tkompli tisħaq li jekk nelenkaw xi kisbiet u għanijiet komuni fl-użu tar-riżorsi nsibu żieda fil-motivazzjoni tal-istudenti, żvilupp tal-kreattività, aktar inkoraġġiment u spazju għall-ħsieb u raġunament loġiku, lok għall-komunikazzjoni u interazzjoni, kif ukoll żvilupp ta' ħiliet differenti u ż-żamma ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet mixtieqa (p. 56). Għaldaqstant, kemm jekk dawn ir-riżorsi tat-tagħlim se jilħqu l-iskop u l-irwol tagħhom kif ukoll jekk ma jilħquhomx, jiddependi mill-użu korrett tagħhom fi ħdan il-proċess edukattiv (Bušljeta, 2013).

Bušljeta (2013) tkompli tiddefinixxi l-proċess tal-użu u l-għażla tar-riżorsi tat-tagħlim permezz ta' tliet fażijiet. L-ewwel fażi tirrikjedi l-għażla tar-riżorsa għat-tagħlim. F'din il-fażi għandhom jiġu meqjusa diversi fatturi għax huwa importanti li r-riżorsi li jintagħżlu jkunu adattati għat-tagħlim fil-mira, bħal kif jisħqu Camilleri Grima u Portelli (2017), l-għażla bir-reqqa tar-riżorsi hija l-fulkru sabiex ikun hemm komunikazzjoni u tagħlim effettiv bejn l-istudenti u l-għalliem. Portelli (2020) ukoll jistqarr li permezz ta' għażla tajba, dawn ir-riżorsi se jilħqu u jadattaw għall-bżonnijiet tal-istudenti. Bušljeta (2013) tkompli taqsam l-ewwel fażi f'ħames taqsimiet. L-ewwel waħda hija li l-għalliema jimxu skont l-għanijiet u l-bżonnijiet tat-taħriġ. Dan huwa l-pedament tal-proċess tat-tagħlim u jservi bħala punt ta' tluq fl-għażla tar-riżorsi. Norton (2000, ikkwotat f'Dörnyei and Ushioda, 2009) jisħaq li meta l-istudenti jitgħallmu lingwa, jagħmlu dan bil-ħsieb li se jakkwistaw firxa ta' riżorsi simboliċi u materjali li jtejbu l-għarfien kulturali u l-identità tagħhom. Għalhekk it-tagħlim ta' lingwa ma jfissirx biss li student jinvesti l-ħin tiegħu f'lingwa oħra iżda huwa wkoll investiment fl-identità tal-istudent stess.

Aspett ieħor li l-għalliema għandhom jieħdu nota tiegħu huwa l-personalità tal-istudenti. Fil-proċess tat-tagħlim u l-għażla tar-riżorsi, l-għalliema b'mod partikolari jridu dejjem iżommu f'moħħhom li kull student huwa speċjali u huwa definit minn kwalitajiet, żvilupp intellettwali, ħiliet soċjali, interessi, kapaċitajiet u stili ta' tagħlim differenti (Bušljeta, 2013). Għaldaqstant, l-għalliema għandhom bżonn riżorsi li huma ta' interess partikolari u relevanti għad-diversità fost l-istudenti biex jistimulaw l-interess tagħhom (NCF, 2012). Minkejja dan, Bušljeta (2013) tisħaq li għandu jkun hemm livell tajjeb ta' għarfien u abbiltajiet fi ħdan l-għalliema. Jekk l-għalliem, bħala mexxej, m'għandux għarfien u l-ħiliet meħtieġa sabiex jirrealizza l-potenzjal tar-riżorsi tat-tagħlim u l-irwol tagħhom fil-klassi dan

isir inkompetenti. Barra minn hekk, Bušljeta (2013) tkompli tisħaq li skejjel mingħajr għajnuniet għat-tagħlim u sistemi tajbin biex ir-riżorsi tat-tagħlim ikunu ppreżentati tajjeb, huma limitati meta jitqabblu ma' skejjel li għandhom dak kollu meħtieġ, bħal ngħidu aħna ma jkunx hemm bord interattiv fejn l-għalliema turi riżorsi diġitali. Dan jidher ukoll fil-Qafas għall-Kurrikulu Nazzjonali (2012, p.32) li r-riżorsi stimulanti u li jgħinu lill-istudenti jimirħu fl-għarfien għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli għal kulħadd.

It-tieni fażi, fi ħdan l-istudju ta' Bušljeta (2013), hija bbażata fuq il-preżentazzjoni u l-interpretazzjoni tar-riżorsi tat-tagħlim. Din il-fażi għandha tkun diretta b'tali mod li tagħti prijorità lill-proċessi ta' komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent, u l-istudent mal-klassi. Din il-fażi hija bbażata fuq id-determinazzjoni tar-raġunijiet għall-użu tar-riżorsa tat-tagħlim u t-tip tar-riżorsa, kif ukoll l-isem tar-riżorsa użata, l-isem tal-awtur u s-sors tagħha. Huwa ovvju li l-klassifikazzjoni tal-informazzjoni ppreżentata fir-riżorsi għandha tkun rilevanti għall-iskopijiet tal-lezzjoni. Fl-aħħar, l-għalliem għandu jiġbor l-informazzjoni li nkisbet, u joħloq konklużjoni dwar dak li sab.

It-tielet fażi fl-istudju ta' Bušljeta (2013) hija l-evalwazzjoni finali. Din hija l-evalwazzjoni tar-riżultati u l-effettività tar-riżorsa sabiex l-għalliem jikseb għarfien utli dwar il-kontribuzzjoni tar-riżorsa fil-kisba tal-għanijiet, u sabiex jiġu eliminati xi nuqqasijiet fl-għażla u l-mod ta' kif ġew preżentati. L-istess jingħad fid-dokument tal-Qafas għall-Kurrikulu Nazzjonali (2012, p .32) li jirrakkomanda l-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi, permezz ta' awtovalutazzjoni kontinwa li se twassal għal għarfien tajjeb tal-kwalità użata fir-riżorsi. Ma jonqsux ukoll sistemi ta' monitoraġġ u reviżjoni fi ħdan l-iskejjel, flimkien ma' sistema ta' reviżjoni esterna li dawn ma' xulxin se jaraw titjib fit-tagħlim akkademiku. Camilleri Grima u Portelli (2017) f'intervista ma' Gatt, jenfasizzaw li bħala evalwazzjoni, "l-għalliem għandu jara li kull riżorsa hija preċiża, adatta, effiċjenti u relevanti'' (p. 61).

Punt li jispikka ferm fl-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2014) huwa li skejjel li jagħmlu użu minn mudelli tajbin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ċerti riżorsi, u li dawn jiġu rriżultati u approvati bħala suċċess, għandhom ikunu identifikati u ċċelebrati mal-bqija tal-iskejjel. Ir-riżorsi tagħhom għandhom ikunu disponibbli sabiex diversi skejjel oħra jkunu jistgħu jfittxu u jifhmu aħjar is-suċċess u jingħataw pariri dwar l-applikazzjoni u l-ħolqien ta' ċerti riżorsi. Dan huwa dak li nixtieq nilħaq fir-riżorsi li ħloqt f'dan l-istudju, li għandhom ikunu aċċessibbli għall-istudent u l-għalliema. Għal riżorsi bil-Malti, dan il-kunċett diġà huwa

fis-seħħ kif jistqarr Gatt (2015, ikkwotat f' Camilleri Grima u Portelli, 2017), permezz ta' "malti.skola.edu.mt", "maltikurja.com" (p. 58) u "ilearn.edu.mt" (p. 59).

Fl-istudju tiegħi, dan kollu hu perfett fit-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija, tant li d-dokument tal-*Language Education Policy Profile* (2015) jenfasizza dwar kif l-għalliema ser ikunu mħeġġa joħolqu sitwazzjonijiet u riżorsi li jkunu interessanti b'mod intrinsiku, li jinkludu fihom il-kultura, barra l-grammatika u l-vokabularju. Bl-istess mod, f'dan l-istudju, jiena se nuża d-djar bħala element kulturali inkorporat fit-tagħlim.

### *2.5.2 Ir-Riżorsi Diġitali u Tradizzjonali*

L-influwenza tal-iżviluppi teknoloġiċi dejjem qed tiżdied u hija riflessa fis-soċjetà, u saħansitra fl-edukazzjoni. Dan għaliex, illum, l-istudenti għandhom interessi, prijoritajiet u fehmiet differenti dwar l-edukazzjoni u l-proċess edukattiv. Skont Bušljeta (2013) l-istudenti jridu edukazzjoni divertenti u dinamika, bl-użu ta' stampi diġitali fuq bord interattiv jew websites. Gatt (2013) jenfasizza li r-riżorsi diġitali huma fiċ-ċentru tal-istudju tal-lingwa, kemm f'oqsma akkademiċi mmirati biex jeżaminaw l-istruttura u l-funzjoni tal-lingwa kif ukoll f'oqsma aktar prattiċi.

Għaldaqstant, l-użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fl-edukazzjoni għandu l-impatti u l-benefiċċji tiegħu kif jiddiskutu Raja u Nagasubramani (2018), minħabba li l-istudenti jkunu aktar entużjasti biex jitgħallmu, l-użu tal-ICT jgħin lill-istudenti bi skedi impenjattivi billi jagħti libertà sabiex jaħdmu d-dar fil-ħin li jixtiequ u jagħti lill-istudenti l-opportunità li jitgħallmu ħiliet teknoloġiċi ġodda. Barra minn hekk, l-użu tal-ICT jippromwovi wkoll il-kunċett ta' ħarsien tal-ambjent billi jnaqqas l-użu tal-karti u l-fotokopji. Tinio (2002, ikkwotata f'Raja u Nagasubramani, 2018) tissuġġerixxi li l-ICT għandu impatt tremend fuq l-edukazzjoni f'termini ta' akkwist ta' għarfien kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema, permezz tal-promozzjoni ta' "active learning; collaborative and cooperative learning; creative learning; integrative learning and evaluative learning" (p. 34).

Barra minn hekk, fi studju mħarreġ minn Gaballo (2019), it-tagħlim permezz tat-teknoloġija jikkonferma li jagħmel id-differenza fit-titjib tal-ħiliet tat-tagħlim tal-istudenti

billi jipprovdi lill-istudenti ambjent virtwali li jitlaq mill-approċċ formali ffokat fuq l-għalliem bħala ċ-ċentru tat-tagħlim u jagħti lok għal aktar informalità; b'hekk jimxi għall-approċċ iffokat aktar fuq l-istudent. L-istess jingħad minn Portelli (2020) li t-teknoloġija f'ambitu akkademiku hija għodda meħtieġa għax fi kliemu stess, "Tiġbed l-attenzjoni tal-udjenza u tħalli impatt fit-tul" (p. 154). Bl-istess mod Gatt (2015) jistqarr li l-ICT għandu jitqies bħala mezz li permezz tiegħu l-għalliema jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom aħjar, fi kliem ieħor jagħmilha aktar faċli għall-istudenti tagħhom biex jimpenjaw ruħhom b'mod sħiħ fil-proċess tat-tagħlim. Anke d-dokument tan-NCF (2012, p. 37) jirrikonoxxi l-ħtieġa tal-ICT sabiex jinbidel minn attivitajiet ta' tagħlim ikkonċentrati fuq l-għalliem għal dawk iffukati fuq l-istudenti, billi jkollhom aċċess kemm għar-riżorsi lokali kif ukoll globali u billi jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tat-teknoloġiji.

Yunus, Nordin, Salehi, Hui Sun u Amin Embi (2013) sabu erba' vantaġġi irrappurtati mill-għalliem li intervistaw dwar l-użu tal-ICT fit-tagħlim tal-qari tal-lingwa. L-ewwel nett, huwa rrappurtat li l-użu tal-ICT jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tat-tagħlim tal-għalliem. It-tieni, intqal li l-użu tal-ICT kien ta' benefiċċju biex jiġbed l-attenzjoni tal-istudenti; tant li l-istudenti kienu aktar interessati fil-lezzjoni meta ntuża l-ICT. It-tielet vantaġġ kien li l-ICT jista' jgħin lill-istudenti jtejbu l-vokabularju tagħhom u jippermettilhom ifittxu t-tifsira tal-kliem fit-testi. Dan jista' jseħħ meta l-istudenti jaqraw testi online u jikkonsultaw ma' dizzjunarju online. F'din ir-riċerka ta' Yunus et al. (2013) irriżulta wkoll li meta l-istudenti bdew jaraw xi films b'sottotitli kien hemm saħansitra żvilupp lessikali.

Għandu jingħad ukoll li llum il-ġurnata, l-aktar minħabba l-COVID-19, għandna l-faċilità tat-teknoloġija u bil-permess tal-għalliem u l-linji gwida tal-iskola, l-istudent jista' jitlob rekord tal-lezzjonijiet u riżorsi tat-tagħlim. Persuna li bbenefikat minn dan kienet Rebecca Zammit Lupi (2020). Zammit Lupi kellha l-kanċer fit-tfulija u ddaħħlet l-isptar meta l-iskejjel kienu kwarantina. Hi kitbet fuq il-blog ta' missierha dwar kif ibbenefikat mill-fatt li l-iskejjel marru online. Dan għax fl-aħħar setgħet tingħaqad ma' sħabha tal-klassi u ssegwi l-lezzjonijiet b'mod virtwali.

Għaldaqstant, Gatt (2015) jargumenta li għalkemm il-vantaġġi tal-ICT fit-tagħlim għandhom potenzjal enormi, wieħed ma jistax inaqqas l-importanza tar-riżorsi tradizzjonali u l-irwol sinifikanti li l-għalliem għad għandu fil-proċess tat-tagħlim. Gatt (2015, ikkwotat f' Camilleri Grima u Portelli 2017) jgħid li għalkemm l-użu tat-teknoloġija huwa tajjeb

fit-tagħlim, jibqa' l-fatt li għal edukazzjoni ħolistika l-għalliem m'għandux jeħel f'dawk it-tip ta' riżorsi. Iżda l-istudenti għandhom ikunu esposti għal forom differenti ta' riżorsi sabiex jaqblu mal-ħiliet u l-preferenzi tagħhom.

F'intervista Gatt (2015, ikkwotat f'Camilleri Grima u Portelli, 2017) ikompli jisħaq li ħafna mit-tfal iqattgħu sigħat twal jużaw apparati elettroniċi mingħajr ma jikkomunikaw ma' ħadd. Għalhekk huwa essenzjali għall-għalliema li jagħtu lill-istudenti esperjenzi varjati b'lok għal komunikazzjoni reali. Għal Portelli (2020) ir-riżorsi tradizzjonali huma dawk magħmulin mill-karta, "Riżorsi li jinvolvu l-karta" (p. 141). Portelli jisħaq li dawn huma favoriti ferm fost l-għalliema minħabba "l-versatilità u l-prattiċità tagħhom." (p. 143).

Għalkemm it-teknoloġija fetħet il-bieb għal bosta opportunitajiet ta' innovazzjoni u tagħlim eċċitanti, l-influwenza ta' metodi tradizzjonali tat-tagħlim m'għandhomx jiġu sottovalutati. Permezz ta' sistema bilanċjata bejn l-ICT u l-kotba, l-istudenti jkollhom aċċess għal riżorsi varji li huma mibnija tajjeb u billi finalment jużaw l-informazzjoni u d-dettalji kollha li hemm x'joffru, kemm f'forma ta' ktieb kif ukoll b'mod diġitali. Kif jiddiskutu Camilleri Grima u Portelli (2017) "Ebda riżorsa mhi tajba jew ħażina fiha nnifisha; riżorsa ssir tajba jew ħażina skont l-użu li jsir minnha" (p. 53).

### *2.5.3 L-Importanza tal-Motivazzjoni fir-Riżorsi*

Gabarkiewicz (2019) jara l-motivazzjoni tal-istudenti bħala fenomenu li ''affects their enthusiasm to take part in the learning process.'' (p. 5). Gabarkiewicz (2019) ikompli jissuġġerixxi li l-għalliema identifikaw il-motivazzjoni bħala varjabbli sinifikanti li tiddefinixxi l-livell u l-kisba tal-istudenti fit-tagħlim tal-lingwi. Kif enfasizzat Johnson (2017), il-ħiliet tal-għalliema fil-motivazzjoni tal-istudenti għandhom jitqiesu bħala ċentrali għall-effettività tat-tagħlim. Dan għax studenti motivati huma ħerqana li jaħdmu ħafna iktar, jiffukaw aktar fuq l-eżerċizzji mogħtija, ma jeħtiġux inkoraġġiment u jistgħu saħansitra jistimulaw lil ħaddieħor li din ser tiffaċilita t-tagħlim kollettiv.

Barra minn hekk, il-motivazzjoni fl-użu tar-riżorsi tista' tinqasam f'aspetti differenti. Għalhekk, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn metodi ta' motivazzjoni użati f'riżorsi li jintużaw ma' studenti diġà motivati, u metodi oħrajn użati ma' studenti li mhumiex motivati.

Dan minħabba li l-mod ta' kif l-għalliema jiġbdu l-attenzjoni tal-istudenti ivarja skont il-motivazzjoni tagħhom u fatturi oħra. Woolfolk (2016) tistqarr li fil-klassi nsibu studenti li huma intrinsikament motivati, jiġifieri jħobbu s-suġġett. Min-naħa l-oħra se nsibu studenti li huma motivati b'mod estrinsiku, jiġifieri jeħtieġu xi tip ta' inċentiv jew premju biex ikunu interessati, bħal fil-każ ta' dan l-istudju, li noħloq riżorsi innovattivi u attraenti. F'dan il-każ huwa importanti li l-għalliema jħejju ruħhom skont it-tip ta' student, sabiex ikunu jistgħu jkunu fformulati riżorsi li jaqblu mal-livell ta' motivazzjoni tal-istudenti.

Madrid (2002, ikkwotat f'Bernaus, Wilson-Daily u Gardner, 2009) eżamina 319-il student u 18-il għalliem, osserva l-motivazzjoni tagħhom u qabbilha mal-istrateġiji użati fil-klassi. Irriżulta li l-aktar strateġija motivanti u li kienet b'saħħitha fost il-varjabbli kkontrollati, skont l-istudenti u l-għalliema kienet ''The use of audiovisual resources and new technologies'', fost oħrajn (p. 28). Allura, hawn nistgħu naraw rabta bejn ir-riżorsi diġitali u l-motivazzjoni.

Gatt (2015) iħares lejn ir-riżorsi, b'mod speċjali dawk diġitali, bħala mod kif l-istudenti huma mħeġġa jimpenjaw ruħhom fil-kitba u jirreveduha u b'hekk iżidu (i) il-motivazzjoni akkademika, (ii) l-involviment tagħhom fil-lingwa miktuba u (iii) żieda fil-kwalità tal-kitba. Gatt (2015) ikompli jargumenta li din iż-żieda fil-motivazzjoni hija dovuta għall-fatt li l-istudenti jużaw apparati teknoloġiċi ta' kuljum u għalhekk huma familjari magħhom. B'rabta ma' dak li jissuġġerixxi Gatt (2015), Alshenqeeti (2018) jargumenta li b'hekk hemm bżonn li tintuża t-teknoloġija fit-tagħlim tal-lingwi, minħabba li għandha l-potenzjal li tkattar il-motivazzjoni fl-istudenti. Ramachaudran (2004, ikkwotat f'Alshenqeeti, 2018, p. 5) jemmen li t-teknoloġija tippermetti lill-istudenti jużaw il-lingwa li qed jistudjaw b'mod aktar divers, f'firxa usa' ta' kuntesti. L-istudenti għandhom ukoll l-aċċess li jiddeċiedu l-istili u l-attivitajiet li jitgħallmu bihom, peress li hawnhekk il-grad ta' kontroll jitbiegħed mill-għalliema. Alshenqeeti (2018) jistqarr li bosta riċerkaturi jaslu għall-istess konklużjoni, jiġifieri li għandu jkun hemm firxa ta' materjali disponibbli, li jaħsbu għal stili ta' tagħlim differenti, u li għalhekk dan għandu rwol ewlieni fit-trawwim u l-promozzjoni tal-motivazzjoni.

### *2.5.4 Ir-Riżorsi u t-Tema tad-Djar u l-Bini*

Rigward riżorsi marbutin mat-tema tad-djar u l-bini diġà sar studju minn Spiteri (2018). Però, dan l-istudju kien immirat għal studenti fir-raba' sena tal-primarja u għall-adulti. Apparti minn hekk, li stajt insib huwa taħriġ fis-sit teleskola.mt, b'kontribuzzjoni ta' Abijel Dingli, għall-istudenti tal-għaxar sena li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija. Għaldaqstant, l-iktar li sibt riżorsi kien fis-sit malti.skola.edu.mt, bħal ngħidu aħna riżorsa tas-smigħ ta' Josette Baldacchino, lezzjoni għat-tagħlim ta' vokabularju marbut ma' ismijiet ta' djar Maltin ta' Fiona Camilleri u riżorsi għat-tagħlim tal-grammatika dwar in-nomi fil-maskil u fil-femminil tal-ismijiet tad-djar ta' Josefa Debono u Elodie Farrugia.

Nafu li biex tiġbed l-għajn tal-istudenti, l-għalliema jridu jiffukaw fuq tema li l-istudeni jistgħu jirrelataw magħha. L-użu ta' tema tqarreb lill-istudenti għad-dinja reali b'sitwazzjonijiet li jimitaw ir-realtà u li jistgħu jiffaċċjaw fil-ħajja ta' kuljum meta jkunu esposti għall-bqija tas-soċjetà. Proprju għalhekk li ser niffoka fuq it-tema tad-djar u l-bini billi noħloq riżorsi li se jgħinu lill-istudenti jikkomunikaw f'sitwazzjonijiet ta' kuljum. Dan l-istudju hu simili għax-xogħol ta' Scicluna (2019) li ħolqot permezz tar-riżorsi ta' Frawlina b'rabta mat-tema kulinari. Hija ħasra li m'hawnx daqstant riżorsi dwar din it-tema, proprju f'pajjiż mimli djar u bini, li ħafna minnhom għandhom storja rikka marbuta magħhom. Il-bini skont Gil (1976, ikkwotat f'Dover, 2016) huwa wieħed mill-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem u għalhekk jinsab kull fejn immorru, u huwa ta' importanza li l-istudenti jitgħallmu dwaru f'kuntest edukattiv.

### 2.6 Konklużjoni

Fl-ewwel parti ta' dan il-kapitlu tajt ħarsa lejn il-pedagoġija u kif din hija amalgamata mal-ħsibijiet ta' Lev Vygotsky. Fit-tieni parti ddiskutejt kunċetti ewlenin fit-teorija soċjokulturali u kif studjużi oħra rrelataw u interpretaw din it-teorija. Fit-tielet parti ffokajt fuq żewġ approċċi li huma relevanti għat-teorija soċjokulturali u li jidħlu kexxun fl-istudju tiegħi. Dan billi ħarist lejn xi stqarru xi studjużi dwar l-approċċ orjentat lejn l-azzjoni u l-approċċ komunikattiv. Fl-aħħar parti ta' dan il-kapitlu ddiskutejt l-irwol tar-riżorsi fit-tagħlim, ir-relazzjoni tar-riżorsi mat-tema prinċipali tad-djar u l-bini u kif dawn

jimmotivaw lill-istudenti tal-Malti bħala lingwa barranija, kif ukoll fittixt xi riżorsi li diġà jeżistu b'rabta mat-tema li qed nistudja u ddiskutejt l-importanza għall-ħolqien ta' riżorsi bħalhom. Fil-kapitlu li ġej, ser inħares lejn it-tema tad-djar u l-bini applikata fit-tagħlim, l-akkwist grammatikali u vokabularju ġdid u ħarsa lejn il-prepożizzjonijiet fil-Malti.

# 3. It-Tema tad-Djar u Bini ta’ Madwarna u t-Tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija

## 3.1 Daħla

Dan il-kapitlu jinqasam fi tliet partijiet differenti. L-ewwel parti ser tħares lejn it-tema prinċipali tad-djar u l-bini marbuta mat-tagħlim tal-lingwa barranija. Ser niddiskuti wkoll kif permezz ta’ din it-tema nakkwistaw valuri u wirt kulturali minħabba l-fatt li d-djar u l-bini jaġixxu bħala artefatti. Se niffoka wkoll fuq il-kunċett komunikattiv interkulturali u l-kunċett integrali fit-tagħlim tal-lingwa barranija. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-istess kapitlu ser tiffoka fuq l-akkwist ta’ grammatika u vokabularju ġdid li jinkisbu permezz ta’ metodi, strateġiji u tekniki differenti. Barra minn hekk, l-aħħar parti ser tittratta l-prepożizzjonijiet fil-Malti billi nħares lejn dak li stqarru xi studjużi intiżi f’dan il-qasam.

## 3.2 Id-Djar u l-Bini bħala Tema Prinċipali

Għażilt din it-tema għax il-bini jinsab kullimkien; tista’ tgħid f’kull rokna hemm xi forma ta’ bini. Il-Malti stess jgħid, ‘l-ewwel ma tiekol l-għajn’. Il-bini jżejjen pajjiż, jagħtih libsa storika b’wirt, kultura u identità li tagħmlu distint minn pajjiżi u kulturi oħrajn. Dan il-kapitlu se jagħti ħarsa lejn dak li Kim (2020) issejjaħlu l-kunċettwalizzazzjoni tal-pedagoġija tal-lingwa li tinvolvi lill-istudent b’mod sħiħ. Minflok ma ngħallmu l-lingwa daqslikieku kienet biss ġabra ta' vokabularju u grammatika, għandna bżonn naħsbu dwar il-lingwa bħala estenzjoni ta' ħafna aspetti tal-ħajja. Anke sempliċiment id-djar u l-bini jirriflettu dak li aħna bħala poplu, għax kif inhu mifhum minn Winston Churchill fid-diskors tiegħu fl-1943, il-binjiet li noħolqu huma riflessjoni tagħna u dak li naraw ta' valur. Iżda fl-istess ħin, min aħna u dak li huwa ta' valur għalina huwa riżultat tal-bini li fih ngħixu, naħdmu u nitgħallmu. Dan se jsaħħaħ lill-istudenti biex jitgħallmu lingwa barranija f’pajjiż barrani. Fil-fatt kif intqal minn barrani li intervistat Zammit (2020), li tmur tgħix Malta hija esperjenza eċċitanti u fl-istess ħin skoraġġanti għal diversi barranin, iżda għal uħud minnhom, din il-bidla fil-pajjiż tinkludi l-pressjoni żejda li tadatta għall-ħajja Maltija. Dan għax jiltaqgħu ma’ ostakoli kulturali li

naturalment jesperjenzaw, hekk kif jaslu f'pajjiż ġdid, speċjalment meta jkollhom jiffaċċjaw lingwa ġdida u normi kulturali ġodda.

Għaldaqstant, il-lingwa hija forma ta' komunikazzjoni verbali, filwaqt li l-arkitettura u l-bini huma forma ta' komunikazzjoni mhux verbali. Bħala forma ta' komunikazzjoni mhux verbali, bennej jew perit għandu jifhem sew kif jikkomunika f'dan il-lingwaġġ mhux verbali, sabiex l-iskop u l-għanijiet tal-bini jkunu jistgħu jintlaħqu (Lawson, 2001). L-ispazju fejn jiġi żviluppat il-bini bħala parti mill-arkitettura huwa aspett importanti u bażiku ħafna li jirrappreżenta komunikazzjoni ta' fluss ġenerali dwar l-ambjent (Lawson, 2001). Ħafna drabi, l-ispazju użat bħala parti integrali ta' bini jonqos milli jiġi kkomunikat b'mod tajjeb, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' ftehim mid-disinjaturi għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-bini (Lawson, 2001). Lawson jenfasizza wkoll li b'komunikazzjoni tajba permezz ta' ħsieb għaqli u r-realizzazzjoni tal-ambjent tal-bini, l-intenzjonijiet tal-kostruzzjoni ta' bini jistgħu jiġu aċċettati mill-ambjent li fih jinsab, fi kliem ieħor min-nies lokali.

Kif se jidher, b'dak li diġà ddiskutejt, it-tema tad-djar u l-bini se sservi ta' għodda edukattiva li se tqarreb lill-istudenti lejn il-kultura mdawra mal-lingwa studjata. Permezz ta' dawn l-aspetti l-istudenti se jkunu aktar affinati fl-istudju u fl-imħabba tagħhom lejn it-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija.

### *3.2.1 Id-Djar u l-Bini bħala Artefatt*

L-għalliema tal-lingwi dejjem kienu konxji li t-tagħlim tal-lingwa addizzjonali teħtieġ tagħlim dwar il-kultura tagħha (Kim, 2020). Kim (2020) tkompli li din, fil-fatt, hija waħda mir-raġunijiet primarji l-għala ħafna nies jitgħallmu l-lingwi, jiġifieri biex jesperjenzaw kulturi differenti mill-viċin, jempatizzaw ma' firxa usa' ta' nies u jrawmu l-kapaċità li japprezzaw esperjenzi umani varjati. Għalhekk, pedagoġija li turi kif il-kultura tista' tkun fiċ-ċentru tat-tagħlim tal-lingwi tista' tinvolvi lill-istudent b'mod sħiħ. F'dan il-każ, id-djar u l-bini bħala arkitettura u rikkezza kulturali huma artefatti li permezz ta' medjazzjoni adekwata, l-istudenti jitħarrġu fil-Malti b'mod sħiħ.

Barra minn hekk, Rapoport (1969, ikkwotat f'Adeniran, 2018) kompla jippreżenta l-ipoteżi tiegħu li l-forma tad-dar mhijiex sempliċement ir-riżultat ta' xi fattur wieħed, iżda hija l-konsegwenza ta' firxa sħiħa ta' fatturi soċjokulturali li jidhru fl-aktar termini wiesgħa tagħhom. B'dan Rapoport (1969, ikkwotat f'Lakawa, 2015) jisħaq li l-ordni soċjali f'soċjetà partikolari se tiddetermina kemm hi importanti l-kostruzzjoni tad-dar u x'għandu jkun hemm f'dar bħala indiġeni ta' soċjetà partikolari. B'hekk, billi jiġu inkorporati sitwazzjonijiet marbutin mal-bini fit-tagħlim tal-istudenti, ser jgħinhom jikbru fis-soċjetà Maltija. Dan billi jkunu jafu l-għamla tradizzjonali tad-djar Maltin, kif il-Maltin iqassmu djarhom u f'liema sular jew kmamar ipoġġu ċerti ornamenti. Rapoport (1969, ikkwotat f'Lakawa, 2015), kif jidher fit-tabella 3.1, jipprovdi wkoll mudell ta' komunikazzjoni mhux verbali li tista' tkun studjata permezz ta' lista ta' ħjiel potenzjali possibbli (Possible Potential Cues).

| | | |
|---|---|---|
| Physical Elements: | Vision: light and shade, light levels, light quality.<br>Greenery, presence of plants, controlled versus natural, type of planting, arrangement. | Shape, size, height, color, materials, textures, decorations, details, furniture, furnishings, etc.<br>Topography—natural or human made.<br>Age---new versus old. |
| | Spaces: quality, size, shape, enclosing elements, pavings, etc. | |
| | Smells: human made versus natural, such as industry. | Pleasant versus unpleasant, plants, flowers, the sea, etc. |
| | Sound: sound quality—dead versus reverberant, noisy versus quiet, | Human-made sounds (industry, traffic, music, talk, laughter, etc.) versus natural sound (wind, trees, birds, water, etc). |
| Social Elements: | People: languages spoken, behavior, their dress | Physical type, occupation, age, and sex, etc. |
| | Objects: signs, advertisements, foods, décor, fenses, plants and gardens, possession, etc. | |

*Tabella 3. 1: Lista ta' ħjiliet potenzjali possibbli. (meħuda minn: Lakawa, 2015, p. 99)*

Skont l-informazzjoni tat-tabella 3.1, Rapoport (1969, ikkwotat f'Lakawa, 2015) ifforma lista ta' ħjiel potenzjali possibbli, li s-sidien tad-djar għandhom bżonn jikkomunikaw lill-ambjent meta jibnu dar. Rapoport jistqarr li s-sidien għandhom joqogħdu attenti għal dak kollu li jissejjaħ elementi fiżiċi li jinfluwenzaw il-kostruzzjoni tad-dar u kif id-dar tadatta għall-ambjent tal-madwar. L-elementi fiżiċi jinkludu d-determinazzjoni tal-għażla tad-dekor tad-dar, il-kuluri u l-materjali tad-dar, id-daqs tad-dar, l-għoli, in-nisġa u d-dettall tad-dar, kif ukoll il-kostruzzjoni tad-dar. Dan nafuh fil-kuntest tad-djar Maltin, li qed naraw qabża minn kif id-djar tradizzjonali kienu jinbnew, pereżempju b'soqfa għoljin u issa qegħdin inxaqilbu lejn appartamenti u blokok fuq xulxin.

Madankollu, Sinha (2015) jiffoka fuq medjaturi simboliċi materjali bħal ngħidu aħna l-ambjent mibni, eżempju l-arkitettura u l-arranġament tar-raħal u tal-belt, kif ukoll il-pajsaġġ iffurmat b'mod uman bħax-xogħol tal-art ġeomorfiku. Għalhekk, it-tfassil ta' sistemi materjali-simboliċi jvarjaw minn diversi espressjonijiet soċjali. Madankollu, l-arkitettura fiha nnifisha tista' tkun fenomenu astratt ħafna. Tant li meta bini aljen għall-individwu jkun esperjenzat għall-ewwel darba, jaf ikun ta' sfida li tħares lejh. Dan għax huwa bini differenti minn dak imdorri. Kif stqarret Lavin (1993), l-arkitettura hija artefatt magħmul minn ħafna elementi, li kull wieħed jista' jiġi interpretat għalih. Bħala għodda għat-tagħlim, id-dettalji arkitettoniċi huma prodotti u wirt tal-artiġjan, id-disinjatur li ħalaqhom, il-bennej li bniehom u n-nies li ħadu ħsiebhom. Bħala artefatt, l-arkitettura hija manifestazzjoni fiżika ta' kunċetti bħal ħin, ideat, komunità, ekonomija, estetika u soċjetà (Lavin, 1993).

### *3.2.2 Il-Wirt u l-Valuri Kulturali*

It-tagħlim tal-lingwa jmur lil hinn mit-tagħlim ta' kliem u regoli bażiċi tal-grammatika jew tal-vokabularju. Sempliċement għax taf tgħid 'iva' u 'le' bil-Malti, ma jfissirx li tkun tista' tikkomunika ma' persuna b'mod sħiħ. Fil-fatt, hemm aktar komponenti li jidħlu fil-binja ta' konverżazzjoni ma' persuna nattiva milli dak biss li taqra f'dizzjunarju jew ktieb. Huwa għalhekk li ma tistax tipprova titgħallem lingwa barra mill-ambjent kulturali tagħha.

Skont Christina (2017), l-ambjent kulturali jippermettilek tagħti t-tifsira t-tajba lil kull kelma ġdida li titgħallem. Christina (2017) tisħaq li meta jkollok kisba tajba tal-isfond soċjokulturali, iktar ikun faċli li tinvolvi ruħek u titgħallem kliem, espressjonijiet u modi ta' kif titkellem. Biex titgħallem lingwa, il-kultura tal-pajjiż hija essenzjali għax din twassal għat-titjib fil-komunikazzjoni ma' persuni nattivi. Fil-fatt, ħafna mill-iskejjel sekondarji jinvestu fi programmi bħall-*iStudent Exchange* fejn jibagħtu studenti barra mill-pajjiż jew viċe-versa biex jippermettu lill-istudenti jitgħallmu l-lingwi fl-ambjenti kulturali tagħhom.

Madankollu, il-kultura nistgħu nħarsu lejha minn diversi faċċati u skont Kuo u Lai (2006), il-kultura tinkludi ideat, drawwiet, ħiliet, arti u għodda li jikkaratterizzaw grupp ta' nies f'perjodu ta' żmien partikolari. Dan jinkludi dak kollu li joħolqu l-istil ta' ħajja li ngħixu,

bħat-twemmin, il-valuri u l-oġġetti materjali. Il-kultura u l-lingwa spiss jiġu deskritti bħala kumplessi ħafna u li huma żewġ komponenti li dejjem jimxu id f'id. Kif diġà sħaqt, il-lingwa mhix biss is-somma totali ta' kliem, regoli grammatikali u binjiet ta' sentenzi, iżda hija wkoll valuri kulturali li jinvolvu sistemi soċjali u li jwasslu għal proċessi konjittivi. Għall-akkwist effettiv tal-lingwa, l-istudenti għandhom jifhmu dawn l-aspetti kulturali flimkien mal-prinċipji lingwistiċi. Kuo u Lai (2006) jistqarru li l-evoluzzjoni tal-lingwa ħafna drabi hija ffurmata mill-kultura tal-individwi li jitkellmu din l-istess lingwa. Ikomplu jsostnu li jekk tassew trid tikseb lingwa barranija, għarfien dwar il-kuntesti kulturali tal-lingwa fil-mira jista' jagħtik għarfien imprezzabbli dwar ċerti frażijiet li spiss huma mitkellma min-nies tal-lokal.

Għalhekk, meta ngħallmu l-lingwi, għandna ngħinu lill-istudenti jipparteċipaw f'sitwazzjonijiet reali tal-ħajja. It-tagħlim tal-lingwi jista' jqarreb lill-istudenti lejn id-dinja ta' persuni nattivi, u jista' jrawwem valuri soċjali u kulturali lokali. L-istudent mhux biss qed jitgħallem lingwa iżda qed jikseb pakkett ta' informazzjoni li jakkwista mal-esperjenza tat-tagħlim. F'dan l-istudju, din l-esperjenza se tinħass permezz tal-użu tad-djar u l-bini li jeżistu madwarna, kull fejn imorru. Skont Kim (2020), l-istudenti għandhom jifhmu li biex il-komunikazzjoni tkun ta' suċċess, l-użu tal-lingwa għandu jkun assoċjat ma' mġiba li hija kulturalment adattata. F'ħafna kuntesti l-kultura hija mgħallma b'mod impliċitu, jiġifieri mdaħħla fil-forom lingwistiċi li jitgħallmu l-istudenti barra mill-klassi, jiġifieri fil-ħajja ta' kuljum. Allura, sabiex l-istudenti jsiru konxji tal-karatteristiċi kulturali riflessi fil-lingwa li qed jistudjaw, l-għalliema jistgħu jisqu dawn il-karatteristiċi kulturali b'modi espliċiti, pereżempju permezz tal-użu ta' riżorsi li jinkorporaw d-djar u l-bini mat-tagħlim tal-lingwa.

Għaldaqstant huwa osservat minn Ali, Kazemian u Mahar (2015) li l-lingwa, ħafna drabi, tintuża f'kappa kulturali biex tħabbat u taqsam ideat u opinjonijiet differenti ma' ħaddieħor. Tant huwa hekk, li jekk ma tifhimx sew l-ambjent kulturali u l-imġiba soċjali tal-lingwa studjata, ser tirriżulta għal interpretazzjoni ħażina u tkissir fil-komunikazzjoni bejn l-individwi, kif ukoll ser twassal għal żbalji u nuqqasijiet ta' ftehim. Dan minħabba l-fatt li l-lingwa mhix sempliċement li tibgħat u tirċievi informazzjoni, iżda tiffunzjona bħala mġiba soċjali f'kuntest kulturali. Skont Emitt u Komesaroff (2003, ikkwotati f'Ali, Kazemian u Mahar, 2015) ma jiġix eskluż ukoll il-fatt li hemm ċerti diffikultajiet li huma kumplessi ħafna biex jinftiehmu u jiġu interpretati skont il-kuntest meħtieġ mill-istudenti barranin jew tat-tieni lingwa. Ali et al. (2015) ikomplu jispjegaw li numru ta' programmi mgħallma

tal-lingwa jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' ħiliet, jiġifieri smigħ, taħdit, qari u kitba, iżda xi drabi jeskludu t-tagħlim kulturali. Għaldaqstant, l-għarfien tal-kultura fil-mira mhux biss ser jiżviluppa kompetenza fil-komunikazzjoni ma’ persuni oħra, iżda wkoll iqajjem kuxjenza dwar l-użu tal-lingwa fil-komunikazzjoni interkulturali.

Ali et al. (2015) ikkonkludew li l-kultura hija parti importanti u integrali tas-soċjetà, li tittratta l-komunikazzjoni tal-lingwa minn individwi f'diversi sitwazzjonijiet. Fl-aħħar nett, Kramsch (2013) tistqarr li t-tagħlim tal-lingwa jinvolvi mhux biss li tikseb għarfien dwar il-lingwa iżda wkoll li tkun konxju ta' twemmin u valuri li jiffurmaw il-lingwa biex tikkonforma mal-kultura. Dan anke għall-fatt li titgħallem u titkellem lingwa barranija oħra huwa differenti ħafna mill-mod ta' kif jitgħallem u jitkellem il-kelliem nattiv, li twieled u kiber fis-soċjetà. B’hekk fil-qofol tagħha, il-lingwa hija mezz ta' komunikazzjoni li tissimbolizza, tinkorpora u tesprimi r-realtà kulturali.

### *3.2.3 Il-Kunċett Komunikattiv Interkulturali*

Il-kunċett tal-komunikazzjoni interkulturali ġie introdott għall-ewwel darba minn Trager u Hall fl-1954 (Makhmudov, 2020). Fir-riċerka ta’ Makhmudov (2020), il-komunikazzjoni interkulturali hija interpretata bħala l-għan ideali li individwu għandu jsegwi biex jadatta aħjar u b’mod aktar effettiv mad-dinja ta' barra u n-nies ta’ madwaru. Hawnhekk il-kunċett tal-komunikazzjoni interkulturali huwa meqjus bħala l-iskop ewlieni tal-pedagoġija tal-lingwa. Barra minn hekk, Rymes (2014) jistqarr li l-komunikazzjoni interkulturali titlob li l-istudenti tal-lingwa jiżviluppaw repertorji kemm lingwistiċi kif ukoll kulturali, liema ħiliet jippermettulhom jinnavigaw b'mod effettiv fl-aspettattivi lingwistiċi u kulturali tagħhom. B'hekk, skont Porto, Houghton u Byram (2017) huwa ideali li jkollok kompetenza xierqa fil-komunikazzjoni interkulturali. Li individwu jkun komponenti fil-komunikazzjoni interkulturali jfisser li jkollu l-ħila jinteraġixxi b'mod effettiv billi juża riżorsi lingwistiċi u mhux verbali ma' nies minn pajjiż ieħor f'lingwa barranija u li tirrelata b'mod xieraq f'varjetà ta' kuntesti kulturali (Porto et al., 2017).

Byram (2012) ikompli jispjega li n-nies jużaw il-lingwa biex jipparteċipaw u joħolqu attivitajiet soċjali, etiċi u emozzjonali. Komunikazzjoni interkulturali effettiva sseħħ meta

l-istudenti tal-lingwa jistgħu jinteraġixxu b'mod effettiv f'lingwa ġdida ma' membri ta' kulturi differenti. Hawnhekk, skont l-istess Byram (2014) huwa iktar importanti għall-istudenti li jersqu eqreb lejn il-mod ta' għajxien u mġiba tal-kelliema nattivi. Kif issostni Hornberger (2009), l-edukazzjoni multilingwi toffri "the best possibilities for preparing coming generations to participate in constructing democratic societies in globalized and intercultural world" (p. 197). Kim (2020) taqbel ma' Hornberg (2009) li l-komunikazzjoni interkulturali hija għan etiku kif ukoll konjittiv u prattiku. Hi tipprevedi dinja mtejba li fiha aktar nies jitkellmu bosta lingwi u li b'hekk ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod produttiv ma' oħrajn għax tgħallmu l-kultura permezz tal-lingwa, u l-lingwa permezz tal-kultura.

Kif jingħad minn Ruiz u Spínola (2019), il-ħajja aktar ma tmur aktar qed tiżdied id-diversità fost il-popli, u għalhekk it-tagħlim tal-lingwa barranija m'għandux ikun strumentali biss, iżda għandu jistabbilixxi għan ġdid biex iħarreġ lill-studenti b'kompetenza komunikattiva interkulturali ħalli jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-dinja globalizzata tagħna. Il-kompetenza komunikattiva interkulturali għandha tkun integrata fl-edukazzjoni sabiex tippermetti lill-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-karatteristiċi ta' pajjiżi oħra u jżidu l-għarfien tagħhom dwar id-diversità kulturali tal-pajjiż. Skont Camilleri Grima (2020), il-kompetenza interkulturali hija interpretata b'dan il-mod:

> "Il-ħila li wieħed jittraxxendi l-limitazzjonijiet tal-viżjoni kulturali tiegħu, u jirnexxilu jinterpreta mod differenti ta' ħajja billi jispjegaha lil ta' madwaru. Biex jagħmel dan ikun jeħtieġlu li jkollu attitudni ta' sensittività, interess, rispett, empatija, aċċettazzjoni u dispożizzjoni li jirrelata u jaqsam ma' oħrajn li jkollhom esperjenzi kulturali differenti minn tiegħu."
>
> (Camilleri Grima, 2020, p. 79)

Finalment, it-titjib tal-kompetenza komunikattiva interkulturali tgħin lill-istudenti fl-għarfien tagħhom infushom u ta' oħrajn ibbażati fuq għarfien ta' kif membri ta' komunitajiet differenti jgħixu fl-ambjent lokali tagħhom. Fi kliem ieħor, dawk li jitgħallmu l-lingwa għandhom isiru osservaturi kritiċi u sistematiċi tal-imġiba kulturali, attitudnijiet u twemmin li jimmotivaw dawn l-imġibi u b'hekk l-istudent jixtarr dak li josserva. Barra minn hekk, l-istudenti għandhom jesploraw u jifhmu l-kultura tal-post u jkunu ppreparati biex

jispjegawha lil dawk li għandhom kultura differenti ħafna minn tagħhom. Dan il-proċess se joħloq ċiklu li permezz tat-tagħlim, dak li se jirċievi l-istudent ser jittrasmettih lill-oħrajn u b'hekk isir medjatur kulturali.

### *3.2.4 Il-Kunċett Integrali*

It-tagħlim dwar kif jgħixu u jitkellmu n-nies nattivi jintroduċi naħa integrali għal-lingwa, li jżomm lil dak li jkun interessat fil-proċess tat-tagħlim u jgħin b'mod speċjali lill-istudenti jinteraġixxu aħjar ma' kelliema nattivi. L-integrazzjoni soċjali, skont Beacco (2008, ikkwotat f'Yilmaz, 2017), hija spiss ivvalutata abbażi tal-għarfien tal-kultura u l-istorja tas-soċjetà li qed tilqa' lill-barranin, il-ħiliet interkulturali kif ukoll il-profiċjenza fil-lingwa tas-soċjetà u l-involviment mal-ħajja tal-komunità. Madankollu, Yilmaz (2017) jiddiskuti li fil-prattika, li ssir kompetenti f'lingwa bl-ebda mod ma jfisser li sirt awtomatikament midħla tal-kultura u l-valuri tal-komunità ospitanti jew li sirt aċċettat mis-soċjetà. Dan għal fatt li, billi jkollok l-abbiltà li titkellem lingwa sew ma jfissirx li qed tuża l-lingwa b'modi li jippromwovu l-integrazzjoni kulturali u soċjali mal-bqija tal-komunità.

Fl-istudju tagħhom, Micallef Cann u Spiteri (2014) juru kif studenti fil-livell sekondarju jħarsu lejn il-lingwa Maltija u Ingliża. Xi wħud mill-istudenti ta' dan l-istudju, qalu li jekk ma tkunx kompetenti fil-Malti ser tkun eskluż mill-Maltin. Barra minn hekk, il-parteċipanti li ħadu sehem fir-riċerka ta' Cefai, Keresztes, Galea u Spiteri (2019) jistqarru li l-Malti huwa importanti għall-integrazzjoni fis-soċjetà Maltija. Komplew jistqarru li l-Malti huwa bżonjuż biex jissoċjalizzaw, joħolqu kuntatti ġodda u jagħti aċċess għall-opportunitajiet fil-komunità.

Minkejja li fis-sistema edukattiva, l-integrazzjoni u l-kultura tal-pajjiżi huma fost il-komponenti l-aktar popolari, l-akkwist b'suċċess tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti titqies bħala waħda mill-komponenti ewlenin (Extra, Spotti u Van Avermaet, 2009, ikkwotati f'Yilmaz, 2017). Kostakopoulou (2010) jisħaq li minħabba n-nuqqas ta' livelli ta' integrazzjoni, xi stati Ewropej introduċew xi forma ta' programmi ta' taħriġ obbligatorji dwar il-lingwa u l-kultura, kemm għall-immigranti ġodda kif ukoll għall-immigranti li diġà jgħixu fil-pajjiż ospitant sabiex

jgħammruhom aħjar b'għarfien tal-lingwa, tas-soċjetà, tal-Istorja, tal-kultura u tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż ospitant.

## 3.3 L-Akkwist ta' Vokabularju Ġdid

### *3.3.1 L-Importanza tal-Vokabularju*

L-ewwel nett, ħafna drabi l-vokabularju jiġi definit bħala kliem li rridu nkunu nafu biex nikkomunikaw b'mod effettiv; kliem fit-taħdit li jissejjaħ vokabularju espressiv u kliem fis-smigħ jiġifieri vokabularju riċettiv (Neuman u Dwyer, 2009). Skont Wu (2012) l-akkwist tal-vokabularju tat-tieni lingwa huwa l-proċess li bih in-nies jitgħallmu vokabularji f'lingwa oħra wara l-akkwist tal-ewwel lingwa, dik nattiva. L-akkwist tal-vokabularju ta' lingwa barranija huwa differenti mill-akkwist tal-vokabularju tal-ewwel lingwa għax studenti li qed jitgħallmu l-lingwa tagħhom diġà żviluppaw sistema kunċettwali u semantika marbuta mal-ewwel lingwa. M'hemm l-ebda dubju li f'numru ta' modi, l-ewwel lingwa teżerċita influwenza konsiderevoli fuq it-tagħlim u l-użu ta' vokabularju tal-lingwa barranija. F'termini ta' problemi fit-tagħlim, ġeneralment huwa kkunsidrat li għall-istudenti li l-ewwel lingwa tagħhom hija relatata mill-qrib mal-lingwa barranija, l-ostakli tat-tagħlim tal-biċċa l-kbira tal-kliem mhumiex daqshekk diffiċli. Madankollu, għal studenti li l-ewwel lingwa tagħhom mhix relatata mal-lingwa barranija li qed jitgħallmu, id-diffikultà fit-tagħlim hija akbar.

L-għarfien tal-vokabularju ħafna drabi jitqies bħala għodda importanti għall-istudenti tal-lingwa barranija minħabba li vokabularju limitat jimpedixxi milli jkun hemm komunikazzjoni b'suċċess. Din l-enfasi fuq l-importanza tal-akkwist tal-vokabularju jitkellem dwaru Schmitt (2000, ikkwotat f'Susanto, 2017) li jisħaq li l-għarfien lessikali huwa ċentrali għall-kompetenza komunikattiva u għall-akkwist ta' lingwa oħra minn dik nattiva. Għalhekk, l-akkwist tal-vokabularju huwa kruċjali immense għax huwa primarjament iċ-ċavetta għall-komunikazzjoni tajba. L-istudjuż Folse (2004, ikkwotat f'Ali, Mukundan, Baki u Mohd Ayub, 2012) irreveda ċerti miti dwar il-vokabularju. Wieħed minn dawn il-miti huwa li l-vokabularju mhuwiex importanti fit-tagħlim ta' lingwa barranija daqs il-grammatika jew oqsma oħra. Biex iħassar dan l-iżball komuni ħafna, Folse jistqarr li l-agħar tipi ta' komunikazzjonijiet seħħew meta l-individwu ma jkunx jaf il-vokabularju b'mod xieraq.

Għalhekk, vokabularju wiesa' jippermettilek tiżviluppa ħiliet oħra, kif jisħaq ir-riċerkatur lingwistiku Nation (Nation u Hunston, 2013) li vokabularju rikk jagħmel il-ħiliet tas-smigħ, tat-taħdit, tal-qari u tal-kitba aktar faċli biex twettaqhom. L-akkwist tal-vokabularju, b'hekk, huwa ċiklu ta' fażijiet li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal komunikazzjoni aħjar, kif jintwera fil-figura 3.1. Għaldaqstant, skont Elgort u Nation (2010), meta l-memorja ma tkunx mgħobbija bi ħsibijiet dwar ortografija korretta, pronunzja u l-użu kuntestwali tal-kliem, tista' tikkonċentra aktar fuq aspetti ta' livelli ogħla tal-lingwa, bħall-użu ta' strutturi preċiżi ta' sentenzi u espressjonijiet xierqa għat-tip ta' konverżazzjoni li tkun għaddejja. Għalhekk, iktar ma tkun taf kliem, aktar titgħallem.




*Figura 3. 1: Iċ-ċiklu tal-akkwist tal-vokabularju (meħuda minn: Pekka, 2013, p. 1)*

### ***3.3.2 It-Tekniki u l-Istrateġiji fit-Tagħlim tal-Vokabularju***

Hawnhekk, se jiġu diskussi wħud mit-tekniki użati fit-tagħlim tal-vokabularju kif spjegaw Brewster, Ellis u Girard (1992, ikkwotati f'Alqahtani, 2015):

1) L-użu ta' oġġetti. L-oġġetti jistgħu jintużaw biex jgħinu lill-istudenti jiftakru aħjar il-vokabularju, għax il-memorja tagħna għall-oġġetti u l-istampi hija affidabbli ħafna u t-tekniki viżwali jistgħu jaġixxu bħala indikazzjonijiet biex niftakru l-kliem.
2) It-tpinġija ta' oġġetti. Dawn jistgħu jitpinġu fuq il-bord jew fuq leħħiet, sabiex jgħinu lill-istudenti jifhmu u jirrealizzaw faċilment il-punti ewlenin li tgħallmu fil-klassi.
3) L-użu ta' illustrazzjonijiet u stampi. Dawn jgħaqqdu l-għarfien li diġà għandhom l-istudenti ma' storja ġdida, u fil-proċess jgħinuhom jitgħallmu kliem ġdid.

4) Tikkuntrasta kliem ma' xulxin, xi kliem huwa spjegat b'mod aktar faċli meta l-għalliema jikkuntrastawh mal-oppost tiegħu, eżempju l-kelma *fuq* ikkuntrastata mal-kelma *isfel*.
5) L-użu ta' enumerazzjoni. L-enumerazzjoni hija ġabra jew lista ta' oġġetti li huma relatati ma' xulxin. Din it-teknika tgħin meta xi kelma tkun diffiċli biex tispjegaha viżwalment u għalhekk nistgħu ngħidu *karozza* u nispjegawha billi ninnumeraw/nelenkaw diversi oġġetti li huma relatati magħha. B'hekk, l-istudenti jkollhom stampa aktar ċara tal-oġġett u dawk li huma simili tiegħu.
6) L-użu ta' espressjonijiet u ġesti. L-użu ta' ċerti ġesti huwa utli fl-espressjoni tal-wiċċ fuq il-komunikazzjoni. Ħafna kelmiet jistgħu jkunu introdotti permezz ta' espressjonijiet u ġesti. Pereżempju, aġġettivi: *ferħan* jew *imdejjaq*.
7) Fl-aħħar it-traduzzjoni. Anke jekk it-traduzzjoni ma toħloqx ħtieġa jew motivazzjoni biex l-istudenti jaħsbu dwar it-tifsira tal-kelma, f'xi sitwazzjonijiet it-traduzzjoni tista' tkun effettiva għall-għalliema, bħal meta tiltaqa' ma' vokabularju inċidentali waqt il-qari ta' storja.

Minbarra t-tekniki hemm ukoll strateġiji fit-tagħlim tal-vokabularju għall-istudenti li qed jitgħallmu lingwa barranija. Schmitt u McCarthy (1997, ikkwotati f'Alqahtani, 2015) ipproponew strateġiji biex l-istudenti jitgħallmu l-vokabularju b'mod sħiħ. L-ewwel strateġija hija li tifhem it-tifsira mill-kuntest. Dan huwa bbażat fuq il-fatt li jekk il-kuntest huwa mfisser tajjeb, mela dan huwa biżżejjed biex jagħti ħjiel adegwat biex l-istudenti jidentifikaw it-tifsira tal-kelma. It-tieni strateġija hija l-użu ta' sistemi mnemoniċi. Meta l-istudenti jaraw jew jisimgħu l-kelma fil-mira, l-istudent jiġi mfakkar bil-kelma muftieħ. It-tielet strateġija hija pitazzi apposta tal-vokabularju. Huwa ssuġġerit li permezz ta' pitazz mimli b'lista ta' vokabularju b'tifsiriet u eżempji, biex titgħallem l-oġġetti l-ġodda tal-vokabularju, tgħin fl-għajnuna tal-memorja fit-tagħlim indipendenti jew awtonomu.

### *3.3.3 It-Tagħlim tal-Vokabularju*

Skont Alqahtani (2015), meta jseħħ il-proċess tat-tagħlim, huwa inevitabbli li l-għalliema jħabbtu wiċċhom ma' diversi diffikultajiet. Dan minħabba l-fatt li għandhom bżonn ikunu

ċerti li l-metodu tat-tagħlim użat mal-istudenti huwa effettiv sabiex jiksbu riżultati sodisfaċenti. Barra minn hekk, l-għalliema għandhom jippreparaw u jsibu strateġiji xierqa, li se jiġu implimentati mal-istudenti u li huma adattati għall-bżonnijiet tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, hija r-responsabbiltà tal-għalliem li jipprepara lilu nnifsu b'tekniki u strateġiji varji u aġġornati mad-dinja moderna tal-lum.

Għalhekk, l-għalliema jeħtieġu li l-ewwel ikunu kompetenti fil-materjal li qed jiġi mgħallem sabiex jinftiehmu mill-istudenti u jagħmluhom interessati u motivati fil-proċess tat-tagħlim u t-tagħlim fil-klassi. Għaldaqstant, l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom li t-tagħlim tal-vokabularju huwa xi ħaġa ġdida u differenti mill-ewwel lingwa tal-istudent, u b'hekk teħtieġ ċerta attenzjoni.

### *3.3.4 Attivitajiet tal-Vokabularju*

Kif diġà kien diskuss, it-tagħlim tal-vokabularju huwa element essenzjali biex takkwista lingwa. Patterson (2018) fix-xogħol tiegħu introduċa bosta attivitajiet divertenti għall-prattika tal-vokabularju. L-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jipprovdu varjetà ta' stili għat-tagħlim, jeħtieġu ftit ħin biex jinħadmu, huma adattati għal-livelli varji u fl-aħħar mill-aħħar iżidu l-motivazzjoni tal-istudenti. Bħal kif ser jidher fil-Figura 3.2, permezz tal-użu ta' leħħiet.

Din l-attività tagħti lill-istudenti l-opportunità li jitħarrġu fl-għarfien tal-kliem li jafu permezz tar-ripetizzjoni. Din tinkludi element ta' sfida personali li l-istudenti jistgħu jsibuhom aktar motivanti meta jifhmu aħjar xi jfisser ċertu kliem. Eżempju bil-Malti ta' dan jidher fil-Figura 3.2.




*Figura 3. 2: Leħħa bil-Malti*

It-tieni riżorsa mistħarrġa minn Patterson (2018) hija Borrinu (*Snowman*) jew kif inhi magħrufa aktar bħala *Hangman*. Din l-attività ma teħtieġ l-ebda preparazzjoni u tista' tintuża kemm bħala reviżjoni tal-vokabularju jew bħala introduzzjoni għal suġġetti ġodda. Għaldaqstant, huwa xieraq li f'ambjent edukattiv nużaw il-kelma Borrinu milli *Hangman*. Dan għax il-viżjoni grafika tat-tpinġija ta' raġel imdendel fil-verżjoni tradizzjonali tal-logħba tista' tkun daqsxejn kontroversjali meta użata fil-klassi u taf tbiegħed xi wħud mill-istudenti mit-tagħlim. Għalhekk, alternattiva għal dan hija li jitpenġa borrinu. Però mhux bilfors jitpenġa borrinu, jista' jitpenġa karattru popolari jew kwalunkwe oġġett ieħor, bħal ngħidu aħna xi annimal. Bażikament f'din l-attività, għal kull ittra ħażina li jgħidu l-istudenti l-borrinu jibda jitpenġa kif muri pass, pass fil-Figura 3.3.




*Figura 3. 3: L-attività tal-Borrinu*

Attività oħra hija t-tellieqa tal-vokabularju (*vocabulary race*). Din l-attività, skont Cover (2009), hija tajba biex tgħin lill-istudenti jiffriskaw il-memorja u biex l-istudenti jiftakru u jipprattikaw il-vokabularju li diġà jafu. Hawnhekk, l-istudenti jingħataw ħin allokat għal numru ta' kategoriji differenti. Huma jeħtieġu li jagħtu tliet kelmiet jew kemm jistaqsi

l-għalliem, li huma relatati mal-kategorija rispettiva, u eżempju ta’ dan huwa mogħti fil-Figura 3.4.

Kategorija

| Kuluri | Verbi | Nomi |
| --- | --- | --- |
| Aħmar | Fetaħ | Mejda |
| Isfar | Qabeż | Siġġu |
| Aħdar | Mexa | Karozza |

Kliem relatat mal-kategorija

*Figura 3. 4: It-Tellieqa tal-Vokabularju*

Patterson (2018) jispiċċa billi jitkellem dwar riżorsa marbuta ma’ attività dwar l-istejjer. Din ir-riżorsa hija utli biex tiġbed l-attenzjoni għall-partijiet tad-diskors u fl-istess waqt qed tuża stejjer li huma ta’ interess għall-istudenti. Din ir-riżorsa tinkludi storja miktuba lesta bi spazji vojta biex l-istudenti jimlewhom bi kliem adattat. Għaldaqstant, l-istudenti huma megħjuna minn struzzjonijiet ta’ x’għandha tkun il-kelma, kif jidher fil-figura 3.5. Barra minn hekk, Portelli (2020) jiddeskrivi dan l-eżerċizzju ta’ *imla l-vojt* bħala taħriġ magħluq, li jfisser li tweġiba waħda biss hija tajba. F’dan il-każ il-kelma fil-vojt ser tkun waħda partikolari u m’hemmx lok għal tweġibiet differenti.

Toni kien miexi lejn id-1)_________. Meta wasal sab kaxxa 2)______ tistennieh. Toni beda jaqra l-indirizz ta’ fuq il-kaxxa biex jara minn fejn ġiet. L-indirizz kien 3) ________, 4)____________________, 5)___________________. Xħin ra dak l-indirizz induna li kienet 6)__________li xtara fi Frar għal għeluq snin ommu. Għalhekk, sabiex ommu ma tarahx Toni ħeba r-rigal fil-7)__________ tal-kamra tas-8)__________.

Kliem muftieħ:

| | | | |
| --- | --- | --- | --- |
| 1) Post | 2) Aġġettiv | 3) Numru | 4) Isem ta’ triq |
| 5) Raħal | 6) Oġġett | 7) Post fejn taħbi l-affarijiet | 8) Kamra fejn torqod |

*Figura 3. 5: Eżerċizzju ta’ imla l-vojt*

## 3.4 L-Akkwist ta' Grammatika Ġdida

### *3.4.1 L-Importanza tal-Grammatika*

Skont Dalil (2013), il-grammatika għandha rwol sostanzjali biex tirregola l-użu u l-applikazzjoni tal-lingwa u tagħti lill-utent tal-lingwa l-għodda neċessarja biex jibni sentenzi kompluti u sinifikanti. Għalhekk, l-irwol tal-grammatika jista' jieħu ħafna forom u jista' jvarja skont is-sitwazzjoni u l-kuntest li fih tintuża. Il-grammatika b'mod kumpless hija l-materjal primarju li jippermettilna nitkellmu dwar il-lingwa. Hija sistema u ġabra ta' kliem li jiffurmaw sentenzi, kif ukoll hija l-mezz li bih jistgħu jitpoġġew flimkien b'mod preċiż. Is-sabiħ tal-grammatika huwa li għalkemm il-kelliema nattivi jistgħu subkonxjament ifasslu l-lingwi tagħhom mingħajr ebda tip ta' istruzzjoni espliċita jew formali, xorta waħda ma jistgħux jitkellmu dwarha jew jispjegaw xi wħud mill-irregolaritajiet tagħha mingħajr ma jkunu tgħallmuhom.

Cook (2016) tisħaq li l-grammatika hija ċ-ċentru tal-lingwa u din għandha tkun ta' interess vitali għal kull persuna. Skont Ellis (2013), il-grammatika tipprovdi lill-istudent b'għarfien dwar kif jissawru l-istrutturi tal-lingwa u tikkontribwixxi għal kif jesprimu ruħhom b'mod xieraq. Pereżempju, student li qed jistudja l-Malti bħala lingwa barranija u ma jafx il-grammatika, bħal ngħidu aħna l-partijiet tad-diskors, huwa mqabbel ma' mużiċist li ma jafx in-noti tal-mużika.

### *3.4.2 Il-Metodi użati fit-Tagħlim tal-Grammatika*

Fit-tagħlim ta' lingwa barranija huwa importanti li l-proċess tal-ħakma tal-lingwa jitmexxa bl-aħjar mod possibbli. It-tagħlim tal-grammatika għandu jkun iffaċilitat permezz tar-regoli u l-mod didattiku magħżul. Il-grammatika hija biss aspett wieħed fit-tagħlim tal-lingwi barranin. Madankollu hija kemm mezz kif ukoll kundizzjoni għall-attività komunikattiva u għalhekk, għal dan l-għan għandha tkun mgħallma sew. Ovvjament, il-metodi użati għat-tagħlim għandhom jirriflettu l-grammatika adattata għall-ħtiġijiet tal-istudenti. Kif tispjega tajjeb Camilleri Grima (2020), qatt mhu se jkun hemm metodu jew teknika solitarja

li fuqu jista' jiġi mmuntat programm edukattiv. B'hekk, għandhom jiġu użati metodi u riżorsi differenti fil-klassi.

Dalil (2013) jiddiskuti tliet metodi ewlenin fit-tagħlim tal-grammatika għal-lingwa barranija. L-ewwel jibda billi jispjega l-metodu dirett, li huwa metodu li ġie ppreżentat minn Charles Berlitz fil-bidu tas-seklu għoxrin (Ugwu, 2015). Berlitz isostni li l-prinċipju bażiku ta' dan il-metodu huwa li t-tagħlim ta' lingwa barranija huwa simili għat-tagħlim tal-ewwel lingwa (Ugwu, 2015). F'dan ir-rigward, għandu jkun hemm ħafna interazzjonijiet orali, użu spontanju tal-lingwa, l-ebda struzzjoni fil-lingwa nattiva u ftit tagħlim grammatikali u sintattiku. Skont Bolulu (2019), il-metodu dirett jipprovdi mod eċċitanti u interessanti fit-tagħlim ta' lingwa barranija permezz tal-attivitajiet. Essenzjalment jgħin biex jeħles lill-istudenti mill-eżitazzjoni ta' spiss assoċjata mat-taħdit ta' lsien barrani, partikolarment fl-istadji bikrija (Rivers, ikkwotat f'Bolulu, 2019). Barra minn hekk, fl-istudju ta' Bolulu ntwera li t-tagħlim dirett fl-istadji bikrin jiftaħ opportunitajiet aħjar fit-tagħlim indipendenti permezz ta' approċċi inqas strutturati.

It-tieni metodu spjegat minn Dalil (2013) huwa l-metodu tat-traduzzjoni grammatikali (*grammar-translation method*). Dan il-metodu oriġina fil-bidu tas-seklu sittax mit-tagħlim tal-Latin. Permezz tat-traduzzjoni tal-grammatika l-istudenti jitgħallmu regoli grammatikali u mbagħad japplikaw dawn ir-regoli billi jittraduċu sentenzi bejn il-lingwa fil-mira u l-lingwa nattiva tagħhom. Dan il-metodu għandu żewġ għanijiet ewlenin, l-ewwel wieħed huwa li jiżviluppa l-kapaċità tal-qari tal-istudenti biex jaqraw materjal letterarju fil-lingwa mmirata, u t-tieni biex ikabbru l-iżvilupp intellettwali ġenerali tal-istudenti. Għalhekk, dan il-metodu jiffoka fuq l-attivitajiet tal-qari u l-kitba peress li jiżviluppa tekniki li jiffaċilitaw it-tagħlim ta' dawk il-ħiliet. B'hekk, hawnhekk, l-attivitajiet tat-taħdit u s-smigħ huma kompletament injorati.

L-aħħar metodu diskuss minn Dalil (2013) huwa l-metodu awdjo-lingwistiku. Il-metodu awdjo-lingwistiku huwa magħruf ukoll bħala l-metodu tal-armata, li huwa metodu tat-tagħlim ta' lingwa barranija. Dan il-metodu ġie żviluppat mil-lingwista Bloomfield u huwa bbażat fuq it-teorija tal-imġiba (*behaviourist theory*). Dan il-metodu huwa sa ċertu punt simili għall-metodu dirett għax it-tnejn jaqblu li l-istudenti għandhom jiġu mgħallma l-lingwa b'mod dirett mingħajr ma jkollhom jirrikorru għal-lingwa nattiva biex jispjegaw uħud

mill-kliem jew ir-regoli grammatikali. Però, għall-kuntrarju tal-metodu dirett, il-metodu awdjo-lingwistiku ma jiffokax fuq it-tagħlim tal-vokabularju. Dan il-metodu pjuttost jiċċentralizza l-għalliem li jħarreġ lill-istudenti fl-użu tal-grammatika permezz tal-memorizzazzjoni (Alemi u Tavakoli, 2016).

## 3.5 Il-Prepożizzjonijiet fil-Malti bħala Lingwa Barranija

Hawnhekk, ser niddiskuti l-prepożizzjonijiet fil-Malti billi nħares lejn dak li stqarru xi studjużi tal-grammatika Maltija. Barra minn hekk, bħala suġġett, il-prepożizzjonijiet Maltin huma vasti, u b'hekk ser inkun qed niddiskuti biss xi aspetti bażiċi li huma adattati għall-istudenti tal-iskola Medja u Sekondarja li jinsabu fil-livell elementari jiġifieri livell A1 u A2 skont il-Common European Framework of Reference for Languages (CEFR).

Qabelxejn, tajjeb li jissemma li l-prepożizzjonijiet jaqgħu taħt l-umbrella tal-partiċelli. Il-partiċelli huma kelmiet li permezz tagħhom tinħoloq rabta jew relazzjoni bejn kliem oħra f'sentenza. Għalhekk, il-prepożizzjonijiet huma kliem li juru rabta u relazzjoni bejn in-nomi jew pronomi.

### *3.5.1 Caruana F.S. (1925)*

Caruana (1925), fl-artiklu *Il-grammatika Maltija fiċ-ċokon* li ġie ppubblikat f'*Il-Malti*, kiteb dwar il-partiċelli. Għaldaqstant, jiena ser niffoka biss fuq il-partijiet li jikkonċernaw il-prepożizzjonijiet Maltin. F'dan l-artiklu, Caruana jaqsam il-prepożizzjonijiet f'żewġ taqsimiet.

Fl-ewwel taqsima Caruana jelenka dawk il-partiċelli li jistgħu jingħaqdu mal-kelma ta' warajhom, eżempju: *bi*, *fi* u *xi*. Filwaqt li *bħal, għal, lil, magħ (ma'), tagħ (ta'), sa, minn, da(n), di(n)* u *ġo* jibqgħu għalihom quddiem il-kelma.

Caruana (1925) jkompli jispjega li:

- Meta l-kelma ta’ wara jkollha l-ewwel żewġ ittri, waħda vokali u l-oħra konsonanti, il-vokali *i* taqa’ u flokha jidħol appostrofu, eżempju: *bi > b’rebħa, fi > f’għar* u *xi > x’qallek*.
- F’każ li l-ewwel żewġ ittri tal-kelma huma konsonanti, dawn l-istess prepożizzjonijiet (*bi, fi* u *xi*) jibqgħu l-istess, eżempju: *bi sħab*, *fi ħdan* u *xi xtrajt*.
- Meta l-kelma jkollha sillaba waħda, dawn il-prepożizzjonijiet jistgħu jingħaqdu mal-kelma, eżempju: *xħin* u *flok*. Punt li jispjega Caruana (1925) huwa li *xi*, meta tfisser *waħdiet*, tinkiteb dejjem sħiħa, eżempju: *xi nies, xi tfal* u *xi wħud* mhux *x’uħud*.

Fit-tieni taqsima tal-istess artiklu, Caruana jkompli jispjega li:

- *Bħal, għal, lil, magħ (ma’), tagħ (ta’), sa, minn, da(n), di(n)* u *ġo* biss jingħaqdu mal-artiklu u jsiru *bħall-, għall-, lill-, mal-, tal-, sal-, mill-, dal-, dil-* u *ġol-*. Għaldaqstant, l-artiklu jingħaqad meta l-kelma ta’ quddiem tkun tibda bil-konsonanti, eżempju: *Bħall-ħobż, mas-siġġu, dix-xafra* u *ġol-ħajt*.
- Meta *ma’* u *ta’* jingħaqdu mal-artiklu l-*għ* taqa’, eżempju: *mal-mejda.* Madankollu quddiem kelma li tibda b’vokali, il-*ma’, ta’* u *sa* jsiru *m’ommi, t’hawn* u *s’issa*.
- *Minn* biż-żieda tal-artiklu ssir *mill-*, iż-żewġ *nn* jinbidlu f’*ll*, eżempju: *mill-viċin*. Meta ż-żewġ *ll* ta’ *bħall-, għall-, lill-* u *mill-* jiġu quddiem kliem li jibda b’konsonanti xemxija (*x, ċ, ġ, d, s, t, ż, z, l, n, r*) dawn jassimilaw, eżempju: *bħat-tinda, lis-serp* u *mil-Libja*.
- *Lil* xi drabi tinħass *il* jew *l,* però m’għandhiex titħallat mal-artiklu *l-*. B’hekk tinkiteb *’il* jew *’l*, eżempju: *Sejjaħ ’il Mark* u *sejjaħlu ’l hawn*. F’każ li *lil* tkun bl-artiklu din tinkiteb *’il-* jew *’l-,* eżempju: *Sejjaħ ’il-mara tiegħu*. Barra minn hekk, meta l-kliem li jieħu *lil* ma jkunx irid l-artiklu, irridu noqogħdu attenti li niktbu *lil* (*’il, ’l*) u mhux *lill-* (*’ill-, ’l-*), eżempju: *’l Alla* imma *’l-allat*.
- Fl-akkużattiv ma jiħdux il-partiċella *lil,* eżempju: *Rajt lil xi ħadd* (lil xi persuna) imma *Rajt xi ħaġa*. B’hekk, *rajt ’il Pawlu* (lil Pawlu) u *rajna ’l-aqbud* (lill-maqbud) imma *rajt ktieb* u *rajna l-ktieb tiegħek*.

Caruana (1925) jagħlaq billi jagħti parir ta’ kif wieħed għandu jkun jaf meta jikteb *bħall-, għall-* u *lill-* jew *bħal, għal* u *lil*. Caruana jispjega li biex inkunu nafu liema niktbu rridu

npoġġu *ta'* jew *tal-* qabel il-kelma. Eżempju jekk qabel il-kelma *ħbieb* fil-kuntest li użata fih toqgħod *tal-* mela tinkiteb *bħall-ħbieb;* jekk toqgħod *ta'* mela tinkiteb *bħal ħbieb*.

| **Ta'** | **Tal-** |
|---|---|
| Bħal | Bħall- |
| Lil | Lill- |
| Għal | Għall- |

*Tabella 3. 2: Il-prepożizzjoni ta' u tal- bħala mudell*

### *3.5.2 Albert Borg u Marie Azzopardi-Alexander (1997)*

Borg u Azzopardi-Alexander (1997) jittrattaw il-prepożizzjonijiet fil-Malti kif jinħadmu f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti jiddiskutu kif il-prepożizzjonijiet fil-Malti jieħdu sura differenti meta jirrepetu ruħhom. Dan jidher fil-prepożizzjoni *fuq*, li meta tkun ripetuta, tfisser bl-Ingliż "lightly" (Borg u Azzopardi-Alexander, 1997, p. 264).

- Meta ngħidu; *Toni għamel xogħol ta' fuq fuq*. Hawnhekk, ir-ripetizzjoni qed turi li x-xogħol sar malajr, ta' kafkaf.
- Kif ukoll meta ngħidu; *Iddeskrivili fuq fuq xi ġralek meta weġġajt*. Bl-istess mod hawnhekk ir-ripetizzjoni qed tindika li m'hemmx bżonn ħafna dettalji fid-deskrizzjoni mitluba. Anzi trid tkun waħda ta' fuq fuq, jiġifieri deskrizzjoni sempliċi.

Prepożizzjoni oħra diskussa u li tmur lil hinn mill-għan prepożizzjonali tagħha hija *bejn.* Ħafna drabi, din il-prepożizzjoni fil-Malti tintuża biex turi kemm fadal biex isseħħ xi ħaġa. Kif jistqarru Borg u Azzopardi-Alexander (1997, p. 264), il-prepożizzjoni *bejn* tradotta għall-Ingliż biex turi kemm fadal hija "approximately".

- Bħal meta ngħidu; *Fadalli bejn wieħed u ieħor sitt minuti oħra biex nasal*.

Fit-tieni parti, Borg u Azzopardi-Alexander (1997) jitfgħu ħarsithom lejn kif il-prepożizzjonijiet jistgħu jingħaqdu mal-pronomi personali. Fost il-prepożizzjonijiet, Borg u Azzopardi-Alexander jinkludu: *fejn*, *flok*, *fuq, lil*, *minn*, *madwar, maġenb*, *matul, qrib*, *quddiem* u *qabe*l. Fil-każ ta' *qabel*, għall-ewwel, it-tieni u t-tielet persuna maskili singular,

il-kelma tibdel is-sura tagħha għall-*qabl-*. Filwaqt li għat-tielet persuna femminili singular u plural tiġi *qabil-*.

Għaldaqstant, prepożizzjonijiet li jispiċċaw b'vokali jsirulhom ċerti tibdiliet fis-suffissi.

1) fl-ewwel persuna singular is-suffiss *-i* jinbidel għal *-ja*.
2) fit-tieni persuna singular is-suffiss *-ek* jinbidel għal *-k*.
3) fit-tielet persuna maskil singular is-suffiss *-u* jinbidel għal *-h*.

Dan jidher fil-prepożizzjonijiet *fi* u *bi*.

- *fi: Toni daħal fija, Toni daħal fik* u *Toni daħal fih.*
- *bi*: *Toni daħak bija, Pawlu daħak bik* u *Pawlu daħak bih.*

Barra minn hekk, il-prepożizzjoni *ħdejn* u *lejn* iwaqqgħu l-aħħar *-n,* jiġifieri biz-zokk *ħdej-* u *lej-*. B'hekk, is-suffissi tal-pronomi ma' dawn it-tnejn tal-aħħar huma l-istess bħal fil-każ ta' *fi*. Il-prepożizzjoni *wara* ssegwi wkoll din il-paradigma, iżda biz-zokk *waraj-*. Kif ukoll, *għal* u *kontra* jsegwu l-paradigma ta' *fi* però biz-zokk *għali-* u *kontri-*. Hemm ukoll alternattiva oħra għas-suffiss tal-ewwel persuna fis-singular. Ma' nomi u prepożizzjonijiet, is-suffiss ġeneralment ikun *-i/-ja* filwaqt li mal-verbi, is-suffiss ikun *-ni*. Madankollu, fil-prepożizzjonijiet *fi* u *bi,* dan is-suffiss verbali jista' jseħħ ukoll billi jagħti interpretazzjoni verbali. Eżempju: *Toni daħal fija* u *Fini x'tara daqskemm jiena gustuż*.

Barra minn hekk, Borg u Azzopardi-Alexander (1997) jispjegaw kriterji oħrajn li jitħaddmu ma' ċerti prepożizzjonijiet. Eżempju l-prepożizzjoni *fost* tieħu s-suffissi tal-plural biss. *Bejn* tista' tintuża bħala espressjoni meta ngħidu: *Tgħid lil ħadd; dan id-diskors huwa bejni u bejnek*. Kif ukoll, ċerti prepożizzjonijiet ma jieħdux suffissi però, minflok, jiġu segwiti minn prepożizzjoni oħra: *sa* > *sa fejn*, *ġewwa* > *ġewwa fija*, *ġo* > *ġo fik* u *barra* > *barra minna*.

### *3.5.3 Brother Henry F.S.C. (2004)*

Fil-ktieb *Grammatika Maltija,* Brother Henry (2004) jiddiskuti wkoll il-prepożizzjonijiet billi l-ewwel jispjega x'inhuma l-partiċelli. Dan billi naturalment iddedika introduzzjoni żgħira

dwar il-funzjoni ewlenija tal-partiċelli. Jistqarr li dawn huma kliem li l-skop ewlieni tagħhom huwa li juru konnessjoni bejn kliem, frażijiet u sentenzi. Brother Henry jispjega kif dawn il-partiċelli jistgħu jkunu kemm:

1) Magħżulin, jiġifieri kliem waħdu, eżempju: *fi* jew *ġo*,
2) Mehmużin, jiġifieri magħqudin mas-suffissi pronominali, eżempju: *fik* jew *taħtek*,
3) Magħqudin, jiġifieri meta kelmtejn jiffurmaw kelma waħda, eżempju: il-kelmtejn *għal* u *hekk* li flimkien jiffurmaw *għalhekk*.

Imbagħad, Brother Henry (2004) jipproċedi billi jispjega d-diversi funzjonijiet u kwalitajiet tal-prepożizzjonijiet fil-Malti:

- L-ewwel punt huwa introduzzjoni dwar il-prepożizzjonijiet, li dawn huma kliem li juru r-rabta u r-relazzjoni bejn in-nom jew pronom li trieġi l-kelma nnifisha.
- It-tieni punt jelenka l-prepożizzjonijiet kollha bil-Malti: *għand, bejn, taħt, qabel, bi, minn, bħal, fuq, ma', lejn, fi, għal, ta', biex, sa, fost, wara, isfel, fiex, lil, bla, għajr, ħdejn, quddiem, lura, 'il, 'l* u *ħlief.*
- It-tielet punt jispjega kif il-prepożizzjonijiet jistgħu jingħaqdu ma':

    - L-artiklu, bi kliem bħal: *bi > bil-, fi > fil-, ma' > mal-, ta' > tal-, sa > sal-, minn > mill-, lil > lill-,* għal > *għall-* u *bħal > bħall-*.

    - Pronomi mehmużin ma' kważi kull prepożizzjoni, eżempju: *fik, minnek, tagħha u bħalna.* Brother Henry (2004) iżid ma' dan, li l-prepożizzjonijiet *għand* u *bi* bis-suffissi pronominali ninqdew bihom bħala verbi, eżempju: *għandi l-ġuħ* u *bini l-għatx*. Għalkemm 'bi' bħala verb ftit li xejn għadha tintuża.

- Ir-raba' punt jispjega kif il-prepożizzjonijiet jistgħu jitqassru u dawn jinqasmu f'żewġ tipi:

    - Dawk li jkunu quddiem kelma li tibda b'vokali, *għ* jew *h*. Jiġifieri *ma', ta'* u *sa*, eżempju: *m'ommi*, *t'Alla* u *s'hawn*.

    - Dawk li jkunu quddiem kelma li tibda b'vokali, *għ*, *h* jew konsonanti. Jiġifieri *bi, fi* u *xi,* eżempju, *b'idi, f'rokna* u *x'karozza*.

- Il-ħames punt; il-prepożizzjoni *xi* mhux dejjem titqassar, eżempju f'sentenzi bħal:

*kilt xi larinġa* jew *ixtrili xi banana*.

- Is-sitt punt; quddiem kelma li tibda b'konsonanti Xemxija, l-artiklu jinhemeż mal-prepożizzjoni, eżempju: *Ħriġt fit-triq, Morna sax-xifer* u *Wara l-iskola jiena għad-dar*.

- Għas-seba' punt ser nagħmel rimarka li minn meta nkiteb dan il-ktieb kien hemm xi deċiżjonijiet meħuda rigward xi prepożizzjonijiet li jingħaqdu mal-artiklu. Brother Henry (2004) jispjega li *ma', ta'* u *sa* m'għandhomx jingħaqdu mal-artiklu meta l-kelma ta' quddiem tibda b'vokali. Dan m'għadux aktar fis-seħħ għax kif tgħid ir-regola ġdida 3.2.6 f'Deċiżjonijiet numru wieħed (2008, p. 8) "Il-prepożizzjonijiet *ġo, ma', sa, ta'* mal-artiklu. Il-prepożizzjonijiet *ġo*, *ma', sa* u *ta'* jingħaqdu dejjem mal-artiklu, anke quddiem kliem li jibda bil-vokali, bl-*għ* u bl-*h*". Għaldaqstant, ma' dan il-punt Brother Henry (2004) ikompli jispjega li:

  - *Bil-* u *fil-* quddiem kelma li tibda b'vokali u xi drabi b'*għ* u *h* jsiru *bl-* u *fl-*, eżempju: *bl-ajru jew fl-għar*.

  - *Lil, għal* u *bħal* jieħdu l-artiklu quddiem nom definit però mhux quddiem nom indefinit, eżempju: *kellimt lill-bidwi* (definit) u *kellimt lil bidwi u tlaqt* (indefinit). Nota ma' din, *lill-, għall-* u *bħall-* quddiem kelma li tibda bil-konsonanti *l* jinkitbu *lil-, għal-* u *bħal-,* eżempju: *lil-lavrant, għal-Libja u bħal-lewż*.

- It-tmien punt jispjega kif il-prepożizzjonijiet lil, għal u bħal ma jiħdux l-artiklu quddiem:

  - L-ismijiet tan-nies, eżempju: *lil Pawlu, għal Toni* u *bħal Ġorġ*,

  - L-ismijiet ta' xi pajjiżi, irħula u bliet, eżempju: *bħal Malta u għal Franza*,

  - Nomi bil-pronom mehmuż, fl-istat kostrutt jew bħala kumpliment, eżempju: *għal ħuk* u *għal mart Pawlu*,

  - Pronomi, eżempju: *lil ħadd, għal dan* u *bħal xulxin*,

- Partiċelli, eżempju: *lil hemm, għal hawn* u *bħal issa*.

- Fid-disa' u l-aħħar punt Brother Henry (2004) jagħlaq billi jisħaq li l-prepożizzjoni *lil* jew *lill-* tinkiteb imqassra b'dan il-mod:

- Bejn żewġ konsonanti *lil* tinkiteb *'il* u *lill-* tinkiteb *'il-*. Eżempju: *rajt 'il ħuk* u *rajt 'il-ħabib tiegħek.*

- F'każ li l-kelma ta' qabel tispiċċa b'vokali jew ta' wara tibda b'vokali *lil* issir *'l* u *lill-* ssir *'l-*. Eżempju: *tlabt 'l Alla* u *tlabna 'l-Qaddis Patrun tar-raħal.*

### *3.5.4 Karl Scicluna, Saviour S. Agius u Chris Giordano (2018)*

Għall-fini tal-istudju tiegħi mill-ktieb *Inħaddem il-Malti Tajjeb* ta' Scicluna, Agius u Giordano (2018) ser inħares lejn l-ewwel, it-tielet u r-raba' parti tar-raba' kapitlu li jittratta l-prepożizzjonijiet. Dan għax huma adattati għall-istudenti tal-Malti bħala lingwa barranija fil-livell A1 u A2.

Fl-ewwel parti, Scicluna et al. (2018) jispjegaw il-prepożizzjonijiet u kliem qasir ieħor li huwa komuni. Scicluna et al. (2018) jiddefinixxu l-użu tal-prepożizzjoni bħala kelma qasira li toqgħod quddiem kelma jew frażi biex turi affinità bejn kliem jew frażijiet differenti f'sentenza. Barra minn hekk, jiġu elenkati diversi prepożizzjonijiet:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bejn | Fejn/ħdejn | Lejn | Sa/s’ |
| Bħal | Fi/f’/ġo/ġewwa | Lil/’il/’l | Ta’/t’ |
| Bi/b’ | Flok/minflok | Ma’/m’ | Taħt |
| Biswit/ħdejn/maġenb | Fi ħdan/fost/qalb | Mingħand | Wara |
| Bla/mingħajr | Għajr/ħlief/apparti | Minn | Xi/x’ |
| Dwar/fuq | Għal | Qabel | |
| Faċċata/quddiem | għand | Qrib/viċin | |

*Tabella 3. 3: Prepożizzjonijiet*

Għaldaqstant, fit-tielet parti, Scicluna et al. (2018) jispjegaw il-prepożizzjonijiet mal-artiklu definit. Huma jistqarru li l-prepożizzjonijiet kollha jieħdu nom bl-artiklu definit warajhom. Però, ftit minn dawn il-prepożizzjonijiet jingħaqdu dejjem mal-artiklu. Dawn il-prepożizzjonijiet li dejjem jingħaqdu mal-artiklu huma:

| | | |
|---|---|---|
| Bi + l- = bil- | Għal + l- = għall- | Sa + l- =sal- |
| Bħal + l- = bħall- | Lil + l- = lill- | Ta’ + l- = tal- |
| Fi + l- = fil- | Ma’ + l- = mal- | |
| Ġo + l- = ġol- | Minn + l- = mill- | |

*Tabella 3. 4: Prepożizzjonijiet li dejjem jingħaqdu mal-artiklu*

Scicluna et al. (2018) ikomplu jispjegaw kif fit-taħdit, *mill-* spiss titlissen l-istess bħal *mal-***.** Bħal meta ngħidu: *Toni beda jilbes mill-ewwel.* (flok *mal-*ewwel). Hawnhekk, il-ħoss tal-vokali *i* jinbidel f’*a* minħabba l-armonija vokalika. Din il-bidla tal-vokali twassal biex wieħed jikteb prepożizzjoni flok oħra. B’hekk wieħed għandu jiftakar li:

- *Mal-* hija *ma' + l-*. Eżempju: *Mal-ewwel ċans li jkollok ejja sal-uffiċċju*.
- *Mill-* hija *minn + l-*. Eżempju: *Dalgħodu daħal qattus mill-ħajt tal-bitħa.*

Barra minn hekk, il-prepożizzjonijiet *bħall-*, *għall-*, *lill-* u *mill-* għandhom konsonanti doppja fit-tarf għax jispiċċaw bil-konsonanti *l* u magħhom jiżdied l-artiklu *l-*. Meta jingħaqdu ma' nomi li jibdew bil-konsonanti *l*, isiru *bħal-*, *għal-*, *lil-* u *mil-*. Dan iseħħ għax ma jistax ikun hemm tliet konsonanti *l* ma' kliem li jibda bl-istess konsonanti. B'hekk, *l* waħda miż-żewġ *ll* fil-prepożizzjoni trid taqa', għax l-artiklu jitqies bħala parti mill-kelma.

Fir-raba' parti tar-raba' kapitlu, Scicluna et al. jispjegaw il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjonijiet. Huma jisħqu li ħafna mill-prepożizzjonijiet jieħdu l-pronomi mehmużin magħhom, però dawn ivarjaw skont jekk il-prepożizzjoni tispiċċax b'konsonanti jew b'vokali, kif jidher f'din it-tabella:

| **Persuna** | **Pronomi mehmużin** (ma' prepożizzjoni b'konsonanti fl-aħħar) | **Pronomi mehmużin** (ma' prepożizzjoni b'vokali fl-aħħar) |
|---|---|---|
| Jiena | -i | -ja |
| Inti | -ek/-ok | -k |
| Huwa | -u | -h |
| Hija | -ha | -ha |
| Aħna | -na | -na |
| Intom | -kom | -kom |
| Huma | -hom | -hom |

*Tabella 3. 5: Il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjonijiet*

Biex nuri dan f'kuntest ser nagħti eżempju bil-prepożizzjoni *taħt* u *fi*:

| Persuna | **Pronomi mehmużin** (ma' prepożizzjoni b'konsonanti fl-aħħar) | **Pronomi mehmużin** (ma' prepożizzjoni b'vokali fl-aħħar) |
|---|---|---|
| Jiena | Taħti | Fija |
| Inti | Taħtek | Fik |
| Huwa | Taħtu | Fih |
| Hija | Taħtha | Fiha |
| Aħna | Taħtna | Fina |
| Intom | Taħtkom | Fikom |
| Huma | Taħthom | Fihom |

*Tabella 3. 6: Il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjoni taħt u fi*

Scicluna u sħabu jkomplu jispjegaw kif fil-każ tal-prepożizzjonijiet *ħdejn* u *lejn*, meta jieħdu l-pronom mehmuż jitilfu l-ittra *-n* tal-aħħar, bħallikieku jispiċċaw b'vokali bħal dawk tat-tieni kolonna f'tabella 3.5, eżempju: *ħdejja* u *lejja*. Bl-istess mod, il-prepożizzjoni *għal* tieħu l-pronomi mehmużin maz-zokk *għali-* u b'hekk tieħu l-pronomi mehmużin tat-tieni kolonna daqslikieku tispiċċa b'vokali, eżempju: *għalija* u *għalih*. Għall-kuntrarju ta' dan, il-prepożizzjonijiet *fejn* u *bejn* jieħdu l-pronomi mehmużin tal-ewwel kolonna, eżempju: *fejni* u *bejni*. Barra minn hekk, meta mal-prepożizzjonijiet *ta'* u *ma'* jiżdiedu l-pronomi mehmużin, jinkitbu bl-*għ*, eżempju: miegħi, tiegħek, magħha u tagħha. Scicluna et al. jagħlqu billi jelenkaw prepożizzjonijiet u kliem qasir li ma jiħdux pronomi mehmużin: *apparti, bla, faċċata, ġo, ġewwa, qalb, sa* u *xi/x'*.

### 3.6 Konklużjoni

F'dan il-kapitlu bdejt billi tajt ħarsa lejn l-importanza tat-tema prinċipali tad-djar u l-bini fit-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija. Iddiskutejt ukoll kif din it-tema tista' sservi bħala artefatt fit-tagħlim u kif tiġbor fiha mezz jew opportunità ta' tagħlim li fiha nnifisha tħaddan wirt u valuri kulturali. Barra minn hekk, analizzajt u ħarist lejn studjużi li ddiskutew l-aspett integrali u komunikattiv interkulturali li jitħaddnu mat-tema prinċipali, b'tali mod li tqarreb lill-istudenti kemm lejn it-tagħlim kif ukoll lejn l-interazzjoni mal-oħrajn.

Fit-tieni parti ta' dan l-istess kapitlu, iddiskutejt dwar l-akkwist tal-vokabularju, tekniki u strateġiji użati fit-tagħlim tal-vokabularju, kif l-istudent jista' jitgħallem il-vokabularju u l-attivitajiet ideali li jistgħu jintużaw fi ħdan it-tagħlim, sabiex jgħinu fit-twessigħ tal-vokabularju. Bl-istess mod iddiskutejt l-akkwist grammatikali u l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika lil studenti li qed jistudjaw lingwa barranija, kif ukoll iddiskutejt ċerti metodi li huma famużi u użati ferm fit-tagħlim ta' lingwa barranija. Fl-aħħar parti ta' dan il-kapitlu ħarist lejn xi stqarrew diversi studjużi dwar il-prepożizzjonijiet fil-Malti, minħabba li jintużaw ħafna f'sitwazzjonijiet marbuta mat-tema tad-djar u l-bini.

# 4. Il-Metodoloġija

## 4.1 Daħla

F'din it-taqsima se niffoka fuq il-metodoloġija applikata, li biha weġibt il-mistoqsijiet tar-riċerka u ħloqt ir-riżorsi. Fl-ewwel parti ta' dan il-kapitlu se jiġi diskuss l-isfond tar-riċerka, jiġifieri l-epistemoloġija li ntużat għal dan l-istudju, kif ukoll il-metodu tar-riċerka użat f'din it-teżi. Dan se jsir permezz ta' ħarsa lejn dak li ddiskutew xi studjużi dwar il-metodoloġija pedagoġika u dwar il-metodu ta' żvilupp ta' riżorsi. Fit-tieni parti niddiskuti l-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett MaltiTek billi niddeskrivi kif taħdem is-sistema tal-korrezzjoni fil-ġabradata l-*Ġabra* u nuri l-korrezzjoni nnifisha tal-erba' verbi billi niddiskuti xi żbalji li ltqajt magħhom. Għaldaqstant, fit-tielet parti se nkompli niffoka fuq il-konsiderazzjonijiet li jiena ltqajt magħhom matul il-ħolqien tar-riżorsi, sabiex inkun leali u ġust mal-ideoloġiji u d-diversità fost l-istudenti, u b'hekk ma nirfisx jew nolqot kwistjonijiet etiċi jew soċjali. Fl-aħħar ta' dan il-kapitlu se niddiskuti l-ħolqien tar-riżorsi u niddiskuti t-tipi ta' riżorsi li ħloqt, kif ukoll inressaq xi dettalji dwar kif dawn inħolqu u x'mezzi użajt biex ħloqthom.

## 4.2 L-Isfond tar-Riċerka

### *4.2.1 L-Epistemoloġija*

Fir-rigward tal-epistemoloġija speċifika, esplorajt u analizzajt il-mistoqsijiet tar-riċerka:

(1) Kif se nippreżenta r-riżorsi b'mod li jimmotivaw lill-istudenti?

(2) Kif id-djar u l-bini se jservu ta' għodda biex ikabbru l-għarfien tal-Malti fl-istudenti?

Irrelatajt dawn iż-żewġ mistoqsijiet tar-riċerka mat-teorija soċjokulturali ta' Lev Vygotsky. Din it-teorija serviet bħala medjazzjoni permezz ta' artefatti. It-teorija soċjokulturali ta' Vygotsky targumenta li l-iżvilupp konjittiv u l-funzjonijiet mentali jiżviluppaw minn interazzjonijiet soċjali aktar milli biss fil-moħħ tal-persuna. Barra minn hekk, din it-teorija tenfasizza li aħna l-bnedmin nitgħallmu ħafna billi nipparteċipaw f'attivitajiet soċjali li jeħtieġu funzjonijiet konjittivi u komunikattivi (Vygotsky, 1960). Fil-fatt il-pakkett tar-riżorsi

ta' din it-teżi jinforza dawn l-attivitajiet soċjali permezz ta' kontribuzzjoni kollaborattiva. Vygotsky għalhekk jemmen li l-irwol tal-edukazzjoni huwa li jiggwida sewwa lill-istudenti, jara li qed jagħmlu xogħolhom tajjeb u li qed javvanzaw fl-għarfien tagħhom. Prinċipalment, dan huwa l-irwol tal-għalliema li xogħolhom huwa li joffru lill-istudent ambjent adattat u li jikkollaboraw kontinwament mal-istudenti biex eventwalment jgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom bl-aħjar mod possibbli (Vygotsky, 1997).

Barra minn hekk, din it-teorija tagħtini direzzjoni speċifika għax-xogħol tiegħi, dik li minnha nimplimenta t-teorija u l-ideat ta' Vygotsky fuq ir-riżorsi u r-riċerka tiegħi, bħal ngħidu aħna t-tliet kunċetti prinċipali ta' Vygotsky: (i) il-Medjazzjoni, (ii) iż-Żona ta' Żvilupp Imqarreb u (iii) l-Armar Edukattiv. L-ewwel nett, dejjem żammejt f'moħħi dawn li ġejjin, li (i) l-għalliema jaġixxu bħala medjaturi, u (ii) l-interazzjoni bejn xi ħadd u xi ħaġa, f'dan il-każ, ir-riżorsi li jwasslu lill-istudenti biex jifhmu aħjar il-lingwa Maltija. It-tieni, l-approċċ komunikattiv, meta persuna tipprattika lingwa barranija permezz ta' interazzjoni ma' oħrajn; u t-tielet, l-approċċ orjentat lejn l-azzjoni, meta l-istudenti jużaw il-lingwa biex iwettqu taħriġiet varji relatati mal-ambjent jew ma' sitwazzjonijiet partikolari li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum (Mahn u John-Steiner, 2012).

## 4.3 Il-Metodu tar-Riċerka

### *4.3.1 Il-Metodoloġija Pedagoġika*

Kif intebħu Teodoro u Mesquita (2004), il-kunċett tal-metodoloġija pedagoġika huwa meqjus l-aktar bħala sett ta' proċeduri li l-għalliema jistgħu jiżviluppaw biex iġiegħlu lill-istudenti kollha jitgħallmu. Il-metodoloġija pedagoġika mhix sempliċiment xi ħaġa li tista' tinkiseb mingħand xi ħadd; anzi hija riżultat kumpless ta' esperjenza personali, gwida xierqa u riflessjoni b'reqqa. Għalhekk l-għan ewlieni ta' kull metodoloġija pedagoġika tajba huwa li tkun flessibbli biżżejjed biex tinkorpora l-prijorità li kull student jiġi pprovdut għarfien kontemporanju li huwa xieraq għall-età u l-ħila tiegħu jew tagħha, u li dan kollu jkun ippreżentat f'format faċli biex tiftakru.

Fl-2004, Mesquita u Teodoro, b'rabta mal-metodoloġija pedagoġika, fasslu sitt prinċipji li għandhom ikunu essenzjali f'ambitu edukattiv. Dawn il-prinċipji jitkellmu dwar kif l-edukaturi għandhom bżonn jagħrfu u jivvalutaw il-personalità u l-valuri tal-istudenti kollha u jemmnu li l-istudenti kollha jistgħu jitgħallmu u juru dan it-twemmin fil-prattika. Ukoll, l-għalliema għandhom ikomplu jitgħallmu biex ikollhom fehim wiesa' u profond tal-kunċetti u l-prinċipji bejn il-qasam li jgħallmu fih u oqsma oħra, u jużaw dan l-għarfien biex jistabbilixxu l-pjan tal-lezzjoni. Barra minn hekk, l-għalliema għandhom jifhmu u jieħdu ħsieb l-istudenti, billi jifhmu kif jitgħallmu u jiżviluppaw, jempatizzaw mal-influwenza tal-ħajja tal-familja u l-isfond kulturali u jużaw dan l-għarfien biex jiggwidaw il-kurrikulu u d-deċiżjonijiet tat-tagħlim tagħhom. Prinċipju ewlieni ieħor huwa li l-għalliema għandhom ikollhom bażi wiesgħa ta' għarfien fit-tagħlim biex jispiraw, jimmotivaw u jippromwovu t-tagħlim tal-istudenti anki billi jintużaw firxa wiesgħa ta' forom u proċeduri biex joħolqu ambjent li jippermetti lill-istudenti jsiru studenti attivi. Dan għax studenti attivi huma dawk li juru r-rieda li jikkultivaw lilhom infushom u jieħdu riskji intellettwali. Għaldaqstant, l-għalliema għandhom jikkultivaw l-abbiltà tal-istudenti sabiex ikunu kapaċi jirraġunaw u jaħsbu b'mod indipendenti jew bl-appoġġ suffiċjenti ta' ħaddieħor, sabiex jesploraw u jiskopru mudelli kif ukoll strutturi li dawn iwasslu biex isolvu problemi, jittestjaw u jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom billi jistaqsu u jiżviluppaw dawn l-istess konklużjonijiet. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għalliema għandhom bżonn jirriflettu fuq il-kontenut u l-metodi użati biex jgħallmu, u jikkollaboraw mal-istudenti tagħhom biex isaħħu t-tagħlim.

Dan jenfasizza l-kunċett tat-tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti, kif jintqal fid-dokument tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (2012), li fih tidher l-importanza favur il-pedagoġija ċċentrata fuq l-istudent u pedagoġija bbażata fuq li student jistaqsi mistoqsijiet integrati ma' diversi temi kurrikulari. Dan l-istess dokument ikompli jisħaq li ambjent iċċentrat fuq l-istudenti huwa wieħed li jħeġġiġhom jesploraw l-affarijiet waħedhom, li jippermetti esperimentazzjoni, ittestjar ta' ipoteżi, provi u żbalji. B'rabta mat-tieni kapitlu fuq is-soċjokulturaliżmu, hawnhekk l-irwol tal-adult huwa li jkun sensittiv għall-interessi u l-inklinazzjonijiet tal-istudenti u li jipprovdi ambjent stimulanti li jisfida l-imħuħ tal-istudenti biex isibu informazzjoni utli għat-tagħlim. Barra minn hekk, l-adult għandu jippermetti attivitajiet ibbażati fuq mistoqsijiet u skoperti indipendenti, kif ukoll li jippermetti lill-istudenti jiftakru u jifhmu kif jiksbu ċerti riżultati. Gibbs (1995, ikkwotat f'Chegenizadeh,

Nikraz u Zadeh, 2012) jitkellem fuq kunċetti simili meta jiddeskrivi l-kurrikulu ċċentrat madwar l-istudenti. Fil-fehma tiegħu l-istudenti jkunu aktar attivi milli passivi u b'hekk ħafna mid-deċiżjonijiet ewlenin dwar it-tagħlim isiru mill-istudent permezz ta' konsultazzjoni mal-għalliem.

Għaldaqstant, b'rabta ma' li ntqal, Hirsch (1996) jenfasizza li l-għan tar-riformaturi tal-edukazzjoni tal-lum huwa li jħarrġu studenti b'ħiliet avvanzati li jkunu kapaċi jaħsbu b'mod indipendenti dwar dak li se jagħmlu fit-tagħlim. Fis-sistema edukattiva tal-lum huwa essenzjali li nipproduċu studenti b'kapaċità li jaħsbu b'mod indipendenti dwar problemi mhux familjari magħhom u b'abbiltà li jsiru ħassieba kritiċi. Il-metodu tal-promozzjoni tal-kisba ta' dawn il-ħiliet importanti jissejjaħ it-tagħlim tal-iskopertà, li bih l-istudenti jsolvu l-problemi u jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess permezz ta' mistoqsijiet u osservazzjonijiet indipendenti tad-dinja. Għalhekk, Hirsch jemmen li l-kontenut ta' dak li jiġi mgħallem huwa importanti aktar mill-għodda jew il-metodu tat-tagħlim, u b'hekk, skontu, valutazzjoni standardizzata għandha tkun il-kriterju ċentrali biex jitkejjel is-suċċess tal-istudenti.

F'dokument ieħor maħruġ mid-dipartiment tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'Melbourne (2018), ġie mifhum li l-mudell pedagoġiku jiddeskrivi x'jagħmlu għalliema effettivi fil-klassijiet tagħhom biex jinvolvu lill-istudenti f'xogħol li joħloq sfida intellettwali. Dan l-istess dokument jipprovdi ħarsa ġenerali taċ-ċiklu tat-tagħlim li jinqasam f'ħames fażijiet ewlenin: parteċipazzjoni kontinwa, esplorazzjoni, spjegazzjoni, elaborazzjoni u evalwazzjoni. Fl-istess dokument jissemma li l-mudell pedagoġiku jippermetti lill-għalliema jżommu linja viżiva bejn l-iżvilupp professjonali tagħhom stess u l-qafas tal-iskola kollha biex itejbu t-titjib ibbażat fuq ir-riżultati tal-istudenti. Kif muri fit-tabella 4.1, il-mudell pedagoġiku jiffoka fuq l-oqsma prijoritarji tal-qafas għat-titjib tar-riżultati tal-istudenti (FISO) għal tisħiħ fit-tagħlim. Din il-konnessjoni tgħin lill-għalliema jistabbilixxu miri ta' prestazzjoni u żvilupp biex jissodisfaw il-bżonnijiet tat-tagħlim professjonali tagħhom u jintegrawhom mal-għanijiet usa' tat-titjib tal-iskola stabbiliti fil-pjan strateġiku u l-pjan annwali tal-iskola. Iċ-ċiklu tal-FISO huwa l-qalba tar-riżorsi kollha tat-tagħlim. Huwa partikolarment importanti għall-implimentazzjoni ta' mudelli pedagoġiċi. L-għalliema huma mħeġġa jużaw dawn iċ-ċikli u mudelli pedagoġiċi biex jivvalutaw u jiddijanjostikaw il-problemi, jagħtu prijorità u jistabbilixxu għanijiet, u jiżviluppaw u jippjanaw programmi tat-tagħlim. L-esplorazzjoni tal-interrelazzjonijiet bejn iċ-ċiklu tal-FISO u l-mudell pedagoġiku, tippermetti lill-għalliema

jaraw lilhom infushom bħala studenti, jirriflettu fuq il-prattiki tagħhom u jimpenjaw ruħhom fit-tagħlim professjonali.




*Tabella 4. 1: Oqsma mill-użu taċ-ċiklu tat-titjib tal-FISO biex tappoġġja t-tagħlim. Meħud mid-Department of Education and Training Melbourne, 2018, The Pedagogical Model, p. 8*

Għaldaqstant, infakkar li fil-proċess tal-ħolqien tar-riżorsi jiena żammejt dawn il-kunċetti prinċipali f'moħħi. Tajjeb inżid ukoll li l-metodoloġija pedagoġika mżewqa mat-teorija soċjokulturali tawni lok għal għarfien li seta' jgħinni biex noħloq riżorsi li jimxu mal-prinċipji diskussi matul it-teżi, u li fl-aħħar mill-aħħar jgħinnu lill-istudenti billi jqarrbu lejn il-ħajja reali ta' kuljum.

### *4.3.2 Il-Metodu ta' Żvilupp ta' Riżorsi*

Il-metodu prinċipali tar-riċerka applikat f'din it-teżi huwa l-iżvilupp tar-riżorsi. Iddeċidejt li nagħżel dan il-metodu għax ħafna studenti b'mod speċjali dawk barranin li qed jistudjaw il-Malti f'Malta għandhom bżonn riċerkaturi ġodda u riżorsi ta' kwalità tajba fuq li diġà hemm, li jaqblu mal-ħtiġijiet u l-għodod moderni użati mill-għalliema u l-istudenti. Huwa mifhum minn Kapur (2019) li fl-istituzzjonijiet edukattivi, l-iżvilupp ta' materjali tat-tagħlim huwa meqjus bħala wieħed mill-aspetti ewlenin li jippromwovi t-tagħlim u jgħinu fil-kisba ta' għanijiet akkademiċi. Kapur tenfasizza li l-materjali tat-tagħlim jitpoġġew fil-prattika

mill-għalliema bl-għan primarju li jagħtu interpretazzjoni li tqarreb lejn sitwazzjonijiet reali fost l-istudenti u jippermettulhom jiksbu l-għanijiet u objettivi tagħhom.

Minkejja dan, wieħed mill-għanijiet u riżultati ewlenin tal-iżvilupp ta' riżorsi huwa li jimmotivaw lill-istudenti. L-għalliema jużaw mhux biss forma waħda, iżda diversi forom ta' materjali tat-tagħlim fil-prattika. Meta jkunu qed jagħmlu użu minnhom, jiżguraw li l-istudenti jistgħu jħossuhom pjaċevoli u motivati lejn it-tagħlim. Għalhekk, l-istudenti, bla ma jridu, ikunu qed jiżviluppaw interess u entużjażmu filwaqt li jkabbru l-motivazzjoni u l-imħabba lejn is-suġġett (Kapur, 2019; Schieb u Karabenick, 2011; Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island, 2008).

Madankollu, kull għalliem huwa meqjus bħala sors ewlieni ta' għarfien li frekwentament jiġi mitlub jirrakkomanda riżorsi rilevanti għall-istudenti, bħal meta studenti barranin jitolbu riżorsi ta' kwalità tajba. Għaldaqstant, mhux li kemm tagħti kwalunkwe riżorsa. Sabiex l-għalliema jagħmlu rakkomandazzjonijiet utli jridu jkunu konxji mill-profil tal-istudenti inkluż l-esperjenza u l-isfond edukattiv tagħhom, il-ħtieġa ta' tagħlim dwar dak li jridu jtejbu u għaliex, u r-riżultat jew l-għan mistenni minnhom (Schieb u Karabenick, 2011). Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-kriterji ġew ikkunsidrati u prijoritizzati meta ġejt biex nagħmel ir-riżorsi.

## 4.3 Il-Proġett MaltiTek

### *4.3.1 X'Inhu l-Proġett MaltiTek?*

Qabelxejn, permezz ta' dan il-proġett għandna l-possibbiltà nesploraw l-użu tal-ipproċessar naturali ta' lingwa u l-logħob edukattiv biex individwu jitgħallem ilsien, f'dan il-każ il-lingwa Maltija. Il-proġett jieħu approċċ ċikliku kif muri fil-Figura 4.1. Dan ifisser li hemm fażijiet differenti sabiex jintlaħaq l-għan aħħari.




*Figura 4. 1: L-Approċċ ċikliku (Meħud minn: Borg, C. u Camilleri Grima, A. (2018). MaltiTek. Where Technology Meets Language Learning – An Interfaculty Project. Mhux ippublikat)*

L-ewwel fażi ta' dan il-proġett hija bbażata fuq il-ġbir ta' kliem minn sistemi diġitali, fil-każ tiegħi kienet il-Ġabra li hija ġabradata b'diversi kliem li fiha jien għażilt erba' verbi. Tajjeb jissemma li peress li dawn il-verbi huma ġġenerati permezz ta' sistema kkumpjuterizzata, żbalji ser ikun hemm żgur. Dan għax xi drabi kompjuter ma jafx jagħmel sens minn kelma skont il-kuntest u l-forma grammatikali tagħha, speċjalment fil-Malti li jeżistu diversi regoli u forom (patterns). B'hekk, ċerti lessemi kellhom jiġu kkoreġuti manwalment sabiex is-sit tal-Ġabra jkun dejjem aġġornat u korrett skont ir-regoli. Dan jintqal minn Camilleri (2013) li hu stess jenfasizza li ċerti nuqqasijiet huma inevitabbli waqt l-importazzjoni jew il-proċessi ta' inflessjoni, u għalhekk huwa utli li tkun inkluża sistema għall-utenti biex jirrappurtaw kwalunkwe żball jew żbalji misjuba fil-ġabradata. Eventwalment, wara l-korrezzjoni tal-verbi jibdew jiġu żviluppati r-riżorsi.

Lil hinn mill-ewwel fażi, ladarba jinħolqu r-riżorsi tat-tagħlim, ir-riżorsi ser jiġu trasformati f'logħob edukattiv. Din l-istrateġija se tiżgura li l-logħob ikun iddisinjat b'bażi pedagoġika b'saħħitha li tippermettilhom ikunu aċċessibbli faċilment kemm mill-għalliem kif ukoll mill-istudent. Huma jkunu jistgħu wkoll jiġu ppreżentati f'diversi formati biex jolqtu

l-interessi differenti tal-istudenti li qed jitgħallmu l-lingwa Maltija (Borg u Camilleri Grima, 2018).

### 4.3.2 Il-Ġabra

Il-pijunier tal-Ġabra huwa John J. Camilleri li żviluppa din is-sistema fl-2013 bħala parti mill-proġett tat-teżi tal-maġisteru tiegħu. Kollox beda bħala ġabra ta' diversi riżorsi differenti kkombinati f'ġabradata waħda u llum il-ġurnata, dan il-proġett sar ospitat u appoġġjat mill-Università ta' Malta. Il-Ġabra, li s-sit tagħha huwa https://mlrs.research.um.edu.mt/resources/gabra/, hija bbażata fuq ġabra ta’ diversi riżorsi lessikali f’bażi ta’ data komuni waħda li tista’ tintuża bla ħlas. Filwaqt li fadal aktar xogħol biex din is-sistema tissejjaħ dizzjunarju komplut, xorta waħda fiha mad-19,492 entrata u mal-4,514,682 forma verbali permezz ta’ għeruq, dettalji morfoloġiċi u traduzzjonijiet għal tifsir bl-Ingliż, li dawn huma aġġornati u miżmuma permezz ta’ voluntiera. Oriġinarjament din is-sistema kienet immirata biex tirreplika l-ġabradata tal-għeruq u l-forom verbali tal-Malti (Camilleri u Spagnol, 2013), li issa din il-ġabradata tista’ ssibha proprju taħt l-isem *Ġabra*.

Kif jidher fit-tabella 4.2, permezz ta’ din is-sistema meta individwu jfittex kelma, jista’ jagħmel dan kemm permezz tal-għerq tagħha billi jagħfas fuq ‘Fittex fl-għerq’ u jdaħħal il-konsonanti; kif ukoll għandu l-aċċess li jfittex kelma b'isimha stess (ara tabella 4.4). B'dan se jgħin lill-utent isib forom derivattivi oħra tal-kelma mfittxija. Għaldaqstant, it-tabella 4.5 turi l-paġna tad-dettall għal tfittxija ta’ kelma, fejn jidhru l-forom kollha tal-lessema u li dawn jistgħu jiġu ffiltrati minn oġġett dirett, oġġett indirett u pożittiv jew negattiv.




*Tabella 4. 2: Il-kelma ‘fetaħ’ imfittxija bl-għerq tagħha*



Ġabra | Fittex kelma | Tfittxija avvanzata | Fittex fl-għeruq | Sorsi | in English

Riżultati għal ^f-t-ħ: 1 minn 1

Tfittxija ġdida

| Għerq | Klassi | I | II | III | V | VI | VII | VIII | IX | X |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| f-t-ħ | sħiħ | *fetaħ*<br>transittiv intransittiv<br>to open<br>to start (e.g. an event, an exhibition)<br>to unfurl or unfold<br>to cause frequent bowel movement or diarrhoea (used especially of food) | *fettaħ*<br>transittiv<br>to expand an opening<br>to expound in an argument | - | *tfettaħ*<br>intransittiv<br>to become loose<br>to expand<br>to act pompously | - | *nfetaħ*<br>intransittiv<br>to open<br>to be opened to the public<br>to expand physically<br>to have diarrhoea | - | - | - |

*Tabella 4. 3: Ir-riżultat tat-tfittxija permezz tal-għerq*

Barra minn hekk, mill-aspett tekniku, kwalunkwe ħaġa li hija mfittxija fl-applikazzjoni hija ttrattata bħala 'espressjonijiet regolari'. L-espressjoni regolari jew aħjar 'regex' hija pprovduta fuq il-paġna tal-għeruq biex tgħin lill-utenti li mhumiex familjari mas-sintassi billi tipprovdi lista ta' istruzzjonijiet (ara tabella 4.2). Fil-fatt, kif hemm fit-tabella 4.3, sabiex it-tfittxija fil-ġabradata tkun aktar effiċjenti u mingħajr ħela ta' riżorsi żejda, fil-bidu ta' tfittxija jitpoġġa dan is-simbolu ^ li jiddaħħal awtomatikament qabel it-tfittxijiet kollha. Barra minn hekk, kull kelma li titfittex tgħaddi minn sistema li tanalizza l-forom kollha tal-kliem fis-sistema, sabiex l-utent isib dak kollu li qed ifittex.



Ġabra | fetaħ | Tfittxija avvanzata | Fittex fl-għeruq | Sorsi | in English

Riżultati għal fetaħ: 2 minn 2

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | *fetaħ* | verb<br>f-t-ħ | to open<br>to start (e.g. an event, an exhibition)<br>to unfurl or unfold<br>to cause frequent bowel movement or diarrhoea (used especially of food) | *ftaħt* perf p1 sg · pos<br>*ftaħtx* perf p1 sg · neg<br>*ftaħt* perf p2 sg · pos<br>*ftaħtx* perf p2 sg · neg<br>*fetaħ* perf p3 sg m · pos<br>aktar forom verbali... |
| 2. | *nfetaħ* | verb<br>f-t-ħ | to open<br>to be opened to the public<br>to expand physically<br>to have diarrhoea | *nftaħt* perf p1 sg · pos<br>*nftaħtx* perf p1 sg · neg<br>*nftaħt* perf p2 sg · pos<br>*nftaħtx* perf p2 sg · neg<br>*nfetaħ* perf p3 sg m · pos<br>aktar forom verbali... |

*Tabella 4. 4: Kelma 'fetaħ' imfittxija b'isimha*

Ġabra | Fittex kelma | Tfittxija avvanzata | Fittex fl-għeruq | Sorsi | in English

*fetaħ*

**Fonetiku**
/fɛteh/

**Kategorija**
verb

**Tifsira Bl-Ingliż**
- to open
- to start (e.g. an event, an exhibition)
- to unfurl or unfold
- to cause frequent bowel movement or diarrhoea (used especially of food)

**Għerq**
f-t-ħ

**Karatteristiki**
forma mnissla I
transittiv
intransittiv

**Sors**
Spagnol2011, Falzon2013

**Relatati**
*miftuħ* aggettiv
*ftuħi* aggettiv
*fettieħi* aggettiv
*muftieħ* nom
*ftuħ* nom
*fettieħ* nom
*fettieħa* nom
*tiftiħ* nom
*tfettiħ* nom
*fettaħ* verb II
*tfettaħ* verb V
*nfetaħ* verb VII

| Forma Miktuba | Fonetiku | Aspett | Suġġett | Oġġett Dirett | Oġġett Indirett | Polarità |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | pos |
| *ftaħt* | /fteht/ | perf | p1 sg | | | pos |
| *ftaħt* | /fteht/ | perf | p2 sg | | | pos |
| *fetaħ* | /fɛteh/ | perf | p3 sg m | | | pos |
| *fetħet* | /fɛthɛt/ | perf | p3 sg f | | | pos |
| *ftaħna* | /ftehne/ | perf | p1 pl | | | pos |
| *ftaħtu* | /ftehtʊ/ | perf | p2 pl | | | pos |
| *fetħu* | /fɛthʊ/ | perf | p3 pl | | | pos |
| *niftaħ* | /nɪfteh/ | impf | p1 sg | | | pos |
| *tiftaħ* | /tɪfteh/ | impf | p2 sg | | | pos |
| *jiftaħ* | /jɪfteh/ | impf | p3 sg m | | | pos |
| *tiftaħ* | /tɪfteh/ | impf | p3 sg f | | | pos |
| *nifthu* | /nɪfthʊ/ | impf | p1 pl | | | pos |
| *tifthu* | /tɪfthʊ/ | impf | p2 pl | | | pos |
| *jifthu* | /jɪfthʊ/ | impf | p3 pl | | | pos |
| *iftaħ* | /ɪfteh/ | imp | p2 sg | | | pos |
| *iftħu* | /ɪfthʊ/ | imp | p2 pl | | | pos |

*Tabella 4. 5: Il-paġna li tidher meta tagħfas fuq il-kelma li qed tfittex*

### *4.3.3 Il-Parteċipazzjoni Tiegħi fil-Proġett tal-MaltiTek*

Kif jidher f'din it-taqsima tar-riċerka, il-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett tal-MaltiTek kienet li nkompli ngħin biex il-kliem li diġà jeżisti fis-sistema jkompli jiġi aġġornat. Hawnhekk, analizzajt u kkoreġejt fejn kien meħtieġ erba' lessemi li għandhom x'jaqsmu mat-tema ta' dan l-istudju; *għalaq, żejjen, kines* u *għasar* biex eventwalment, utenti tas-sit il-Ġabra jkunu jistgħu jagħmlu użu minn verbi miżjuda mal-verb bażiku ta' dawn il-lessemi b'mod korrett fis-sistema kompjuterizzata.

L-għażla tal-erba' verbi saret b'konsultazzjoni mat-tutur tiegħi Dr Jacqueline Zammit, fejn magħha għażilt ħames verbi li ma kinux ikkoreġuti. Din is-sena, għall-kuntrarju tas-snin ta' qabel, ma ħdimtx ma' Dr Claudia Borg iżda b'kollaborazzjoni sħiħa ma' Dr Zammit, li pprovdietli ħolqa, https://mlrs.research.um.edu.mt/tiswija/home.php , li ħaditni fil-paġna prinċipali għat-tiswija tal-verbi. Barra minn hekk, kif jidher f'tabelli 4.6 u 4.7 jiena ngħatajt isem l-utent u kelma ċavetta sabiex nidħol fis-sezzjoni *Correction Assignments* u nara x'hemm bżonn jiġi kkoreġut fost dawn l-erba' lessemi. Għal kull lessema kelli 1,518-il kelma li dawn b'kollox ammontaw għal 6,072 kelma.




*Tabella 4. 6: Il-paġna prinċipali għat-tiswija*




*Tabella 4. 7: Il-paġna tal-Correction Assignments*

Din is-sena, b'differenza għas-snin ta' qabel, dan il-proġett ħadem b'sistema ġdida fejn il-verbi jiġu kkoreġuti fuq is-sit stess u wara li kollox ikun tajjeb kemm nagħmel 'save' wara kull paġna lesta, kif huwa inkwadrat f'tabella 4.9. Dan huwa avvanz mis-sistema ta' qabel li kienet tirrikjedi Excel sheets kif jidher f'tabella 4.8 meħuda mit-teżi ta' Scicluna (2019).



| | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N | O | P | Q | R |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Subject | Perfective | DO p1 sg | DO p2 sg | DO p3 sg m | DO p3 sg f | DO p1 pl | DO p2 pl | DO p3 pl | IO p1 sg | IO p2 sg | IO p3 sg m | IO p3 sg f | IO p1 pl | IO p2 pl | IO p3 pl | DO p3 sg m IO p1 sg | DO p3 sg m IO p2 sg |
| 2 | p1 sg | sajjartx | | sajjartekx | sajjarthux | sajjarthiex | | sajjartkomx | sajjarthomx | | sajjartlekx | sajjartlux | sajjartilhiex | | sajjartilkomx | sajjartilhomx | | sajjarthulekx |
| 3 | p2 sg | sajjartx | sajjartnix | sajjartekx | sajjarthux | sajjarthiex | sajjartniex | sajjartkomx | sajjarthomx | sajjartlix | sajjartlekx | sajjartlux | sajjartilhiex | sajjartilniex | sajjartilkomx | sajjartilhom | sajjarthulix | sajjarthulekx |
| 4 | Sp3sgm | sajjarx | sajjarnix | sajjarekx | sajjarhux | sajjarhiex | sajjarniex | sajjarkomx | sajjarhomx | sajjarlix | sajjarlekx | sajjarlux | sajjarilhiex | sajjarilniex | sajjarilkomx | sajjarilhomx | sajjarhulix | sajjarhulekx |
| 5 | Sp3sgf | sajritx | sajritnix | sajritekx | sajrithux | sajrithiex | sajritniex | sajritkomx | sajrithomx | sajretlix | sajretlekx | sajretlux | sajritilhiex | sajritilniex | sajritilkomx | sajritilhomx | sajrithulix | sajrithulekx |
| 6 | Sp1pl | sajjarniex | | sajjarniekx | sajjarnihux | sajjarnihiex | | sajjarnikomx | sajjarnihomx | | sajjarnalekx | sajjarnalux | sajjarnilhiex | | sajjarnilkom | sajjarnilhomx | | sajjarnihulekx |
| 7 | Sp2pl | sajjartux | sajjartunix | sajjartuekx | sajjartuhux | sajjartuhiex | sajjartuniex | sajjartukomx | sajjartuhom | sajjartulix | sajjartulekx | sajjartulux | sajjartulhiex | sajjartulniex | sajjartulkom | sajjartulhom | sajjartuhulix | sajjartuhulekx |
| 8 | Sp3pl | sajrux | sajrunix | sajruekx | sajruhux | sajruhiex | sajruniex | sajrukomx | sajruhomx | sajrulix | sajrulekx | sajrulux | sajrulhiex | sajrulniex | sajrulkomx | sajrulhomx | sajruhulix | sajruhulekx |

*Tabella 4. 8*: *Korrezzjoni li ssir permezz tal-Excel sheets*

Issa l-korrezzjoni ssir b'dan il-mod. Fil-ġenb ta' kull verb hemm il-buttuni 'sure', 'unsure' u 'remove' kif jidher f'tabella 4.10. Jekk pereżempju nieħu l-verb *għalaqt* li hu miktub tajjeb, mela jiena kemm nagħfas fuq 'sure', jekk għandi l-verb *għalaqtuh* li forsi jien m'iniex ċert jekk dan il-verb huwiex tajjeb jew le, mela nagħfas fuq 'unsure', filwaqt li jekk hemm il-verb *għalaqtek* fit-tieni persuna li ma jagħmilx sens semantikament, mela nagħfas fuq 'remove'. Madankollu, kollox stajt nerġa' nirranġa, anke jekk kont ilħaqt għamilt 'save' u ntbaħt li ħadt żball, kemm mort lura 'back' u rranġajt l-iżball. Dan għax is-sistema tirrekordja dak li inti għamilt 'save' fl-aħħar meta kollox ikun lest u mhux meta tagħmel 'save' matul il-korrezzjoni. Għaldaqstant, permezz ta' din is-sistema innovattiva, kif jidher f'tabella 4.11, għal kull lessema, is-sistema turik kemm ikkoreġejt u kemm fadallek biex tikkoreġi.




*Tabella 4. 9: L-issejvjar tal-korrezzjoni*




*Tabella 4. 10: Il-kolonna tal-korrezzjoni*




*Tabella 4. 11: Kwadru li juri kemm ikkoreġejt u kemm fadal biex tikkoreġi*

Għaldaqstant, fil-korrezzjoni tiegħi ħafna mill-iżbalji li sibt kienu nuqqasijiet min-naħa tas-sistema tal-kompjuter, u dan għax ħafna mill-iżbalji li sibt kienu nuqqas ta' osservazzjoni ta' ċerti regoli, inkella l-mod ta' kif nippronunzjaw ċerti verbi.

1) Fost in-nuqqasijiet, l-ewwel li sibt kien li l-verbi kollha li kkoreġejt li kienu fit-tieni persuna plural u fit-tieni persuna singular mas-suffiss inflettiv tal-oġġett dirett jew indirett tat-tieni persuna singular u t-tieni persuna plural, inħadmu xorta waħda permezz taż-żieda tal-pronomi mehmużin; -lek, -ek, -lkom u -kom. Tajjeb inżid li dan sibtu kemm fil-verbi fin-negattiv u kemm fil-pożittiv. Dawn kelli neliminahom għax ma jeżistux u morfoloġikament ma jagħmlux sens (ara tabella 4.12).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | knisthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | knisthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | kineshomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | kinsithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | knisniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | knistuhomlek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | knisthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | kineshomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | kinsithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | knisniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għasarthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għasarhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għasrithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasarniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasartuhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasruhomlek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għasarthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għasarhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għasrithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasarniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p1 sg | | p2 pl | pos | knistilkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | | p2 pl | pos | knistilkom | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | | p2 pl | pos | kinesilkom | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | | p2 pl | pos | kinsitilkom | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | | p2 pl | pos | knisnielkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | | p2 pl | pos | knistulkom | sure unsure remove |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | perf | p1 sg | p2 pl | pos | knistilkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p2 pl | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 pl | pos | kinesilkom | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 pl | pos | kinsitilkom | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 pl | pos | knisnielkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 pl | pos | | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | żejjintlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejjenlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnetlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinnalek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | żejjintulek | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | żejnulek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p2 sg | pos | żejjintlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejjinlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnitlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinnielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |

*Tabella 4. 12: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kelli nelimina għax ma jeżistux*

2) Żball ieħor li ltqajt miegħu kien li ma ġietx osservata r-regola li tgħid meta ma' kelma li tispiċċa b'vokali *a* jiżdied magħha suffiss, din il-vokali tinbidel f'*ie*. Hawnhekk, minflok inbidlet f'*ie* baqgħet *a*. Dan jistqarru Scicluna (2017) li meta ma' verb li jispiċċa bil-vokali *a* jiżdied miegħu suffiss, din il-vokali tista' jew tibqa' *a* inkella tinbidel f'*ie* skont il-kelma (ara tabella 4.13).

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | għalaqtlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għalaqlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqetlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għalaqnalek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | għalaqtulek | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għalqulek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għalaqlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqitlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għalaqnielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għalqulek | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għasarlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għasretlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għasarnalek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għasrulek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għasarlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għasretlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għasarnielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għasrulek | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | kinsetlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | knisnalek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | kinsulek | sure unsure remove |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | kinsetlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | knisnielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | kinsulek | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | żejjintlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejjenlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnetlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinnilek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | żejjintulek | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | żejnulek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p2 sg | pos | żejjintlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejjinlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnitlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinnielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |

*Tabella 4. 13: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezjoni li dawn kienu bil-vokali a minflok bil-vokali ie*

3) Għaldaqstant b'rabta mal-vokali *ie*, sibt ukoll verbi li nkitbu b'żewġ *ie* u b'hekk kelli nimxi mar-regoli ortografiċi u nħalli l-aħħar waħda. Kif josserva tajjeb Scicluna (2017) kelma dejjem għandu jkollha aċċent primarju wieħed, u b'hekk qatt ma jista' jkollha żewġ vokali *ie*. F'każ bħal dan, li jiena ltqajt miegħu waqt li kont qed nikkoreġi, l-aċċent jintrebaħ fuq dik l-ittra *ie* li tkun l-eqreb lejn tarf il-kelma (ara tabella 4.14).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqthielek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqhielek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqithielek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqniehielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqtuhielek | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | għalquhielek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqthielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 sg f | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqhielek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqithielek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | għalaqnihielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarthielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarhielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasrithielha | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarniehielha | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasartuhielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasruhielha | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarthielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarhielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasrithielha | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasarnihielha | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasartuhielha | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p3 sg f | pos | għasruhielha | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 pl | pos | kinsithielkom | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | knisniehielkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | kinsuhielkom | sure unsure remove |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 pl | pos | kinsithielkom | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | knisnihielkom | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p2 pl | pos | kinsuhielkom | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnithielek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | żejjinniehielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnuhielek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p3 sg f | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnithielek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | żejjinnihielek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnuhielek | sure unsure remove |

*Tabella 4. 14: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kienu fil-perfett pożittiv b'konsonanti ie doppja*

4) Bidla oħra li kelli nagħmel kienet għall-pronomi mehmużin *-ok/-ek*. Dawn xi drabi ma kinux qed jagħmlu la sens fil-kitba u wisq anqas f'dik li hija armonija vokalika meta ġejt biex nippronunzjahom. Dan minħabba l-fatt li verb minflok jinkiteb bis-suffiss *-ok* dan tħallha bis-suffiss *-ek*. Din tidher meta l-oġġett dirett ikun fit-tielet persuna plural u l-oġġett indirett ikun fit-tieni persuna singular li suppost jużaw s-suffiss *-lok*. Barra minn hekk, minħabba li s-sistema hija kompjuterizzata, dawn baqgħu jimxu fuq is-suffiss marbut mat-tielet persuna singular maskil u femminil fl-oġġett dirett u t-tieni persuna singular fl-oġġett indirett, kif ukoll meta l-oġġett dirett ikun fit-tieni persuna singular u l-oġġett indirett fit-tieni persuna singular li dawn jużaw is-suffissi *-ek* u *-lek* (ara tabella 4.15).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | knisthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | kineshomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | kinsithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | knisniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | knisthomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | kineshomlok | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | kinsithomlok | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | knisniehomlok | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għasarthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għasarhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għasrithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasarniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għasarthomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għasarhomlok | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għasrithomlok | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għasarniehomlok | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għalqithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqthomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqhomlok | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | għalqithomlok | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | għalaqniehomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | żejjinthomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | żejjenhomlek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | żejnithomlek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | żejjinniehomlek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| Wara | perf | p1 sg | p3 pl | p2 sg | pos | żejjinthomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 sg | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 pl | p2 sg | pos | żejjenhomlok | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 pl | p2 sg | pos | żejnithomlok | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 pl | p2 sg | pos | żejjinniehomlok | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |

*Tabella 4. 15: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kellhom nuqqas ta' armonija vokalika fil-pronom mehmuż minħabba l-użu tal-vokali e minflok o*

5) Żball ieħor li kelli nirranġa kien li fl-erba' verbi minflok inkiteb il-pronom mehmuż *-h* dan tniżżel bħala *-u* żejda. Dan sibtu fl-ewwel, it-tieni u t-tielet persuna fil-plural. Fl-ewwel persuna fil-plural minflok *-h* inkitbet *-u*, kif ukoll għall-oġġett dirett fit-tielet persuna maskil singular jintuża *-uh*. Dan sibtu miktub bħala *-uu*. Dan l-iżball sibtu l-iktar fit-tieni u t-tielet persuna fil-plural (ara tabella 4.16).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | għalaqtu |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | għalaqu |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | għalqitu |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | għalaqnieu |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | għalaqtuu |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | għalquu |
| Wara | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | għalaqtu |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | għalqu |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | għalqitu |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | għalaqnieh |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | għalaqtuh |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | għalquh |
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | għasartu |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | għasaru |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | għasritu |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | għasarnieu |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | għasartuu |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | għasruu |
| Wara | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | għasartu |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | għasaru |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | għasritu |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | għasarnieh |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | għasartuh |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | għasruh |
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | knistu |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | kinesu |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | kinsitu |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | knisnieu |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | knistuu |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | kinsuu |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | knistu | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | kinesu | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | kinsitu | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | knisnieh | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | knistuh | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | kinsuh | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p3 sg m | pos | żejjintu | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | żejnu | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | żejnitu | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | żejjinnieu | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | żejjintuu | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | żejnuu | sure unsure remove |
| Wara | perf | p3 sg m | p3 sg m | pos | żejnu | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p3 sg m | pos | żejnitu | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p3 sg m | pos | żejjinnieh | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p3 sg m | pos | żejjintuh | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p3 sg m | pos | żejnuh | sure unsure remove |

*Tabella 4. 16: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni li kienu jispiċċaw (-u) minflok (-h)*

6) Nuqqas ieħor li sibtu biss fil-verb *għasar* kien li għall-imperattiv fit-tieni persuna fil-plural kemm fin-negattv u fil-pożittiv, meta l-verb ġie kkonjugat mill-kompjuter minflok fil-bidu tal-kelma uża l-vokali *a*, bħal fit-tieni persuna singular, uża l-vokali *o*. Żewġ eżempji ta' dan jidhru f'tabella 4.17.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | imp | p2 sg | p3 pl | neg | tagħsarhomx | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg m | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg f | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p1 pl | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p2 pl | p3 pl | neg | togħsruhomx | sure unsure remove |
| | imp | p3 pl | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| Wara | imp | p2 sg | p3 pl | neg | tagħsarhomx | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg m | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg f | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p1 pl | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| | imp | p2 pl | p3 pl | neg | tagħsruhomx | sure unsure remove |
| | imp | p3 pl | p3 pl | neg | | sure unsure remove |
| Qabel | imp | p1 sg | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p2 sg | | pos | agħsar | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg m | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg f | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p1 pl | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p2 pl | | pos | ogħsru | sure unsure remove |
| Wara | imp | p1 sg | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p2 sg | | pos | agħsar | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg m | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p3 sg f | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p1 pl | | pos | | sure unsure remove |
| | imp | p2 pl | | pos | agħsru | sure unsure remove |

*Tabella 4. 17: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni tal-konjugazzjoni ħażina fl-imperattiv tieni persuna plural kemm fin-negattiv u kemm fil-pożittiv*

7) L-aħħar nuqqas li sibt jien u nikkoreġi kien li għall-oġġett dirett tat-tieni persuna singular kien hemm tendenza li verbi tat-tielet persuna singular maskil tħallew fl-ewwel forma u magħhom żdied il-pronom mehmuż *-ek*, kemm fil-pożittiv u anke fin-negattiv. Barra minn hekk, dan in-nuqqas ta' armonija u pronunzja tajba jidher ukoll meta konjugazzjoni tat-tielet persuna fil-plural, minflok mal-verbi nkitbu bil-pronom mehmuż *-k,* dan jinkiteb *-uek* (ara tabella 4.18).

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | kinesek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | kinsuek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | kinsek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | kinsitek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | knisniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | kinsuk | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għalaqek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqitek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għalaqniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għalquek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għalqek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għalqitek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għalaqniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għalquk | sure unsure remove |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għasarek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għasritek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għasarniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għasruek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | għasrek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | għasritek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | għasarniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | għasruk | sure unsure remove |
| Qabel | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejjenek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnitek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | żejnuek | sure unsure remove |
| Wara | perf | p2 sg | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg m | p2 sg | pos | żejnek | sure unsure remove |
| | perf | p3 sg f | p2 sg | pos | żejnitek | sure unsure remove |
| | perf | p1 pl | p2 sg | pos | żejjinniek | sure unsure remove |
| | perf | p2 pl | p2 sg | pos | | sure unsure remove |
| | perf | p3 pl | p2 sg | pos | żejnuk | sure unsure remove |

*Tabella 4. 18: Kampjun tal-verbi qabel u wara l-korrezzjoni meta dawn kienu magħqudin b'mod ħażin mal-pronom mehmuż*

## 4.4 Il-Konsiderazzjonijiet waqt il-Ħolqien tar-Riżorsi

### *4.4.1 Il-Kwistjonijiet Etiċi*

Tajjeb nibda billi nsemmi li r-riżorsi li jinsabu f'din it-teżi ma ġewx osservati jew użati la fil-klassi u l-anqas ma' għalliema jew adulti, u fost ir-raġunijiet għal dan kienet l-imxija tal-Covid-19. B'hekk, kif jidher fil-formola tal-etika (f'Appendiċi 8.3), ma kelli bżonn l-ebda ġbir ta' data jew permessi biex norganizza intervisti jew sezzjonijiet sabiex nanalizza r-riżorsi rispettivament. Għaldaqstant, xorta waħda ġew imħarsa ċerti kwistjonijiet etiċi waqt il-ħolqien tar-riżorsi, sabiex jilħqu lill-istudenti kollha skont id-diversità u l-abbiltà tagħhom. Kont kemm jista' jkun sensittiv fil-ħsieb tiegħi, b'tali mod li nimxi ma' prinċipji fundamentali u li fl-aħħar mill-aħħar jimxu ugwalment mal-istudenti kollha (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012).

Qabelxejn, meta ħloqt ir-riżorsi żammejt f'moħħi dak li jenfasizza Gatt (2017, ikkwotat f'Camilleri Grima u Portelli, 2017) li r-riżorsi għandhom ikunu preċiżi fil-kontenut, adattati għall-individwi fil-mira, effiċjenti b'tali mod li permezz tal-għan, l-istudenti mill-ewwel jindunaw x'jinvolvu u x'qed jistennew mingħandhom u li jkunu relevanti għas-suġġett mgħallem. B'hekk kien hemm ħafna studju u ħsieb madwar il-ħolqien tal-pakkett tar-riżorsi sabiex stajt inżewwaq dawn il-karatteristiċi b'mod li jaħdmu flimkien u jikkumplimentaw lil xulxin.

Barra minn hekk, matul il-proċess tal-ħolqien tar-riżorsi tajt prijorità li jkun hemm għażla vasta ta' riżorsi minn fejn l-għalliema jistgħu jagħżlu biex jgħallmu, u l-istudenti biex jitgħallmu. Dan minħabba l-fatt li għalkemm illum il-ġurnata sirna nużaw u ndaħħlu t-teknoloġija f'kollox, xorta jibqa' l-fatt li hemm diversi għalliema u studenti li ma jħossuhomx komdi jaħdmu fuq materjal edukattiv li jirrikjedi ċerti mezzi diġitali. Mill-banda l-oħra, dan l-istess argument jista' jintqal għal dawk l-għalliema u studenti li jaraw ċerta kumdità u konvenjenza meta jużaw riżorsi diġitali. Kif diġà aċċennajt fit-tieni kapitlu, Gatt (2017, ikkwotat f'Camilleri Grima u Portelli, 2017) bl-istess mod jisħaq li għal edukazzjoni ħolistika, l-għalliema m'għandhomx jeħlu fit-tipi ta' riżorsi disponibbli għalihom iżda għandhom jieħdu l-inizjattiva biex jesploraw forom alternattivi ta' riżorsi li jaqblu mal-ħiliet u l-kapaċità tagħhom. Barra minn hekk, l-użu tat-teknoloġija huwa tajjeb fit-tagħlim iżda

m'għandux jissostitwixxi l-attenzjoni fid-dettall tal-għalliema u l-attenzjoni għall-bżonnijiet tal-istudenti. Għalhekk użajt kemm riżorsi diġitali kif ukoll tradizzjonali billi kont ġust u ppruvajt nolqot il-gosti diversi tal-utenti tagħhom.

Għaldaqstant, punt ieħor li żammejt f'moħħi kien dak li tenna l-istess Gatt (2017, ikkwotat f'Camilleri Grima u Portelli, 2017) li ħafna mir-riżorsi użati huma dawk li għandhom lok li jiġu mmanipulati, għax l-għalliema jkunu jistgħu jirranġaw skont in-neċessità tal-istudenti. B'hekk, għalkemm ir-riżorsi ħloqthom jiena, xorta waħda ħallejt lok għall-manipulazzjoni. Dan jagħti aċċess lill-għalliema biex jisiltu u jgħarblu dak li huwa sustanzjuż fir-riżorsi u jadattawhom għal-livell jew l-abbiltà tal-istudenti. Dan ukoll wassalni biex qgħadt attent li kull riżorsa jkollha x'taqsam mas-suġġett u l-għan prinċipali, kif ukoll kont attent fl-għażla tal-materjal li użajt għal ċerti eżerċizzji biex dan jaqbel u jimxi id f'id mas-suġġett.

Madankollu, minħabba l-fatt li r-riżorsi kienu marbutin mat-tagħlim tal-Malti għall-istudenti barranin kelli noqgħod iktar attent li nħares sew ċerti prinċipji li jduru mad-diversità tal-istudenti. Dan għaliex illum il-ġurnata fi klassi nsibu diversi ideoloġiji, kulturi u tħaddin reliġjuż. Id-dokument *Kodiċi ta' Etika u Prattika tal-Għalliema* maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012) jispjega li membri tal-professjoni tat-tagħlim għandhom juru rispett lejn id-diversità, ikunu ġusti u ugwali irrispettivament mis-sess, l-età, ir-razza, id-dehra, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa jew il-bżonnijiet u l-kapaċitajiet differenti.

Dawn il-punti etiċi li ġew diskussi kienu importanti biex jiena stajt noħloq pakkett ta' riżorsi adekwat li jħares lejn diversi alternattivi fit-tagħlim. Hawnhekk, ridt li nkun ta' għajnuna għall-għalliema li dawn finalment iridu li l-istudenti jkunu interessati u motivati lejn it-tagħlim tagħhom.

#### *4.4.2 Il-Konsiderazzjonijiet Soċjali*

Il-viżjoni aħħarija għar-riżorsi maħluqa kienet li jżidu wkoll l-inklussività fis-sistemi edukattivi, sabiex jiżguraw li l-istudenti kollha ta' kull età jingħataw opportunitajiet

edukattivi sinifikanti u ta' kwalità għolja fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u nies tal-lokal (European Agency, 2015, p. 1). Ħafna mid-drabi, fost l-ambjent edukattiv, it-tagħlim inklussiv huwa meqjus biss li jgħin lill-istudenti b'diżabilità, imma mhuwiex il-każ. Pjuttost, huwa forma li tinkoraġġixxi u tistieden il-varjetà fost l-istudenti kollha (UNESCO, 2001).

B'hekk dawn ir-riżorsi jridu jirrispettaw id-diversità tal-istudenti. Id-diversità ħafna drabi tidher b'żewġ modi. L-ewwel nett, bħala assi ewlieni li jtejjeb il-produttività, l-aċċettazzjoni u r-rispett tat-tfal, u t-tieni, bħala xi ħaġa li grupp ta' nies jiddeċiedu huma stess dwar min hu bħalhom jew min mhuwiex simili. Dan il-fenomenu jidher bosta drabi fil-kuntest edukattiv. Dan il-fenomenu jwassal biex jiġi żgurat li kull persuna tara u tapprezza d-differenzi individwali tagħna pereżempju, ideoloġiji, orjentazzjonijiet sesswali u razez (Mazur, 2010). Fl-aħħar mill-aħħar, huwa f'idejn l-edukatur li jiżgura li d-diversità tintwera b'mod tajjeb u tinbidel f'modi kreattivi ta' tagħlim. Pereżempju, li jkollok riżorsi ta' tagħlim li jippromwovu d-diversità u li jaċċertaw opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità u rikonoxximent kulturali. Barra minn hekk, m'għandux ikun hemm preġudizzju għal ċerti klassijiet soċjali. Huwa għalhekk li l-edukaturi jeħtieġu li jkunu konxji tad-differenzi li jeżistu bejn il-klassijiet soċjali biex jempatizzaw mal-bżonnijiet tal-istudent. Huwa għalhekk li permezz tar-riżorsi tiegħi, l-għalliema jistgħu jirrelataw dawn ir-riżorsi skont il-kwadru soċjali. Dan għax fir-riżorsi tiegħi ħassejt li għandi nuri tipi differenti ta' djar li jolqtu l-klassijiet kollha u mhux djar lussużi biss; postijiet diversi Maltin u mhux raħal wieħed partikolari. Kont ukoll kawt li ma jkunx hemm elementi sterjotipiċi fir-riżorsi, u b'hekk ħassejt li għandi nkun kemm jista' jkun miftuħ għal stili ta' ħajja differenti. Kif jistqarr id-dokument maħruġ mill-Istitut għall-Edukazzjoni (2020), ċerti kompożizzjonijiet soċjali jistgħu jwasslu għal problemi, bħal bullying, u b'hekk ikollhom effett fuq kif l-istudenti jiġu trattati fl-iskejjel.

Wara kollox, billi taċċetta kulturi ġodda u tintroduċi diversità fir-riżorsi tkun qed ittejjeb il-pożizzjoni ta' kif jaħsbuha l-istudenti. Barra minn hekk, meta jaċċettaw lil xulxin ħaddieħor, l-istudenti għandhom it-tendenza li jxaqilbu lejn perspettivi differenti u kwadri kulturali ta' referenza. Madankollu, is-sabiħ ta' dan it-tiżwiq ta' kulturi differenti huwa li minbarra li jżommu l-identità kulturali nattiva, huma faċilment jintegraw fiha partijiet ta' ideoloġiji oħra mill-kultura tal-lingwa studjata (Istitut għall-Edukazzjoni, 2020). Huwa

importanti li nifhmu li fl-iskejjel, l-istudenti jibdew jiġu konxji ta’ diversi differenzi soċjali u jirrikonoxxuhom bħala għażliet fattibbli għall-perspettiva tagħhom stess. Għalhekk, ir-riżorsi jirrikonoxxu dan il-fatt li bih l-istudenti jifhmu li n-nies huma interessanti skont l-uniċità tagħhom u b’dan japprezzaw valuri u normi kulturali differenti.

Madankollu, hemm ukoll l-aspett lingwistiku, li llum il-ġurnata qed issir kwistjoni akbar biż-żieda tal-barranin f'Malta. Kif intqal minn Scaglione u Caruana (2014) il-lingwa tista’ toħloq ostakli li jġiegħlu lill-istudenti jħossuhom bla suċċess u dan iwassal għal falliment fl-eżamijiet jew biex jieqfu mill-iskola. Għalhekk, bl-għajnuna tar-riżorsi tiegħi, dawn l-istudenti se jsibuha aktar faċli biex jinteraġixxu mal-komunità li jgħixu fiha.

Għaldaqstant, kif nafu, studenti fil-klassi jkunu mħalltin kemm subien, bniet kif ukoll orjentazzjonijiet sesswali oħra. Id-dokument tal-Politika għall-Istudenti Trans, Varjanti sesswali u Intersesswali fl-Iskejjel maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjieg (2015) jippromwovi t-trawwim ta’ ambjent edukattiv li jkun inklussiv, sigur u ħieles minn fastidji u diskriminazzjoni għall-membri kollha tal-komunità tal-iskola. Tippromwovi wkoll it-tagħlim tad-diversità tal-bniedem u r-rispett għall-istudenti kollha. U fl-aħħar, dan id-dokument jenfasizza li niżguraw klima edukattiva li hija fiżikament, emozzjonalment u intellettwalment sigura għall-istudenti kollha biex ikomplu jiżviluppaw it-tagħlim tagħhom. Għalhekk, fir-riżorsi ma kontx inklinat lejn sess partikolari aktar mill-ieħor. F’xi wħud mir-riżorsi żammejt il-karattru prinċipali ta’ Frawlina u magħha ħadt ħsieb li nżid karattri oħra li jħaddnu ġeneri differenti. B’hekk qgħadt attent li nirrispetta l-ħsibijiet diversi li jeżistu llum il-ġurnata li dan huwa rifless fl-ismijiet użati u d-dehra tal-karattri.

Finalment, fi skejjel li aktar ma jmorru aktar qed isiru inklussivi, id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika hija riflessa u ċċelebrata. Għalliema effettivi jużaw diversi għodod akkademiċi fosthom l-imġiba, l-għarfien u l-ħiliet tagħhom sabiex joħolqu ambjent ta’ tagħlim effettiv fil-klassijiet (Vassallo, 2008). Fir-riżorsi tiegħi rrispettajt u komplejt nibni fuq dawn l-aspetti li ddiskutejt biex dejjem ikun hemm aktar riżorsi disponibbli għat-tagħlim tal-Malti.

## 4.5 L-Evalwazzjoni tar-Riżorsi Tiegħi

### *4.5.1 Il-Kontenut*

Skont Savery (2015), ir-riżorsi akkademiċi huma spiss meqjusin bħala kotba twal b'informazzjoni u kontenut irrelevanti, u li ħafna drabi jonqsu milli jkopru s-suġġett fit-totalità tiegħu. Hawnhekk ridt nuri li r-riżorsi tat-tagħlim huma organizzati tajjeb u ta' kwalità akkademika għolja għax, kif jiġi diskuss fid-dokument *Learning Resources Evaluation Guidelines* maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Saskatchewan (2020), dawn ir-riżorsi joffru kontenut li huwa kurrenti, preċiż u awtentiku.

Kif jingħad mill-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Kolombja (2002) huwa importanti li r-riżorsi jkunu marbutin ma' kontenut kurrenti; dan għar-raġuni li jekk il-kontenut ikun għadda żmienu jfisser li mhux se jilħaq lill-istudenti bl-istess mod daqslikieku kien kurrenti. B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jirrelataw aħjar mal-materjal. Fir-riżorsi tiegħi ħadt ħsieb li ninkludi proprjetajiet komuni fil-ġranet tal-lum bħal ngħidu aħna, appartamenti minflok djar. Anke ġewwa d-djar inkludejt ornamenti u stili ta' bini li huwa popolari maż-żminijiet tal-lum, bħal ngħidu aħna, illum ġeneralment dar m'għadekx issibilha fuklar, kantina jew soqfa għoljin iżda saru jiġu introdotti lifts u pixxini fost ħafna ornamenti oħrajn. Barra minn hekk, ħadt ħsieb li anke fil-pjanti tal-appartamenti ninkwadra l-istil standardizzat f'Malta. Dan għax saru kollha jimxu mal-istess disinn: open plan b'salott u kċina, kamra tas-sodda u kamra tal-banju. B'hekk il-kontenut, li ma kienx biss kurrenti iżda wkoll preċiż għar-realtà, ippermettieli nqarreb l-istudenti lejn l-istil ta' ħajja li jgħixu fih il-Maltin. Barra minn hekk, fir-riżorsi fejn kelli nsemmi xi postijiet jew irħula ħadt ħsieb li dawn ikunu varji u mhux fittizji, anke l-fatt li f'xi riżorsi meta Frawlina ġiet biex tixtri appartament għali dan sabitu f'Tas-Sliema, post magħruf għall-iżvilupp ta' appartamenti bi prezzijiet għoljin.

Ir-riżorsi għandhom ukoll jassistu lill-istudenti biex jiksbu riżultati mixtieqa fit-tagħlim. Jiena kont ċert li ninkludi l-erba' ħiliet tal-lingwa fir-riżorsi tiegħi. Però mhux biss. F'kull riżorsa indikajt liema ħila se titħarreġ biex b'hekk l-istudenti jkunu jafu x'ħila qed iħaddmu. Barra minn hekk, id-dokument *Evaluation and Selection of Learning Resources: A Guide*, maħruġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island (2008) jirrimarka li għandu jiġi indikat il-livell ta' diffikultà lill-utenti tar-riżorsi. Hawnhekk inkludejt ukoll kwadru

għal-livell ta’ diffikultà li għandha kull riżorsa, u dan għamiltu permezz ta’ linja li fiha numri mill-wieħed sal-ħamsa, l-ewwel ikun l-eħfef u l-ħames ikun l-itqal; kif ukoll inkludejt l-għan u l-istruzzjonijiet dwar dak li huwa mistenni mill-istudenti. B’mod kawt qgħadt attent li r-riżorsi ma jkollhomx żbalji grammatikali jew ortografiċi. Ir-riżorsi għandhom jaqblu mal-livell ta' kapaċità mistenni mingħandhom, bħal pereżempju l-użu ta' ċertu vokabularju u l-istruttura tas-sentenzi sempliċi biex jiena nispjega xi eżerċizzju. Fil-fatt użajt vokabularju sempliċi li faċilment jinftiehem u ppruvajt inżomm is-sentenzi konċiżi biex ma jkunx hemm diffikultajiet waqt il-qari. Barra minn hekk, inkludejt stampi bi kwalità tajba, ċari fil-messaġġ tagħhom u li ma jmorrux kontra dak li huwa xieraq għall-età tal-istudenti. Huwa tajjeb li dawn l-istampi jintużaw ukoll biex jappoġġjaw l-introduzzjoni u l-iżvilupp ta’ suġġett; għalhekk f’xi riżorsi minn tiegħi użajt kemm stampi kif ukoll karattri biex nintroduċi jew ngħin lill-istudenti fir-riżorsi.

Aspett ieħor kruċjali u li għandu jingħata importanza huwa li l-kontenut ikun integrat mal-ħajja reali u ma’ sitwazzjonijiet veri. Dan ifisser li rabtiet ma’ attivitajiet tad-dinja reali huma inkorporati u trasferiti f’esperjenzi prattiċi. Pereżempju, fir-riżorsi tiegħi ħadt ħsieb li mhux lakemm noħloq djalogu ta’ xiri ta’ proprjetà, iżda li dak id-djalogu jagħmel sens u jimxi mar-realtà tas-suq Malti. Inkludejt ukoll persuni li huma essenzjali fil-bejgħ u x-xiri ta’ proprjetà, jiġifieri x-xerrej, il-bejjiegħ u n-nutar, kif ukoll il-lingwaġġ li użajt u l-lista ta’ deskrizzjoni tal-proprjetajiet kollha jimxu ma’ dak li l-istudenti se jaraw fuq siti u rivisti li jbigħu l-proprjetajiet.

### *4.5.2 Id-Disinn Istruzzjonali*

Madankollu, sabiex ir-riżorsi tat-tagħlim ikunu faċli għall-utenti għandu jiġi evalwat id-disinn istruzzjonali. Jenħtieġ li r-riżorsi tat-tagħlim jippromwovu għarfien aħjar tas-suġġett billi jirrelatawhom mal-kurrikulu u l-filosofija tiegħu (Ministeru tal-Edukazzjoni ta’ Saskatchewan, 2020). Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tad-disinn istruzzjonali tar-riżorsa tinkludi r-reviżjoni tal-iskop tagħha, l-għanijiet, l-istrateġiji tat-tagħlim u r-regolamenti tal-evalwazzjoni (id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta’ Prince Edward Island, 2008).

Qabelxejn, hawnhekk skont id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island (2008) fir-riżorsi għandhom jiġu indikati b'mod ċar l-objettivi tat-tagħlim u l-għanijiet tal-istruzzjonijiet. Wieħed għandu jistaqsi, jekk l-iskop ġenerali tar-riżorsa huwiex iddikjarat b'mod konċiż u ċar. kif ukoll li jiġi żgurat li l-informazzjoni hija maħsuba biex tkun faċilment aċċessibbli b'identifikazzjoni ċara tal-għan u l-implimentazzjoni tar-riżorsa. Għalhekk, fir-riżorsi tiegħi għamiltha ċara li fl-istess ordni dejjem ktibt it-titlu fuq nett, taħtu l-għan prinċipali li l-istudenti għandhom jilħqu waqt l-eżerċizzju u istruzzjonijiet dettaljati biex l-istudenti jkunu jafu kif jintużaw.

Mill-banda l-oħra, ir-riżorsi għandhom ikunu adattata għal firxa wiesgħa ta' stili tat-tagħlim (Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island, 2008). Huwa tajjeb li r-riżorsi jużaw varjetà ta' approċċi li huma flessibbli fl-użu tagħhom, u dan huwa rifless fl-użu ta' riżorsi varji kemm diġitali u tradizzjonali li, kif inhu mifhum mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island (2008), dawn jinkoraġġixxu kontribuzzjoni kontinwa, tagħlim kooperattiv u tagħlim kollaborattiv. Anke l-użu ta' materjali u attivitajiet li jinkoraġġixxu l-użu ta' varjetà ta' stili ta' tagħlim u strateġiji, u dan jispikka meta użajt diversi stili bħall-kitba, il-qari, il-viżwal, l-awditorju u l-kinestetiku fit-tgħaqqid tal-puzzle u leħħiet.

Aspett ieħor huwa li r-riżorsi jippromwovu impenn kontinwu mill-istudenti. Dan billi tiffoka fuq tekniki li jinkoraġġixxu diskussjonijiet, isibu l-kliem, jiffurmaw puzzles jew jimlew tisliba. F'kelma waħda, permezz tar-riżorsi l-istudenti kontinwament jaħsbu u jaġixxu. Dan eventwalment jagħmel lill-istudenti aktar attivi b'moħħ aktar kritiku, ħiliet tajba għar-riċerka, għarfien biex isolvu problemi u teħid ta' deċiżjonijiet fi grupp. B'konsegwenza t'hekk, l-istudenti jieħdu aktar responsabbiltà għall-istudji tagħhom (Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island, 2008). Min-naħa l-oħra, aspett ieħor importanti ħafna huwa li jiġu żviluppati l-ħiliet tal-komunikazzjoni li jiffokaw fuq l-introduzzjoni ta' attivitajiet li jgħinu lill-istudenti b'ħiliet awto-espressivi u interazzjonijiet bħal ngħidu aħna, diskussjoni fi grupp u konverżazzjonijiet.

### *4.5.3 Id-Disinn Tekniku*

L-ewwel nett, disinn tekniku tajjeb itejjeb l-aċċess u l-fehim tal-istudenti. Mill-banda l-oħra, disinn tekniku ta’ kwalità inferjuri joħloq ostakli għat-tagħlim, pereżempju, stampi bi kwalità ħażina, tipa b'daqs ħażin jew rekordjar u vidjow li ma jinstemgħux. Għalhekk, anki jekk il-kontenut huwa tassew tajjeb, ir-riżorsi tat-tagħlim b'difetti tekniċi għandhom jiġu evitati (id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta’ Prince Edward Island, 2002).

Id-dokument maħruġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta’ Prince Edward Island (2008) jisħaq li għandu jiġi provdut materjal li jagħti appoġġ adattat li jinkludi materjal suffiċjenti b’istruzzjonijiet li jservu ta’ linja gwida għal qabel ma jinħadmu r-riżorsi, eżempju fir-riżorsi dejjem ħadt ħsieb li nintroduċi l-għan u d-deskrizzjoni ta’ dak kollu li qed nistenna mill-istudenti fir-riżorsa partikolari, kif ukoll istruzzjonijiet xierqa b’mod speċjali. Anke ħadt ħsieb li lill-għalliema nipprovdilhom deskrizzjoni tal-attivitajiet, ħarsa ġenerali ta' kif dawn jirrelataw mat-tema, u identifikazzjoni tal-ħiliet imħaddma. Fil-fatt għal dan għandi kapitlu sitta ddedikat kollu għad-deskrizzjoni fid-dettall ta’ kull riżorsa li tolqot dawn il-punti kollha.

Barra minn hekk, fil-ħolqien tar-riżorsi huwa magħruf li d-disinn viżiv huwa interessanti u effettiv ħafna. Il-preżentazzjoni attwali tal-informazzjoni tappella u ttejjeb l-użu effettiv kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Kolombja, 2002; Dipartiment tal-Edukazzjoni ta’ Prince Edward Island, 2008). Kif jingħad tajjeb mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta’ Prince Edward Island (2008) grafiċi, kuluri u ħsejjes itejbu l-proċess tat-tagħlim u jiġbdu l-attenzjoni tal-istudent għal punti importanti. Pereżempju fir-riżorsi użajt diversi mezzi biex niġbed l-attenzjoni tal-istudenti fosthom vleġeġ, ċrieki kif ukoll sinjali permezz tal-karattri biex nuri fejn irid jinħadem ix-xogħol. Barra minn hekk, il-materjal għandu jkun ukoll viżwalment ċar, b'kuntrast viżiv tajjeb. Tajjeb ngħid ukoll li b’differenza għall-karattru ta’ Frawlina li ġie użat minn Scicluna (2019), jiena ddeċidejt li mmur għal disinn differenti però żammejt ċerti kuluri u karatteristiċi (ara Figura

4.2). Din il-bidla għamiltha għax ħassejt li dan kien se jkun kapitlu ġdid fl-avventura tagħha ma' ħbieb ġodda.



*Figura 4. 2: Il-bidla fil-karattru ta' Frawlina*

Għaldaqstant, lil hinn mill-istampi u l-kuluri użati, fiċ-ċentru ta' kollox dejjem hemm il-kliem li bihom l-istudenti u l-għalliema jifhmu aħjar dawn ir-riżorsi. Fil-fatt, kont konxju tal-bżonnijiet fil-klassijiet u użajt tipa li tgħin studenti bid-dislessja, imxejt mad-dokument, *Dyslexia Style Guide 2018: Creating Dyslexia Friendly Content*, maħruġ mill-Assoċjazzjoni Brittanika għad-Dislessja (2018). Din l-assoċjazzjoni tistqarr li l-użu tat-tipa Sans Serif, bħal Arial, ma' tipa b'daqs ta' 12-14pt huma ta' għajnuna kbira għal individwi dislessiċi minħabba li l-ittri jidhru inqas iffullati. Għalhekk jiena ddeċidejt li l-kitba għandha tkun b'daqs ta' 13pt ikkumplimentata bit-tipa Arial. Madankollu, f'xi riżorsi għamilt differenza fid-daqs bejn it-titlu, l-istruzzjonijiet u l-kitba prinċipali fit-taħriġ.

Aspett ieħor huwa l-użu ta' illustrazzjonijiet xierqa. L-illustrazzjonijiet huma importanti għax jiffukaw l-attenzjoni fuq il-kontenut u huma faċilment adattati għal-livell ta' maturità tal-istudenti. Peress li t-tema tiegħi hija marbuta mad-djar u l-bini bilfors kelli ngħin id-diskors u l-kliem bl-element viżiv. Jiġifieri jekk ridt infisser x'inhi sodda ridt nuri stampa tagħha. Però mhux biss, minħabba li dawn ir-riżorsi huma maħsuba għall-istudenti tal-iskola medja u sekondarja, l-illustrazzjoni riedet tkun reali. Dan sabiex iqarrbu aktar lejn ir-realtà li finalment hija waħda mill-prijoritajiet tal-istudenti fit-tagħlim.

Bħala rimarka finali, dawn l-aspetti li ddiskutejt f'din il-parti ta' dan il-kapitlu ingħataw prijorità waqt il-ħolqien tar-riżorsi. Finalment, dawn huma dawk l-aspetti li jwelldu tagħlim pjaċevoli u interessanti.

## 4.7 Il-Pakkett tar-Riżorsi

### *4.7.1 L-Ippjanar tar-Riżorsi*

Qabel ma bdejt noħloq ir-riżorsi ridt nippjana sew u kelli nħares lejn diversi aspetti. Però ffokajt fuq tliet aspetti partikolari: l-idea ewlenija, l-udjenza fil-mira u l-għan prinċipali. Iggwidat mid-dokument *Guidelines for Producing Development Education Resources* (Coyle et al., 2014) stajt inqassam aħjar ix-xogħol billi noħloq pjan ta' kriterji li huma fundamentali fil-ħolqien tar-riżorsi.

L-ewwel kriterju kien l-idea. L-idea kienet li jinħolqu riżorsi marbutin mar-raba' tema tad-djar u l-bini, li dawn l-istess riżorsi ħadu l-forma ta' pakkett b'għoxrin riżorsa differenti li jiffokaw fuq il-vokabularju u t-tagħlim tal-prepożizzjonijiet li jidħlu kexxun mat-tagħlim tal-bini u d-djar. Fih hemm kemm riżorsi tradizzjonali kif ukoll diġitali. It-tieni kriterju kien l-udjenza fil-mira, fejn hawnhekk l-udjenza hija studenti li qed jistudjaw il-Malti bħala lingwa barranija fl-iskola Medja u Sekondarja li jinsabu fil-livell elementari jiġifieri livell A1 u A2 skont il-livelli tas-CEFR (CEFR, 2001, p. 24). Iżda mhux biss. Dan il-pakkett ta' riżorsi huwa utli wkoll għall-għalliema li jgħallmu lil dawn l-istess studenti u jixtiequ jesploraw alternattivi għat-tagħlim tagħhom. It-tielet u l-aħħar kriterju kien l-għan prinċipali ta' dan il-pakkett, li permezz ta' din it-teżi ridt noħloq xi ħaġa ġdida li timxi maż-żminijiet tal-lum. Dan billi ġew użati mezzi popolari mal-istudenti biex b'hekk jilħqu l-motivazzjoni mixtieqa u jieħdu gost jitgħallmu l-Malti. Finalment, dan se jwassal lill-istudenti biex jaraw il-lingwa Maltija bħala suġġett interessanti u b'hekk japprezzaw l-impenn li qed iseħħ biex huma jkollhom l-aqwa materjal għat-tagħlim.

Konsiderazzjoni oħra li ssemmiet u tajt kasha fid-dokument *Guidelines for producing Development Education Resources* (Coyle et al., 2014), kienet li neżamina kontenut diġà eżistenti, mhux biss dak marbut mat-tema tiegħi iżda anke materjal li għandu x'jaqsam ma'

riżorsi fil-mira li jgħinu lill-istudenti tal-Malti bħala lingwa barranija. Għaldaqstant, kif issemma fil-bidu ta' din it-teżi, jien diġà kont sibt xi materjal online li huwa abbinat mal-istess tema. Din ir-riċerka għal materjal diġà eżistenti tatni ċ-ċans inkun aktar kreattiv u oriġinali sabiex ma nirfisx fuq li diġà hemm.

### *4.7.2 L-Erba' Ħiliet tal-Lingwa*

L-erba' ħiliet huma paradigmi li wħud titgħallimhom f'kultura waħdek u oħrajn bl-għajnuna ta' ħaddieħor. Il-ħiliet tal-kitba u l-qari huma neċessarji għax id-doża tagħhom fil-kultura hija akbar mit-taħdit u s-smigħ. Fil-fatt, dan huwa rifless fit-tabelli, fis-simboli ta' madwarna u fl-alfabett li dan fih karattri li trid tkun tafhom biex tiktibhom u taqrahom. Barra minn hekk, il-qari u l-kitba jirrikjedu ħafna prattika dwar kif toħloq il-kitba u kif tiżviluppaha. Mill-banda l-oħra, it-taħdit u s-smigħ huma aktar integrati mal-interazzjoni b'mod naturali man-nies, u dawn il-ħiliet taqbadhom minn meta tkun għadek żgħir. Dan billi timita lill-ġenituri, il-qrabat, il-ħbieb jew l-għalliema, u b'hekk l-individwu jkun qed jitgħallem mal-oħrajn.

F'dan li ddiskutejt jidher ċar li dawn il-ħiliet huma l-qofol tal-lingwa; b'hekk kienet xi ħaġa inevitabbli li ninkludihom bħala parti mir-riżorsi tiegħi sabiex l-istudenti u l-għalliema jkollhom direzzjoni u istruzzjoni ċara. Għalhekk, dan għamiltu permezz ta' simboli li jirrappreżentaw kull ħila kif inhu indikat fit-tabella t'hawn taħt.

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| **Il-kitba** | **It-taħdit** | **Is-smigħ** | **Il-qari** |

*Tabella 4. 19: L-erba' ħiliet tal-lingwa*

Tajjeb insemmi li dawn il-ħiliet mhux dejjem ġew użati kollha fl-istess riżorsi partikolari, għax ippruvajt kemm jista' jkun invarja l-ħiliet fir-riżorsi u ma ninkludix iżżejjed f'kull riżorsa. Dan għamiltu bl-intenzjoni li ngħin lill-istudenti jiffokaw fuq diversi ħiliet jew ħila waħda skont l-abbiltà tagħhom. Eżempju ta' dan jidher f'riżorsa 6 fejn għamilt użu minn diversi ħiliet u f'riżorsa 2 fejn użajt ħila waħda.

### *4.7.3 Il-Programmi u l-Applikazzjonijiet Użati*

Sabiex stajt nilħaq l-għanijiet u l-aspirazzjonijiet li kelli f'moħħi bilfors li kelli nserraħ fuq applikazzjonijiet u programmi li jagħtu lok għall-iżvilupp aħjar tar-riżorsi. Permezz ta' dawn stajt noħroġ il-kreattività b'mod aktar faċli u konvenjenti.

Il-programm **ActivInspire** sibtu utli ħafna biex stajt noħloq riżorsi li jirrikjedu l-parteċipazzjoni tal-istudenti billi jużaw il-pinna interattiva u jaħdmu l-eżerċizzji. Aktar u aktar issa li kull klassi hija attrezzata b'bord interattiv li fih ikun inkorporat dan il-programm. Barra minn hekk, ActivInspire jippermetti lill-għalliema jimportaw riżorsi eżistenti tagħhom, bħal slides tal-Powerpoint u PDFs, u jużawhom fuqu (Schrier, 2014). Dan ifisser li r-riżorsi li huma magħmula mill-Powerpoint jew Word jistgħu jiġu importati fih. Dan il-programm jappoġġja l-argument tiegħi li r-riżorsi li ħloqt jistgħu jiġu aġġustati faċilment skont il-preferenza u l-ħtieġa tal-istudenti fil-klassi u l-għalliem.

Barra minn hekk, użajt il-**Microsoft Word** f'ħafna mir-riżorsi b'mod speċjali biex ħloqt il-leħħiet, il-puzzles, il-ktejjeb u l-karti tat-taħriġ. Dan il-programm huwa użat minn kulħadd speċjalment f'dan iż-żmien diġitali, tant li meta nixtru kompjuter inniżżluh biex niktbu fuqu (Siddiqui, 2015). MS Word huwa programm sofistikat iddisinjat apposta għat-twettiq ta' diversi funzjonijiet tal-ipproċessar tal-kliem, bħall-ittajpjar, l-editjar u l-istampar ta' informazzjoni testwali.

Programm ieħor simili għal MS Word li użajt huwa l-**Powerpoint**. Dan huwa effettiv ħafna billi jgħaqqad immaġini, animazzjonijiet u testi ma' kontenut edukattiv (Berk, 2012). Din l-applikazzjoni hija maħsuba kemm għal udjenzi żgħar kif ukoll kbar. Barra minn hekk, m'hemmx limitu ta' kemm-il darba tista' tuża l-istess preżentazzjoni. Fattur ieħor li ġibidni

biex nużah huwa s-sistema ta’ rispons, dan jidher fir-riżorsi li għamilt, tista' tgħid għal kull klikk jew tweġiba hemm rispons jew kumment li jgħid tweġiba tajba jew ħażina u saħansitra kliem li jiċċaqlaq jew jibdel il-kulur meta tikklikkja fuqu.

**Kahoot** huwa sit ieħor tassew interessanti. Permezz ta’ Kahoot stajt noħloq attivitajiet kollaborattivi u individwali, skont dak li jippreferi l-edukatur. Din is-sit huwa effettiv ħafna fit-tagħlim online għax jaħdem permezz ta' apparat elettroniku bħal tablets, laptops u mowbajls. Is-sit jippermetti li l-għalliem idaħħal mistoqsijiet u tweġibiet differenti. Qabel ma jibdew eżerċizzju, l-istudenti kollha jingħataw kodiċi, u kulma għandhom jagħmlu huwa li jmorru fis-sit Kahoot u sempliċement jittajpjaw il-kodiċi mogħti. Dan awtomatikament jidderiġihom għall-kwiżż. Fl-aħħar tal-kwiżż, is-sistema turi lista ta’ marki skont kif mar kull parteċipant.

Fl-aħħar u mhux l-inqas għamilt użu mis-sit **LearningApps**. Dan huwa sit b’xejn, użat faċilment u mimli mudelli ta’ riżorsi li jistgħu jiġu irranġati għall-ħtiġijiet tal-utenti. LearningApps tani l-opportunità noħloq dak li kelli f’moħħi b’mod aktar faċli għax stajt insib logħob interattiv u nużah skont dak li rrid ngħallem, bħal ngħidu aħna t-tisliba.

### 4.8 Konklużjoni

F’dan il-kapitlu ġie diskuss dak kollu li kellu x’jaqsam mal-metodoloġija applikata, mal-parteċipazzjoni fil-proġett tal-MaltiTek, ma’ ċerti konsiderazzjonijiet etiċi u soċjali li ridt inżommhom f’moħħi bħala gwida, kif ukoll il-proċedura li jiena użajt biex ħloqt ir-riżorsi. Fil-kapitlu li jmiss ser inkun qed niddiskuti kull riżorsa f’aktar dettall.

# 5. Id-Deskrizzjoni tar-Riżorsi

## 5.1 Daħla

F'din it-taqsima se niddeskrivi r-riżorsi kollha li ħloqt. Dan il-kapitlu se jinqasam f'żewġ partijiet, fl-ewwel parti se nagħti ħarsa lejn id-deskrizzjoni tar-riżorsi tradizzjonali u fit-tieni parti se niffoka fuq id-deskrizzjoni tar-riżorsi diġitali. Kull deskrizzjoni se tkun imqassma f'seba' kategoriji: l-isem, l-għan, il-metodu, l-għodda użata, id-deskrizzjoni tal-attività, l-istruzzjonijiet u xi suġġerimenti.

## 5.2 Ir-Riżorsi Tradizzjonali

### *5.2.1 Riżorsa 1*

<u>L-isem:</u> Qabbel l-istampa mal-isem

<u>L-għan:</u> L-istudenti se jidentifikaw l-ismijiet tal-affarijiet li nsibu fi djarna. Dan se jagħmluh billi jgħaqqdu l-leħħiet bl-istampi mal-leħħiet li jaqblu ma' isimhom.

<u>Il-metodu:</u> Individwali

<u>L-għodda użata:</u> Leħħiet

<u>Deskrizzjoni tal-attività:</u> Din ir-riżorsa hija ideali għal dawk l-istudenti li jixtiequ jwessgħu l-vokabularju tagħhom fil-qasam tal-bini u l-ornamenti. Se sservi ta' introduzzjoni għal ċerti oġġetti li nsibu fi djarna, minħabba li waqt li l-istudenti se jkunu qed jgħaqqdu l-ismijiet mal-ornamenti, se jwessgħu l-għarfien ta' kif jidhru l-ornamenti kif ukoll kif jinkiteb isimhom (Christina, 2017) (ara taqsima 3.2.2). Barra minn hekk, fl-aħħar pass ta' din l-attività l-istudenti se jkomplu jitħarrġu billi jpoġġu l-istess ornamenti u ismijiet taħt il-kmamar li normalment insibuhom fihom.

Għaldaqstant, bħala għajnuna kull leħħa li tinkludi kamra, isem u stampa, għandha forma differenti u b'hekk l-istudenti jafu li pereżempju, leħħa li għandha forma kwadra mhux se tidħol ma' leħħa li għandha forma tonda. F'din ir-riżorsa l-ħila tal-lingwa mħaddma hija l-qari, li dan jikkumplimenta ruħu tajjeb u jtejjeb il-prestazzjoni tal-istudenti mal-istil ta'

tagħlim viżiv tal-istampi flimkien mal-istil kinestetiku/tal-mess fil-moviment u fil-forom differenti tal-leħħiet.

L-istruzzjonijiet: F'din l-attività, l-għalliem għandu jqassam il-leħħiet lill-istudenti. Il-leħħiet m'għandhomx għalfejn ikunu f'xi ordni partikolari. Wara t-tqassim, l-għalliem jista' jitlob lill-istudenti jpoġġu l-parti l-kbira li fiha t-titlu xi mkien fejn tidher sew fuq il-mejda. L-aħjar li l-istudenti jifirxu l-leħħiet bl-istampi u l-ismijiet madwar il-mejda u mbagħad ipoġġu kollox f'kategoriji. L-ewwel pass huwa li l-istudenti jgħaqqdu l-leħħiet bl-isem mal-leħħiet bl-istampi. It-tieni pass ikun li jpoġġu dawn il-leħħiet taħt il-leħħa bl-isem tal-kamra li nsibuhom fiha.

Xi suġġerimenti: Jekk l-istudenti huma diġà midħla u kapaċi fl-identifikazzjoni ta' ċerti ornamenti, l-għalliema jistgħu jużaw leħħiet b'forma waħda biss, u b'hekk tkun aktar diffiċli għall-istudenti. Tajjeb li l-istudenti jħallu biżżejjed spazju sabiex jaraw il-leħħiet kollha. Barra minn hekk, kif jistqarru Schieb u Karabenick (2011) l-għalliem għandu jirrispetta l-fatt li l-istudenti ġejjin minn sfondi differenti u għalhekk ċerti studenti ma jkunux familjari ma' ċerti ornamenti (ara taqsima 4.3.2 u 4.5.1).

### *5.2.2 Riżorsa 2*

L-isem: Puzzle

L-għan: L-istudenti se jkabbru l-għarfien tagħhom dwar l-ismijiet tad-djar.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Leħħiet

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħsuba għal dawk l-istudenti li huma diġà kompetenti u għandhom kisba tajba tal-Malti minħabba diversi raġunijiet, fosthom: (i) Il-kapaċità li l-istudent jintebaħ bl-isterjotipi jew realtajiet ta' ċerti postijiet li fihom insibu djar partikolari (Istitut għall-Edukazzjoni, 2020). Eżempju l-Mellieħa nsibu ħafna palazzi jew il-Ħamrun insibu djar antiki; (ii) L-abbinazzjoni tal-prezz ma' kif jidher il-post u l-pożizzjoni ġeografika jiġifieri r-raħal; (iii) Il-fehim ta' xi nsejħulhom id-djar, eżempju: palazz, mezzanin u

terran; kif ukoll (iv) l-identifikazzjoni ta' ċerti kmamar li jinsabu fl-istampi tad-djar permezz tad-deskrizzjoni (ara taqsima 4.4.2).

Hawnhekk, il-ħila prinċipali hija l-qari minħabba l-qari tad-deskrizzjoni ta' kull dar, li trid tingħaqad tajjeb mal-istampi. Madankollu nsibu tliet stili ta' tagħlim. L-ewwel stil huwa dak viżiv, minħabba li hemm diversi stampi ta' djar. It-tieni, l-istil kinestetiku, peress li l-istudenti jridu jmexxu l-leħħiet u t-tielet, l-istil loġiku, minħabba li l-istudenti jridu jaħsbu sew biex jabbinaw id-deskrizzjoni mal-istampa.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem għandu jqassam tmintax-il leħħa, li dawn kollha jingħaqdu separatament f'pari. Ovvjament l-għalliem għandu jkun ċert li waqt it-tqassim tal-leħħiet, dawn ma jkunux f'ordni partikolari. Finalment, l-għalliem jispjega lill-istudenti li jridu jabbinaw il-leħħa tad-deskrizzjoni tal-bini mal-leħħa li fiha stampa ta' dar. Mistoqsija ħolqa għandha tkun; 'li kieku inti bejjiegħ tal-proprjetà, liema deskrizzjoni tuża biex tispjega kif tidher id-dar fl-istampa?'

<u>Xi suġġerimenti:</u> Kif deher fl-intervista ta' Zammit (2020), individwi li jkunu ġejjin minn pajjiżi barranin ċerti djar u bini huwa aljen għalihom jew rari li jaraw bħalu (ara taqsima 3.2). Għalhekk l-għalliem għandu jadatta u jispjega skont il-ħtieġa tal-istudenti (Woolfolk, 2016).

### *5.2.3 Riżorsa 3*

<u>L-isem:</u> Merħba f'dari

<u>L-għan:</u> L-istudeni se jpoġġu l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna skont il-kmamar li nsibuhom fiha. F'dan il-każ: fil-kċina, fis-salott, fil-kamra tal-banju u fil-kamra tas-sodda.

<u>Il-metodu:</u> Fi gruppi

<u>L-għodda użata:</u> Fuljett u stampi.

<u>Deskrizzjoni tal-attività:</u> Din l-attività hija maħsuba għall-istudenti li għandhom għarfien tajjeb tal-ismijiet tal-oġġetti li nsibu fi djarna, kif ukoll għandhom idea f'liema kamra nsibuhom. Din l-attività hi ddisinjata b'mod li l-istudent turih viżwalment kif jidhru l-oġġetti. Barra minn hekk, hija ddisinjata b'tali mod li tirreplika dar Maltija b'karatteristiċi tal-faċċata u oġġetti ta' ġewwa.

Din l-attività fiha wkoll linji gwidi permezz tal-karattri prinċipali, Frawlina u sħabha. B'hekk l-istudenti kemm jimxu mal-istruzzjonijiet biex jaħdmu din l-attività. Il-ħila tal-lingwa prinċipali li se tiġi pprattikata hija l-qari, minħabba li l-istudenti jridu jaqraw l-istruzzjonijiet u l-ismijiet tal-kmamar. Madankollu, fost l-istili ta' tagħlim li jistgħu jitħaddmu għal din l-attività nsibu l-istil viżiv u kinestetiku.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem jaqsam l-istudenti fi gruppi ta' erbgħa. F'kull grupp se jkun hemm student assenjat għal kull kamra. L-ewwel pass ta' dan l-eżerċizzju huwa li joħorġu l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna. Wara li joħorġu l-istampi kollha jridu jpoġġuhom skont fejn insibuhom fid-dar.

Xi suġġerimenti: L-għalliem għandu jirrispetta ċerti deċiżjonijiet mill-istudenti, eżempju jista' jkun hemm xi studenti li jpoġġu ċerti ornamenti f'postijiet fejn normalment ma nsibuhomx hemm (Vassallo, 2008) (ara taqsima 4.4.2). Però fi djarhom jew f'pajjiżhom huma jpoġġuhom hemm, bħal ngħidu aħna t-televiżjoni fil-kċina, filwaqt li mhux kulħadd ipoġġih fil-kċina.

### *5.2.4 Riżorsa 4*

L-isem: Affarijiet li nsibu fi djarna

L-għan: L-istudenti se jagħżlu erba' affarijiet mil-lista. Kif jagħżluhom iridu jidentifikaw fejn l-aħjar jiktbuhom, fl-ispazji ta' taħt kull kamra.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Karta tat-taħriġ

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija mmirata għal dawk l-istudenti li għandhom ħakma tajba tal-vokabularju marbut mal-bini u d-djar. Dan minħabba l-fatt li hawnhekk se titħaddem il-ħila tal-kitba. Din il-ħila titlob li l-istudenti jkunu diġà kompetenti fil-kitba tal-lingwa Maltija. Din ir-riżorsa tista' tgħinhom ukoll billi jimitaw il-kitba tal-oġġett mil-lista mogħtija. Apparti minn hekk, l-istudenti se jipprattikaw il-ħila tal-qari, peress li jridu jaqraw l-oġġett miktub lest. Min-naħa l-oħra l-istil ta' tagħlim ewlieni huwa dak viżiv, għax fil-karta tat-taħriġ hemm stampi biex jgħinu lill-istudenti josservaw kif jidhru l-oġġetti.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem ser iqassam il-karta tat-taħriġ lil kull student. L-istudenti jridu jagħżlu erba' oġġetti mil-lista li se tkun fuq l-istess karta. Taħt il-lista ta' oġġetti se jkun hemm seba' kmamar u taħthom erba' spazji vojta. Hawnhekk l-istudenti jridu jiktbu l-oġġetti li għażlu fil-kaxxi l-vojta, skont il-kamra li nsibuhom fiha.

Xi suġġerimenti: L-għalliem m'għandux jaċċetta ċerti għażliet mill-istudenti, bħal ngħidu aħna ċerti oġġetti għandhom jinkitbu fil-kmamar li ġeneralment insibuhom fiha għalkemm jistgħu jitpoġġew f'kull kamra, bħal ngħidu aħna 'siġġu' minħabba li tista' tpoġġih kullimkien imma mhux se tpoġġih fil-kamra tal-banju.

### *5.2.5 Riżorsa 5*

L-isem: Fittex il-Kelma

L-għan: L-istudenti jridu jfittxu oġġetti li nsibu fi djarna mill-fittiexa. Wara jridu jiktbu ħames sentenzi marbutin mal-kliem li jsibu. F'dawn is-sentenzi jridu jużaw prepożizzjoni waħda jew aktar minn dawk mogħtija.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Karta tat-taħriġ

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa se tlaqqa' żewġ elementi ma' xulxin. Fl-ewwel eżerċizzju l-istudenti se jħaddmu l-għarfien tal-vokabularju tagħhom billi jfittxu oġġetti li nsibu fi djarna. Xi ftit minn dawn l-oġġetti se jkunu miktubin bi stampa tagħhom ħdejn il-kelma. L-oħrajn se jkunu bla isem. Dan se jagħmilha aktar diffiċli biex l-istudenti jsibu l-kelma.

Barra minn hekk, fit-tieni eżerċizzju l-istudenti se jużaw l-istess kliem tal-ewwel eżerċizzju u permezz tagħhom se jiktbu ħames sentenzi. Madankollu, f'dawn is-sentenzi jridu jinkludu prepożizzjonijiet mil-lista miktuba fil-karta. Għalhekk, fit-tieni parti l-istudenti, bl-użu tal-ħila tal-kitba, se jkunu qed iħaddmu l-għarfien grammatikali.

Għalhekk, tajjeb ngħid li din ir-riżorsa hija maħsuba għal dawk l-istudenti li għandhom kisba tajba fl-aspett grammatikali, b'mod partikolari fit-tieni eżerċizzju li dan jirrikjedi ħakma tajba tal-prepożizzjonijiet fil-Malti (ara taqsima 3.5).

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jqassam karta li fiha se jkun hemm fittiexa u spazju fejn jiktbu ħames sentenzi. Fl-ewwel eżerċizzju, l-istudenti jridu jiflu b'reqqa l-fittiexa u minnha jsibu l-oġġetti miktubin taħtha bi stampa tagħhom. Kif isibu l-oġġetti kollha, l-istudenti jridu jmorru fit-tieni eżerċizzju u jużawhom biex jiffurmaw ħames sentenzi. Għaldaqstant, f'dawn is-sentenzi l-istudenti jridu jinkludu xi prepożizzjonijiet li se jkunu provduti fil-karta stess.

Xi suġġerimenti: Permezz ta' din ir-riżorsa l-istudenti qed juru l-kapaċità tagħhom f'oqsma differenti tal-lingwa, għalhekk l-għalliem jista' jżomm rendikont u janalizza b'mod aħjar il-progress ta' xi studenti (Woolfolk, 2016). Barra minn hekk, jekk l-għalliem jaf li l-istudenti tiegħu għandhom ħakma tajba tal-Malti jista' fl-ewwel eżerċizzju juri stampi biss, mingħajr l-isem tal-oġġett. Lejn l-aħħar, l-għalliem jista' jistaqsi lil xi wħud mill-istudenti jaqraw xi sentenzi li kitbu. B'dan il-mod l-għalliem jaċċerta ruħu li kulħadd qed jifhem.

### *5.2.6 Riżorsa 6*

L-isem: Agħti d-direzzjoni t-tajba

L-għan: L-istudenti jridu jħaddmu l-prepożizzjonijiet mogħtija biex ikomplu s-sentenzi. Kif ukoll, se jkunu kompetenti fil-qari ta' mappa.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Karta tat-taħriġ

Deskrizzjoni tal-attività: L-ewwel nett, din ir-riżorsa għandha x'taqsam l-aktar ma' dawk l-istudenti li għandhom bażi ta' għarfien dwar kif tagħti jew tirċievi direzzjoni. Hawnhekk, l-istudenti se jagħmlu użu minn żewġ ħiliet tal-lingwa: (i) il-qari, peress li jridu jaqraw l-istruzzjonijiet biex isibu l-bini, kif ukoll (ii) il-kitba, minħabba li fl-ewwel eżerċizzju jridu jiktbu l-prepożizzjoni adattata u fit-tieni eżerċizzju jridu jiktbu l-post li jaslu fih. F'din ir-riżorsa jistgħu jitħaddmu żewġ stili ta' tagħlim, (i) l-istil kinestetiku minħabba li l-istudenti jridu jqasqsu karozza u jmexxuha skont id-direzzjonijiet u (ii) l-istil viżiv, permezz tad-diversi kuluri użati fil-ħolqien tal-mappa u l-karozzi.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem jibda jqassam il-karta tat-taħriġ. Jipproċedi billi jispjega l-ewwel eżerċizzju fejn l-istudenti jridu jużaw il-prepożizzjonijiet mogħtija. Bħala gwida, l-istudenti

għandhom dejjem jirreferu għall-mappa li se tkun mal-karta tat-taħriġ. Min-naħa l-oħra fit-tieni eżerċizzju, bħala attività ħelwa l-istudenti għandhom iqasqsu waħda mill-karozzi li se jkunu fil-qiegħ ta' din il-paġna u jmexxuha mad-direzzjonijiet mogħtija. Jiġifieri jsegwu s-sitt direzzjonijiet miktuba u permezz tal-karozza jimxu fuq il-mappa skont fejn iridu jmorru Frawlina u sħabha. Meta jaslu, għandhom jiktbu l-bini li jaslu fih fil-linji vojta.

Xi suġġerimenti: Lejn l-aħħar, l-għalliem jista' jżid xi struzzjonijiet u jgħid lill-istudenti jsuqu fejn jgħid hu (Woolfolk, 2016). Imbagħad jistaqsi lil xi wħud mill-istudenti biex jgħidulu l-isem tal-post li jkunu waslu fih.

### *5.2.7 Riżorsa 7*

L-isem: Sib l-oġġetti

L-għan: L-istudenti se jużaw prepożizzjonijiet xierqa sabiex jgħinu lil Frawlina u sħabha jsibu l-oġġetti fl-istampa ppreżentata.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Karta tat-taħriġ

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa, bħal riżorsi oħra minn tiegħi, qed tlaqqa' żewġ elementi flimkien. L-ewwel element huwa t-titjib tal-vokabularju, marbut mad-djar u l-oġġetti li nsibu fihom (Wu, 2012). Dan jidher l-aktar fl-ewwel eżerċizzju fejn l-istudenti, permezz tal-ħila tal-kitba, jridu jiktbu isem l-oġġett fil-parentesi. Barra mit-twessigħ tal-vokabularju hemm l-aspett viżiv, bl-użu tal-kamra tas-sodda. Użajt il-kamra tas-sodda għax għall-istudenti, din il-kamra hi post importanti u jagħtihom ċerta awtonomija. Tista' tgħid li jqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom fiha. Għalhekk permezz tal-istil viżiv bil-kuluri ċari u stampi animati b'mod li jqarrbu lejn ir-realtà, qed inqarreb lill-istudenti lejn it-tagħlim tal-oġġetti li jinsabu madwarhom.

It-tieni element huwa dak grammatikali (Dalil, 2013). Dan jidher kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni eżerċizzju. Fl-ewwel eżerċizzju naraw it-tħaddim tal-għarfien fil-kitba ta' ċerti prepożizzjonijiet biex nispjegaw fejn jinsabu l-oġġetti. Għaldaqstant, fit-tieni eżerċizzju,

l-istudenti jridu jħaddmu l-ħila tal-qari flimkien mal-għarfien ta’ xi jfissru ċertu prepożizzjonijiet biex isibu l-oġġetti.

L-istruzzjonijiet: Qabelxejn, l-għalliem għandu jagħti kopja tal-karta lil kull student. L-għalliem irid jagħmilha ċara li bħala gwida u għajnuna għaż-żewġ eżerċizzji, l-istudenti għandhom dejjem jirreferu għall-istampa tal-ewwel paġna, jiġifieri tal-kamra tas-sodda, minħabba li fl-ewwel eżerċizzju l-istudenti jridu jiktbu isem l-oġġett tal-istampa, li dan se jkun fil-parentesi. Imbagħad iridu jiktbu l-prepożizzjoni t-tajba skont fejn ikun l-ewwel oġġett ikkumparat mat-tieni oġġett. Finalment, l-istudenti jipproċedu għat-tieni eżerċizzju, fejn hawnhekk l-istudenti se jwieġbu veru jew falz skont dak li jistqarru s-sentenzi.

Xi suġġerimenti: Hawnhekk ikun tajjeb jekk l-għalliem jistampa l-ewwel paġna separatament mill-kumplament tal-eżerċizzji l-oħra. Dan sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu referenza aktar faċli għall-oġġetti li hemm fl-istampa tal-ewwel paġna (Wood et al., 1976) (ara taqsima 2.3.7). Fil-każ li kollox ikun dahar ma’ dahar, l-istudenti jridu joqogħdu jdawru l-paġna l-ħin kollu u dan jaf ikun ta’ xkiel.

### *5.2.8 Riżorsa 8*

L-isem: L-avventura ta’ Frawlina biex tixtri dar

L-għan: L-istudenti se jiffamiljarizzaw ruħhom mal-mod ta’ kif għandhom jitħaddtu meta jkunu waslu biex jixtru dar. Din il-prattika se ssir ukoll f’forma ta’ reċta li se tinkiteb mill-istudenti stess.

Il-metodu: Fi gruppi

L-għodda użata: Karta tat-taħriġ, skritt, tikketti tal-isem u kuntratt falz.

Deskrizzjoni tal-attività: Qabelxejn, huwa tajjeb li din l-attività ssir wara riżorsa numru 14 (ara taqsima 5.3.4). Għaldaqstant, din ir-riżorsa se sservi bħala gwida għar-realtà ta’ meta persuna tixtri proprjetà f’Malta (Kapur, 2019). Permezz ta’ reċta, l-istudenti se jkunu qed jimitaw ir-realtà billi flimkien jibnu skritt (Kaliska,2016) (ara taqsima 2.4.1 u 2.4.2). F’din ir-riżorsa l-istudenti se jkunu qed jipprattikaw u jħaddmu l-ħiliet tal-lingwa kollha:

1) L-ewwel ħila hija l-kitba. Permezz tal-kitba, l-istudenti se jipprattikaw il-Malti miktub, filwaqt li jtejbu l-vokabularju tagħhom rigward ċertu kliem mir-reġistru tal-bini u l-proprjetà, kif ukoll ċertu kliem tekniku waqt il-kitba tal-kuntratt tax-xiri.
2) It-tieni ħila hija l-qari. Il-qari se jkun fil-qofol ta' din l-attività minħabba li wħud mill-istudenti se jieħdu rwol ta' xi karattru fir-reċta u jridu jaqraw il-parti tagħhom.
3) It-tielet ħila hija s-smigħ. Waqt li ċerti studenti se jkunu qed jirreċtaw dan l-iskritt, il-kumplament tal-klassi se jipparteċipaw billi jisimgħu b'reqqa dak kollu li jkun għaddej.
4) Ir-raba' ħila hija t-taħdit. Din il-ħila se titħaddem l-aktar fil-bidu tar-riżorsa. Meta l-istudenti se jitħaddtu ma' xulxin flimkien mal-għalliem sabiex jifformulaw l-iskritt.

Naturalment dawn il-ħiliet se jkunu akkumpanjati permezz tal-interazzjoni bejn l-istudenti u l-istil kinestetiku fir-reċta nnifisha (Vygotsky, 1978).

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem se jaqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa. Wara se jgħaddi l-iskritt lill-istudenti kollha. Se jagħti ftit ħin biex jaqrawh u jifhmu l-ambjent tad-djalogu u l-proċess ta' x'jiġri meta persuna tkun qed tfittex biex tixtri dar. Imbagħad, l-għalliem se jispjega kif kull grupp irid jibni skritt bil-mod uniku tiegħu. Sadanittant, l-għalliem se jdur mal-istudenti sabiex ikun ċert li kulħadd qed jifhem u li qed jiktbu tajjeb.

Malli l-għalliem jara li kulħadd lest, se jitlob lil kull grupp jagħżel tliet persuni sabiex joħorġu jirreċtawh. Sakemm jiddeċiedu, se jqasqsu l-props li se jkunu inklużi mar-riżorsa, ħalli jużawhom waqt ir-reċta.

Finalment, kull grupp se jieħu sehem f'reċta differenti u b'hekk kull student se jkun qed iħaddem il-ħiliet kollha tal-lingwa. Dan se jagħti lok lill-istudenti sabiex jisimgħu,jaraw u jikkomunikaw interpretazzjonijiet u ideat differenti.

<u>Xi suġġerimenti:</u> Waqt ir-reċta, l-għalliem jista' juża lill-istudenti-udjenza bħala karattri sekondarji. Dan billi jimitaw ċerti ħsejjes, pereżempju meta jħabbat il-bieb, meta l-aġent ikun qed iqalleb biex ifittex proprjetà jew meta jdoqq it-telefown. Barra minn hekk, is-sabiħ ta' din ir-riżorsa huwa li kull klassi se jkollha skritt differenti, u kull student mhuwiex marbut li jaqra djalogu fiss. Għalhekk, huwa tajjeb li mal-props li jiena inkludejt fir-riżorsa, l-għalliema jistgħu jġibu magħhom xi kostumi jew jitolbu lill-istudenti jġibu xi props mid-dar

(Hardman u Amory, 2015). F'din l-attività l-għalliem se jkun medjatur biex ikompli jgħaqqad lill-istudenti mad-dinja reali (Kohler, 2015) (ara kapitlu 2.3.2).

### *5.2.9 Riżorsa 9*

<u>L-isem:</u> Frawlina tmur il-Belt Valletta

<u>L-għan:</u> L-istudenti se jidentifikaw tliet tipi ta' prepożizzjonijiet: 1) il-prepożizzjonijiet mingħajr artiklu, 2) il-prepożizzjonijiet bl-artiklu u 3) il-prepożizzjonijiet li jassimilaw.

<u>Il-metodu:</u> Individwali

<u>L-għodda użata:</u> Karta tat-taħriġ

<u>Deskrizzjoni tal-attività:</u> Din ir-riżorsa tuża l-aspett kulturali, riflessjoni dwar dawra mal-Belt Valletta u d-deskrizzjoni ta' bini popolari, sabiex ittejjeb il-kapaċità fl-identifikazzjoni ta' diversi prepożizzjonijiet minn silta. Dan se jsir permezz tal-ħila tal-qari u l-ħila tal-kitba. Stil ta' tagħlim prinċipali f'din ir-riżorsa huwa l-istil viżiv. Kull post imsemmi li jinsab ġewwa l-Belt Valletta hemm stampa tiegħu fil-karta (Lavin, 1993). B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jivviżwalizzaw il-bini Malti kif jidher b'mod konkret u mhux rappreżentazzjoni fil-kitba biss.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem iqassam il-karta lil kull student. Fil-bidu għandhom jingħataw ftit minuti sabiex jaqraw is-silta tal-ewwel eżerċizzju. Wara l-qari, l-għalliem jerġa' jaqra s-silta tal-aħħar, jitlob lill-istudenti biex minn dak li qraw, isibu prepożizzjonijiet mingħajr artiklu, prepożizzjonijiet bl-artiklu u prepożizzjonijiet li jassimilaw. Meta jsibuhom jiktbuhom fit-tabella ta' taħt is-silta. Malli l-għalliem jara li kulħadd lest, jimxi għat-tieni eżerċizzju. Hawnhekk, l-istudenti għandhom jaqraw is-silta qabel ma jimlew il-vojt. F'dan l-eżerċizzju, l-istudenti jridu jiktbu l-prepożizzjoni t-tajba skont dik li tkun provduta fil-parentesi.

<u>Xi suġġerimenti:</u> Riżorsa bħal din hija ta' benefiċċju enormi, għax permezz tal-kultura qed tgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom tal-lingwa (Delibaş u Günday, 2016) (ara taqsima 2.4.2). Bħalma jisħaq Sinha (2015) il-bini ta' madwarna qed jintuża bħala għodda u mezz ta' tagħlim (ara taqsima 3.2.1). Fil-fatt, l-għalliem jista' jieħu lill-istudenti madwar il-Belt sabiex huma u mixjin jaħdmu din ir-riżorsa.

### *5.2.10 Riżorsa 10*

L-isem: Avventoni – Fejn l-avventura tinbena permezz tal-prepożizzjoni.

L-għan: L-istudenti se jipparteċipaw b'mod fiżiku fit-tqegħid ta' oġġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija. Kif ukoll jipprattikaw b'mod verbali kif jibnu sentenzi madwar diversi prepożizzjonijiet.

Il-metodu: Fi gruppi jew individwali

L-għodda użata: Ktejjeb permezz ta' karti u stampi ta' oġġetti

Deskrizzjoni tal-attività: Dan huwa ktieb mimli attivitajiet. L-ewwel taqsima fiha rakkont li jinkludi fih leħħiet separati ta' Frawlina, Ħakim, karozza u qattus. F'dan ir-rakkont l-istudent irid ipoġġi dawk il-leħħiet skont il-prepożizzjoni użata fis-sentenza. Eżempju jekk is-sentenza tgħid li Frawlina għaddiet minn taħt il-mina, mela l-istudent irid ipoġġi lil Frawlina taħt il-mina.

Fit-tieni taqsima l-istudenti se jiġu ppreżentati ħdax-il leħħa li fuqhom se jkun hemm istruzzjonijiet li jinkludu diversi prepożizzjonijiet. Apparti dawn il-leħħiet se jkun hemm tliet oġġetti (ballun, dar u siġra) li dawn l-istudenti jridu jpoġġuhom skont l-istruzzjoni li għażlu. It-tielet taqsima se tkun 'dawwar ir-rota', rota bi ħdax-il prepożizzjoni u fejn tieqaf il-vleġġa l-istudenti jridu jgħidu sentenza biha.

Prattikament, din ir-riżorsa se tħaddem il-ħila tal-qari, għax l-istudenti jridu jaqraw l-istruzzjonijiet u l-ħila tat-taħdit fejn fl-aħħar eżerċizzju jridu jgħidu sentenza bil-fomm. Din ukoll tiffoka fuq żewġ stili ta' tagħlim, l-istil viżiv u l-istil kinestetiku. Hawnhekk, l-element viżiv jidher permezz tal-istampi. Dan huwa kruċjali sabiex jirreplika r-realtà u jkun ta' gost f'għajn l-istudenti. Kif ukoll tinkludi l-istil kinestetiku għax l-istudenti jridu jċaqalqu l-oġġetti minn post għall-ieħor skont dak indikat.

L-istruzzjonijiet: Fl-ewwel taqsima l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza li se tkun miktuba taħt jew fuq stampa u jridu jpoġġu l-oġġett, l-annimal jew il-persuna, jiġifieri lil Frawlina, Ħakim, karozza jew qattus, skont il-prepożizzjoni mogħtija. Fit-tieni taqsima l-istudenti se joħorġu tliet leħħiet ta' siġra, dar u ballun, kif ukoll ħdax-il leħħa b'diversi istruzzjonijiet li jinkludu prepożizzjonijiet differenti. Dawn tal-aħħar għandhom jitqiegħdu rashom 'l isfel ħalli jkun hemm l-element ta' sorpriża fl-għażla. Hawnhekk, l-istudenti jridu jagħżlu leħħa waħda

mill-ħdax li jkun hemm u jpoġġu l-oġġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija fl-istruzzjoni. Fl-aħħar taqsima l-istudenti jridu jdawru l-vleġġa ta' fuq ir-rota u fejn tieqaf jgħidu sentenza bil-prepożizzjoni.

Xi suġġerimenti: Dan il-ktieb se jkun utli ħafna għal dawk l-istudenti li għadhom mhux kunfidenti u ma ħakmux kompetenza assoluta tal-prepożizzjonijiet jew tal-vokabularju marbut mad-djar u l-bini (Kim, 2020). Għaldaqstant, se jagħti lok lill-istudenti li qed jistudjaw il-Malti sabiex ma jibżgħux jieħdu żbalji, għall-fatt li faċilment tista' taqla' l-leħħiet u tbiddlilhom posthom. Kif ukoll, l-għalliem għandu l-benefiċċju li jibda mil-liema eżerċizzju jrid. Dan minħabba li m'hemmx kontinwità bejn it-tliet taqsimiet.

Madankollu, huwa pjattaforma tajba għall-għalliema biex l-iżbalji tal-istudenti jeħduhom bħala opportunità ħalli jispjegaw diversi prepożizzjonijiet oħra (Woolfolk, 2016). Pereżempju, jekk leħħa mit-tieni taqsima talbet lill-istudenti jpoġġu l-ballun taħt is-siġra u l-istudent tefgħu ħdejha, l-għalliem jista' juża l-ballun u jpoġġih f'diversi postijiet madwar is-siġra biex jispjega l-prepożizzjonijiet kollha u d-differenzi bejniethom.

### 5.3 Ir-Riżorsi Diġitali

#### *5.3.1 Riżorsa 11*

L-isem: Frawlina u l-Pjanta tad-Dar

L-għan: L-istudenti se jipprattikaw kif jaqraw pjanta ta' dar u jidentifikaw tipi ta' kmamar differenti fi djar differenti.

Il-metodu: Fi gruppi jew individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz tal-PowerPoint, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa tkopri diversi elementi prattiċi li jaħdmu flimkien b'mod armonjuż.

1) Il-prattika tan-numri ordinali. Dan jidher fin-numru ta' sulari li nsibu f'kull pjanta ta' din ir-riżorsa.

2) Il-prattika tal-vokabularju marbut ma' kmamar u partijiet li nsibu fi djar differenti.
3) Il-prattika tal-ismijiet ta' djar u kif jidhru.
4) Il-prattika tal-qari ta' pjanta, kif ukoll, pronunzja ta' ċerti termini.

Dawn l-elementi kollha jintlaħqu mill-istudenti permezz tal-ħila tal-qari. L-istudenti, matul din il-riżorsa, jridu jaqraw l-istruzzjonijiet kif ukoll il-partijiet tad-djar. Barra minn hekk, fiha żewġ stili ta' tagħlim:

1) L-istil viżiv, fl-istampi, il-kuluri u l-pjanti nnifishom: Anke fit-taħriġ innifsu meta l-istudenti jagħfsu fuq il-parti t-tajba • Gallarija jew il-ħażina • Lift din se tbiddel il-kulur.
2) L-istil loġiku: l-istudenti jridu jaħsbu sew qabel ma jagħfsu fuq il-partijiet. Iridu jħarsu sew lejn il-pjanta u l-oġġetti li hemm fiha.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> Fil-preżentazzjoni se jidhru tliet pjanti ta' djar differenti. Ħdejn kull sular ta' kull pjanta se jkun hemm lista ta' partijiet li nsibu fid-djar. Għal kull sular, l-istudenti jridu jagħfsu fuq dawk il-partijiet li qed jaraw permezz tal-pinna elettronika. Meta jagħfsu fuq il-parti t-tajba din se tinbidel f'kulur aħdar, iżda jekk jagħfsu fuq il-parti l-ħażina, din se tinbidel f'kulur aħmar.

<u>Xi suġġerimenti:</u> L-għalliem jista' jaqsam il-klassi fi tliet gruppi u kull grupp jieħu pjanta differenti. Huwa tajjeb li l-għalliem jieħu ħsieb li l-istudenti qed jaħsbu qabel ma jagħfsu fuq il-partijiet (Appel u Lantolf, 1994) peress li hemm tendenza li jagħfsu fuqhom kollha bl-addoċċ bl-intenzjoni li jolqtu t-tajba.

### *5.3.2 Riżorsa 12*

<u>L-isem:</u> Tisliba dwar djar Maltin

<u>L-għan:</u> L-istudenti se jipprattikaw l-għarfien tagħhom permezz ta' mistoqsijet ġenerali, b'rabta mal-użu ta' ċerti oġġetti u kmamar li nsibu fi djarna.

<u>Il-metodu:</u> Fi gruppi jew individwali

<u>L-għodda użata:</u> Il-ħolqa ta' LearningApps, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività se tistħarreġ l-għarfien ġenerali tal-istudenti marbut mal-funzjoni ta' ċerti kmamar u oġġetti li nsibu fi djarna. Apparti minn hekk, permezz ta' din l-attività, it-tagħlim se jkun f'ambitu ta' logħba. B'hekk l-istudenti se jieħdu gost jaħdmu u jitgħallmu.

Il-ħiliet tal-lingwa li se jkunu fil-qofol ta' din ir-riżorsa huma l-qari, is-smigħ, it-taħdit u l-kitba. Dan għax l-istudenti jridu jisimgħu l-mistoqsija u wara jaqrawha huma stess, jgħidu t-tweġiba b'mod verbali u finalment jiktbuha fuq il-bord interattiv. Barra minn hekk, l-istil ta' tagħlim li għandu jispikka f'din ir-riżorsa huwa l-istil loġiku, għax kull grupp irid jaħseb sew qabel ma jwieġeb (Vygotsky, 1978).

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jipproġetta din it-tisliba fuq il-bord interattiv. Permezz tal-pinna elettronika se jagħfas fuq kull numru. Meta jagħfas fuq in-numru se titla' mistoqsija. Hawnhekk, l-istudenti jridu jaqraw il-mistoqsija u jwieġbu billi jimlew il-kaxxi vojta bit-tweġiba t-tajba. Għaldaqstant, f'ċertu kliem se jkun hemm ittri li dawn se jifformaw kelma-rigal. Din se tkun parti mill-attività fejn l-istudenti jridu jipprovaw jaqtgħu x'inhi din il-kelma.

Xi suġġerimenti: Din l-attività tista' tieħu forma ta' kwiżż. Dan billi l-għalliem jaqsam il-klassi f'żewġ gruppi u jistaqsi sitt mistoqsijiet lil kull grupp (Vygotsky, 1978). Barra minn hekk, jekk l-istudenti jġibu l-mistoqsijiet kollha tajba, hemm il-kelma-rigal li tiddeċiedi min hu r-rebbieħ.

### *5.3.3 Riżorsa 13*

L-isem: Agħżel u sib l-oġġett it-tajjeb

L-għan: L-istudenti se jiffamiljarizzaw ruħhom aktar mal-affarijiet li nsibu fi djarna. Kif ukoll jiddistingwu bejn oġġetti li jkunu jidhru simili.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz tal-PowerPoint, il-kompjuter, l-ispeakers, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija mmirata lejn dawk l-istudenti li għadhom ma jafux jagħmlu distinzjoni bejn oġġetti li jidhru simili u li għandhom ismijiet differenti. Pereżempju, għalkemm 'siġġu' u 'pultruna' għandhom l-istess funzjoni u jidhru simili, xorta waħda nsejħulhom b'ismijiet differenti.

Primarjament, din ir-riżorsa tolqot żewġ ħiliet tal-lingwa, il-qari u s-smigħ. Dan għax l-istudenti għandhom l-għażla li jaqraw l-istruzzjonijiet u l-kliem tal-oġġetti. Jistgħu wkoll jisimgħu l-istruzzjonijiet u d-djalogu ta' Frawlina permezz tal-ispeakers. Bħala stili ta' tagħlim insibu erbgħa: (i) l-istil viżiv li jispikka tul ir-riżorsa, bis-saħħa tal-istampi u l-kuluri ċari tal-oġġetti; (ii) l-istil kinestetiku, minħabba li l-istudenti jridu jqumu minn posthom, imorru ħdejn il-bord u jimmarkaw b'subgħajhom; (iii) l-istil awditorju, permezz tad-djalogu rrekordjat; kif ukoll (iv) l-istil loġiku, fil-ħsieb biex jidentifikaw il-post u l-oġġett it-tajjeb.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem għandu jipproġetta l-preżentazzjoni fuq il-bord interattiv. Għandu jkun ċert li l-ispeaker għandu volum ċar u li jinstema' minn kullimkien. Prattikament, fl-ewwel taħriġ l-istudenti jridu jqumu minn posthom, imorru ħdejn il-bord interattiv u b'subgħajhom jidentifikaw fejn qegħdin l-oġġetti miktubin maġenb il-kamra. Meta jkunu lesti, jagħfsu fuq l-isem tal-oġġetti biex Frawlina turihom fejn ikunu qegħdin. B'hekk l-istudenti jaraw jekk għafsux fil-post il-korrett. Fit-tieni taħriġ, fuq il-bord se jidhru żewġ oġġetti li huma simili. Ħdejn iż-żewġ oġġetti se jkun hemm l-isem ta' wieħed miż-żewġ oġġetti. Għalhekk, l-istudenti jridu jagħfsu fuq l-oġġett li jaqbel mal-isem. Jekk it-tweġiba tkun tajba, l-istudenti se jaraw dan is-simbolu: ✔. Jekk it-tweġiba tkun ħażina, l-istudenti se jaraw dan is-simbolu: ✘.

Xi suġġerimenti: Din l-attività tista' tinħadem fi gruppi, fejn kull grupp jista' jaħdem taħriġ differenti. Barra minn hekk, l-għalliem għandu l-għażla li jew isemma' d-diskors ta' Frawlina jew iqabbad lil xi wħud mill-istudenti biex jaqrawhom lill-klassi kollha, inkella jaqra hu bħala mudell u l-istudenti jisimgħu (Kohler, 2015).

### ***5.3.4 Riżorsa 14***

L-isem: Fehim mis-smigħ: Konverżazzjoni bejn Frawlina, Toni l-bejjiegħ u n-Nutar Fenech

L-għan: L-istudenti se jidentifikaw il-funzjoni ta' xogħol in-nutar, kif ukoll jitgħallmu dwar il-proċeduri bażiċi ta' meta tagħmel kuntratt biex tixtri dar.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz tal-PowerPoint, il-kompjuter, l-ispeakers, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa se tgħaqqad lill-istudenti fil-klassi mad-dinja ta' barra mill-iskola (Canale u Swain, 1980, ikkwotati f'Demirezen, 2011). Se jifhmu aħjar il-funzjoni ta' nutar, xerrej u bejjiegħ. Min-naħa l-oħra, se josservaw kif ikun magħmul kuntratt tax-xiri u xi jkun miktub fih.

Din ir-riżorsa se tolqot tliet ħiliet tal-lingwa, il-qari, it-taħdit u s-smigħ, peress li jridu jaqraw il-mistoqsijiet, jitkellmu sabiex jgħidu t-tweġiba t-tajba u jisimgħu l-konverżazzjoni bejn Frawlina, Toni l-bejjiegħ u n-Nutar Fenech. Bħala stili ta' tagħlim insibu erbgħa: (i) l-istil viżiv li jidher fid-djalogu bejn il-karattri, u waqt id-diskors se jidhru stampi u animazzjonijiet li jirrappreżentaw dak li jkun qed iseħħ; (ii) l-istil kinestetiku, minħabba li l-istudenti jridu jqumu minn posthom u jmorru ħdejn il-bord ħalli jagħfsu b'idejhom fuq it-tweġiba t-tajba; (iii) l-istil awditorju, permezz tal-konverżazzjoni rrekordjata; kif ukoll (iv) l-istil loġiku, sabiex jibqgħu jiftakru dettalji mill-konverżazzjoni ħalli jwieġbu t-taħriġ.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jipproġetta din il-preżentazzjoni fuq il-bord interattiv. Għandu jkun ċert li l-ispeaker għandu volum ċar u li jinstema' minn kullimkien. Fl-ewwel taħriġ, l-istudenti se jisimgħu konverżazzjoni bejn Frawlina, Toni l-bejjiegħ u n-Nutar Fenech. Wara, l-istudenti jridu jwieġbu sett ta' mistoqsijiet, b'risposta waħda tajba minn tliet għażliet. L-istudenti jridu jmorru ħdejn il-bord interattiv u jagħżlu t-tajba billi jagħfsu fuq il-kelma. Jekk l-għażla tkun tajba, din se tinbidel f'kulur aħdar, u jekk le se tinbidel f'kulur aħmar. Mill-banda l-oħra, it-tieni taħriġ se jkun eżerċizzju ta' 'imla l-vojt'. Mistoqsijiet differenti huma kollha relatati mal-konverżazzjoni tal-bidu. Din id-darba jekk it-tweġiba tkun tajba se tidher slide li tgħid "Risposta tajba"; jekk ir-risposta tkun ħażina se titla' slide li tgħid "Risposta ħażina. Ma ġara xejn, erġa' pprova!".

Xi suġġerimenti: Din ir-riżorsa għandha ssir qabel riżorsa 8 (ara taqsima 5.2.8). L-għalliem jista' juża din ir-riżorsa (14) bħala introduzzjoni. Wara, jintroduċi riżorsa 8 sabiex ikompli jibni fuq dak li diġà jafu.

### *5.3.5 Riżorsa 15*

L-isem: Nieħdu l-irwol ta' aġent tal-proprjetà

L-għan: L-istudenti se jipprattikaw kif jiddeskrivu dar permezz ta' stampi billi jieħdu l-irwol ta' aġent tal-proprjetà.

Il-metodu: Fi gruppi

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz tal-PowerPoint, il-kompjuter u l-bord interattiv.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa tibni fuq ir-riżorsi 8 u 14; jiġifieri hija intenzjonata għall-istudenti li rabbew ċerta kunfidenza u għarfien sabiex ikunu kompetenti biex jiddeskrivu dar permezz ta' stampi biss.

Din ir-riżorsa se ddur madwar żewġ ħiliet tal-lingwa, it-taħdit u s-smigħ. Dan minħabba li l-istudenti kontinwament se jkunu qed jitkellmu billi jiddeskrivu d-dar biex ibigħuha. Mill-banda l-oħra, il-gruppi l-oħrajn iridu jisimgħu b'reqqa sabiex ma jirrepetux lil xulxin u jitgħallmu mingħand xulxin. Barra minn hekk, fost l-istili ta' tagħlim insibu: (i) l-istil viżiv, li jinsab fiċ-ċentru ta' din ir-riżorsa, minħabba li t-taħriġ huwa marbut ma' diversi stampi; (ii) l-istil kinestetiku, peress li din l-attività titlob lil dawk l-istudenti li qed jitkellmu iqumu bilwieqfa quddiem sħabhom; kif ukoll (iii) l-istil loġiku, għax l-istudenti jridu jaħsbu sew dwar x'tip ta' dar tista' tkun, kemm fiha kmamar, xi stil ta' għamara fiha u l-prezz.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem għandu jaqsam il-klassi fi tliet gruppi. Kull grupp irid jippreżenta dar differenti. Meta tingħażel id-dar, kull grupp jieħu l-irwol ta' aġent tal-proprjetà, billi jiddiskutuha u jiddeskrivuha bl-aħjar mod possibbli. Dan sabiex iħajru lill-gruppi l-oħra jixtruha. Bħala għajnuna, l-istudenti se jkollhom xi ftit ritratti tad-dar u ftit mistoqsijiet ta' għajnuna:

1) X'tip ta' dar hi?
2) X'inhi l-lokalità, l-isem tad-dar u l-indirizz?

3) Kemm tiswa?
4) Kemm hemm kmamar u x’tip ta’ kmamar huma?
5) Agħti deskrizzjoni tal-għamara u l-ornamenti li fiha d-dar.
6) X'tip ta’ veduta għandha?

L-għalliem għandu jagħti ftit minuti sabiex l-istudenti jaħsbu ftit dwar dak li se jgħidu u jkollhom biżżejjed ċans iħarsu lejn l-istampi provduti. Tajjeb li l-istudenti jimirħu lil hinn mir-ritratti u jinkludu ftit immaġinazzjoni kreattiva.

<u>Xi suġġerimenti:</u> F’każ li xi studenti jeħlu, l-għalliem jista’ jistaqsi xi mistoqsijiet waqt il-preżentazzjoni (Woolfolk, 2016). B’rabta ma’ dan, il-kumplament tal-istudenti jistgħu jistaqsu xi mistoqsijiet lill-istudenti li qed jippreżentaw (Swain u Watanabe, 2013). Tkun idea tajba li jitqajjem dibattitu qasir, fejn l-istudenti jikkumparaw id-djar ta’ xulxin sabiex ma jħalluhomx jixtruha jew viċi versa (Martin, 2015).

### *5.3.6 Riżorsa 16*

<u>L-isem:</u> Djarna u l-bini ta’ madwarna: Affarijiet li nsibu fid-dar

<u>L-għan:</u> L-istudenti se jipprattikaw kif jippronunzjaw ċerti affarijiet li nsibuhom fi djarna.

<u>Il-metodu:</u> Fi gruppi jew individwali

<u>L-għodda użata:</u> Il-preżentazzjoni permezz ta’ ActivInspire, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

<u>Deskrizzjoni tal-attività:</u> Qabelxejn, din ir-riżorsa għandha ssir bħala preludju għal riżorsa 4 (ara taqsima 5.2.4). B’hekk l-istudenti jkollhom idea aħjar tal-affarijiet u xi nsejħulhom. Għalhekk hija mmirata lejn dawk l-istudenti li jixtiequ jtejbu l-kitba tal-ismijiet tal-kmamar u l-affarijiet fihom, u anke għall-istudenti li jsibuha diffiċli jippronunzjaw ċerti oġġetti. Bażikament, din ir-riżorsa tiġbor fiha postijiet u oġġetti li l-istudenti żgur se jiltaqgħu magħhom (Mahn u John-Steiner, 2012), għalhekk se tkun ta’ għajnuna sabiex jiksbu għarfien tajjeb ta’ kif jippronunzjawhom.

Din ir-riżorsa tiffoka fuq il-ħila tal-qari, it-taħdit u l-kitba. Il-kitba se tkun ipprattikata fit-tieni taħriġ, fejn l-istudenti jridu jiktbu isem il-kamra. Il-qari se jsir individwalment u

mal-għalliem. Imbagħad se jitħaddtu billi jippronunzjaw il-kliem. Stili ta' tagħlim li jispikkaw huma: (i) l-istil viżiv permezz tal-istampi u l-oġġetti; (ii) l-istil kinestetiku, li fit-tieni taħriġ l-istudenti jridu jqumu minn posthom u jiktbu l-isem tal-kamra fuq il-bord u jmexxu l-ismijiet f'posthom; kif ukoll (iii) l-istil loġiku, għax l-istudenti jridu jiftakru billi jaħsbu x'jisimhom l-oġġetti.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem għandu jipproġetta din ir-riżorsa fuq il-bord interattiv, billi juża l-programm ActivInspire. Imbagħad, se jagħti ħarsa lejn kull slide u jaqra l-affarijiet li normalment insibu f'postijiet differenti fi djarna. Hawnhekk, l-għalliem se jkun il-mudell sabiex juri lill-istudenti kif jippronunzjaw ċertu kliem kif ukoll fejn insibu l-affarijiet fid-dar. L-għalliem irid jaqra b'vuċi ċara u b'volum għoli. Wara, l-għalliem jagħti ftit minuti biex jerġa' juri l-slide kollha u jħalli lill-istudenti jaqraw il-kliem waħedhom. Malli kulħadd ikun lest, se jaqsam lill-istudenti f'pari u kull par se jkun assenjat kamra. Dawn iridu jaqraw isem l-oġġetti ta' dik il-kamra lil sħabhom tal-klassi.

Fit-tieni parti, l-istudenti jridu jidentifikaw l-isem tal-kamra jew tal-post u jiktbuh fil-linji l-vojta. Wara, l-istudenti se jużaw il-pinna elettronika biex imexxu l-ismijiet tal-oġġetti ħdejn l-oġġett innifsu. Dawn se jkunu mħawdin f'kaxxa ħdejn l-istampa tal-post.

<u>Xi suġġerimenti:</u> Din ir-riżorsa hija utli ħafna, għax se tgħin lill-istudenti jippronunzjaw ċerti oġġetti li nsibu f'kull dar. Għaldaqstant ikun tajjeb jekk din ir-riżorsa ssir qabel riżorsa 4 (ara taqsima 5.2.4). Mill-banda l-oħra, iż-żewġ taħriġiet ta' din ir-riżorsa qegħdin f'ordni li ma għandhiex tinbidel, minħabba li l-ewwel taħriġ se jwassal għat-tieni taħriġ u mhux bil-kontra.

### *5.3.7 Riżorsa 17*

<u>L-isem:</u> Vjaġġ madwar dar

<u>L-għan:</u> L-istudenti se jitħarrġu fil-kitba marbuta mal-vokabularju tad-djar u l-bini ta' madwarna.

<u>Il-metodu:</u> Individwali

<u>L-għodda użata:</u> Il-preżentazzjoni permezz ta' ActivInspire, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Ikun tajjeb li l-għalliem iħalli din ir-riżorsa għal wara riżorsa 4 u riżorsa 16. Dan minħabba li permezz ta' dawn iż-żewġ riżorsi, l-istudenti se jkunu ħakmu sew l-ismijiet tal-oġġetti u l-kmamar li nsibu fi djarna. Għalhekk se tkun aktar faċli għall-istudenti biex jagħmlu din l-attività.

Il-ħila tal-lingwa li se titħaddem l-aktar hija l-kitba. Il-kitba se tkun fiċ-ċentru minħabba li din l-attività kontinwament se titlob lill-istudenti jiktbu diversi affarijiet, dejjem b'rabta mal-filmat. Għaldaqstant, l-istudenti qabel ma jiktbu jridu jħaddmu l-ħila tal-qari biex jaqraw il-mistoqsijiet. Madankollu, din ir-riżorsa tkopri żewġ stili ta' tagħlim: l-ewwel, l-istil viżiv, minħabba li l-istudenti jridu jaraw filmat li se juri vjaġġ madwar dar; u t-tieni, l-istil kinestetiku, peress li l-istudenti jridu jqumu minn posthom u jiktbu fuq il-bord interattiv.

L-istruzzjonijiet: L-ewwel nett, l-għalliem irid jipproġetta din ir-riżorsa fuq il-bord interattiv. Se jipproċedi billi jgħid lill-istudenti jaraw il-filmat. Dan il-filmat għandu jintwera bejn darba u tliet darbiet, skont il-ħtieġa u l-kapaċità tal-istudenti. Wara li jkun intwera l-filmat, l-istudenti jridu jwieġbu l-mistoqsijiet dwar dak li raw. It-tweġibiet se jsiru permezz tal-kitba. Dan ifisser li l-istudenti jridu jqumu minn posthom, imorru ħdejn il-bord u permezz tal-pinna elettronika jiktbu dak li jafu.

Xi suġġerimenti: Din ir-riżorsa partikolari għandha ssir kemm wara riżorsa 4 (ara taqsima 5.2.4), kif ukoll wara riżorsa 16 (ara taqsima 5.3.6). Ma jkunx ħażin li l-għalliem iqabbad lill-istudenti jaqraw dak li jkunu kitbu fuq il-bord interattiv (Byram, 2012). Ikun tajjeb ukoll li l-għalliem jieħu ħsieb li l-filmat jidher sew minn kull student.

### *5.3.8 Riżorsa 18*

L-isem: L-oġġetti fi djarna

L-għan: L-istudenti se jkabbru l-għarfien tagħhom dwar l-isem u d-dehra ta' ċerti oġġetti fi djarna.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz ta' LearningApps, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa se tkompli tibni fuq riżorsi 4, 16 u 17. B'hekk, se tkompli ssaħħaħ fuq dak li l-istudenti diġà jafu u ttejjeb dak li għadhom mhux ċerti minnu. Hawnhekk, se titħaddem il-ħila tal-qari. Matul din l-attività l-istudenti jridu jaqraw l-ismijiet u jmexxuhom fuq l-oġġett it-tajjeb. Għalhekk, l-aktar stili ta' tagħlim li se jinħadmu huma (i) l-istil viżiv għax l-istudenti se jaraw kif jidher l-oġġett permezz tal-istampi, u (ii) l-istil kinestetiku, għax iridu jqumu minn posthom biex jużaw il-pinna elettronika u jmexxu l-isem mal-oġġett.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem irid jiftaħ il-ħolqa permezz tal-LearningApps. Din ir-riżorsa se tkun proġettata fuq il-bord interattiv. L-għalliem se jqabbad xi wħud mill-istudenti jqumu minn posthom, imorru ħdejn il-bord u permezz tal-pinna elettronika jaħdmu l-eżerċizzju. Bażikament, fuq il-bord se jkun hemm stampi ta' oġġetti li nsibu fi djarna u l-ismijiet tagħhom. Xogħol l-istudenti huwa li jmexxu l-isem mal-oġġett it-tajjeb.

Xi suġġerimenti: Għall-istudenti li huma diġà kompetenti fil-lingwa Maltija jew li diġà għamlu r-riżorsi 4, 16 u 17, l-għalliem jista' jintroduċi s-sistema ta' *kontra l-ħin*. Hawnhekk l-istudenti jridu jqabblu l-isem mal-oġġett f'ħin stipulat, ngħidu aħna f'ħames minuti. Din tista' ssir ma' kull student b'mod individwali u fl-aħħar tinħareġ klassifika sabiex jaraw min ġie l-ewwel, it-tieni, eċċ.

### *5.3.9 Riżorsa 19*

L-isem: Sib il-post

L-għan: L-istudenti se jipprattikaw kif jinħadmu ċerti prepożizzjonijiet, billi jsibu l-postijiet indikati fl-istruzzjonijiet.

Il-metodu: Fi gruppi jew individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz ta' LearningApps, il-kompjuter, il-bord interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa tibni ħafna fuq riżorsa 6 (ara taqsima 5.2.6). Fil-fatt tista' tintuża bħala taħriġ li jsaħħaħ dak li diġà jafu, b'differenza li f'din ir-riżorsa l-eżerċizzju se jkun aktar interattiv u jaf jolqot l-għajn, b'mod speċjali l-gosti tal-istudenti (Raja u Nagasubramani, 2018).

L-unika ħila tal-lingwa mħaddma f'din ir-riżorsa hija l-qari. Dan għax l-istudenti jridu jaqraw l-istruzzjonijiet biex isibu l-post, kif ukoll, iridu jaqraw l-isem tal-postijiet. Barra minn hekk, l-istili ta' tagħlim li din ir-riżorsa ddur madwarhom huma l-istil viżiv, minħabba li l-istudenti se jsegwu stampa ta' raħal b'diversi postijiet u ħwienet, it-tieni l-istil kinestetiku, peress li l-istudenti jridu jqumu minn posthom biex jimmarkaw il-post fuq il-bord interattiv u t-tielet l-istil loġiku minħabba li l-istudenti jridu jiddistingwu d-differenzi bejn prepożizzjonijiet li jkunu simili però jinterpretaw direzzjonijiet differenti.

L-istruzzjonijiet: Bl-użu tal-bord interattiv, l-għalliem se jipproġetta l-istampa ta' raħal permezz tal-LearningApps. F'dan ir-raħal se jkun hemm diversi ħwienet u postijiet differenti. Malli tibda din ir-riżorsa, l-istudenti se jingħataw sentenzi b'direzzjonijiet differenti bl-użu ta' diversi prepożizzjonijiet. L-istudenti jridu jaqraw sew l-istruzzjoni u jimmarkaw il-post it-tajjeb permezz ta' dan is-simbolu: 📍. Malli l-istudenti jagħfsu fuq il-post, awtomatikament ir-riżorsa se turihom jekk il-post immarkat huwiex tajjeb jew le. Jekk le, se turihom fejn suppost kellhom jimmarkaw. Meta t-tweġibiet ikunu kollha kompluti se jitla' messaġġ li jgħid "Proset!".

Xi suġġerimenti: Ikun tajjeb jekk l-għalliem jagħti biżżejjed ħin lill-istudenti biex jaqraw l-istruzzjonijiet qabel ma jsibu l-post. Dan minħabba l-fatt li jekk xi studenti ma jkunux laħqu qraw l-istruzzjoni, l-għalliem ma jistax jerġa' jreġġa' l-istruzzjoni lura. F'dan il-każ irid bilfors jerġa' jibda mill-bidu. B'konsegwenza ta' hekk, jispiċċa jinħela ħafna ħin prezzjuż.

### ***5.3.10 Riżorsa 20***

L-isem: Kwiżż: Frawlina tidħol fid-dar il-ġdida!

L-għan: L-istudenti se jħaddmu l-prepożizzjonijiet li jingħaqdu mal-artiklu sabiex jgħinu lil Frawlina ssib il-kmamar fid-dar il-ġdida tagħha.

Il-metodu: Individwali

L-għodda użata: Il-preżentazzjoni permezz ta' Kahoot, il-kompjuter, il-bord interattiv u t-tablet jew il-mowbajl.

Deskrizzjoni tal-attività: F'din ir-riżorsa, l-istudenti se jitħarrġu fil-mod ta' kif jinħadmu l-prepożizzjonijiet f'ċerti kuntesti u sentenzi. Permezz ta' Kahoot, kif jispiċċa l-kwiżż, l-għalliem se jirċievi mill-ewwel ir-riżultati ta' kull student. Għalhekk, l-għalliem għandu jserraħ moħħu li kulħadd qed jipparteċipa.

Il-ħila tal-lingwa prinċipali f'din ir-riżorsa hija l-qari. Matul din l-attività l-istudenti jridu jaqraw b'reqqa s-sentenzi u l-għażliet. Mill-banda l-oħra nsibu diversi stili ta' tagħlim, fosthom: (i) l-istil viżiv, permezz ta' stampi li se jimitaw is-sentenzi; (ii) l-istil awditorju, fejn kontinwament l-istudenti se jisimgħu ħsejjes differenti li jirrappreżentaw l-iskadenza tal-ħin jew jekk ir-risposta hijiex tajba jew ħażina; kif ukoll, (iii) l-istil loġiku, fejn l-istudenti jridu jaħsbu dwar liema prepożizzjonijiet jagħmlu sens skont il-kuntest u s-sentenza.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jidħol fil-ħolqa tar-riżorsa permezz tas-sit Kahoot. Malli jidħol, se jagħfas fuq 'start' sabiex jagħti bidu għal dan il-kwiżż. F'dan il-waqt se jgħid lill-istudenti jidħlu fis-sit *www.kahoot.it* u jiktbu l-pin li se jkun assoċjat ma' dik is-sezzjoni. Malli jidħlu u jkunu kitbu l-pin, is-sistema se titlobhom jiktbu isimhom. Hawnhekk tajjeb li l-għalliem jindika lill-istudenti biex jiktbu isimhom u kunjomhom. Meta kulħadd ikun aċċessa l-kwiżż, l-għalliem jerġa' jagħfas fuq 'start' biex b'hekk jibda. Kull mistoqsija tieħu minuta. F'din il-minuta, l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u jimlew il-vojt bil-prepożizzjoni t-tajba. L-għażla għat-tweġiba t-tajba se ssir minn erba' possibiltajiet. F'każ li l-iskola ma tippermettix mezzi elettroniċi, jiena ħloqt leħħiet apposta b'erba' kuluri differenti. L-għalliem jista' jqassam dawn l-erba' leħħiet ma' kull student. B'hekk minflok jagħfsu fuq it-tweġiba t-tajba permezz ta' mezz elettroniku, l-istudenti kemm jgħollu l-leħħa li tirrappreżenta l-għażla tagħhom.

Xi suġġerimenti: Riċentament, l-iskejjel għamlu użu mit-tagħlim online, minħabba l-imxija tal-Covid19. Programmi bħal Kahoot huma ideali sabiex jinħolqu attivitajiet akkademiċi, proprju bħal din ir-riżorsa (Gatt, 2013). Għaldaqstant, rigward it-tagħlim fl-iskejjel, l-għalliem għandu jaqra l-linji gwidi tal-iskola dwar l-użu tal-mowbajs u t-tablets. Jista' wkoll jitlob

permess mill-iskola sabiex, f'din ir-riżorsa partikolari, l-istudenti jkunu jistgħu iġibu l-mowbajls magħhom sabiex jaħdmu din l-attività.

# 6. Konklużjoni

## 6.1 X'sar f'din it-Teżi?

L-ewwel nett, f'din it-teżi ħloqt għoxrin riżorsa ta' tagħlim. L-għan ta' dawn ir-riżorsi huwa li ngħin lill-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija jiksbu ħakma u għarfien sodisfaċenti f'din il-lingwa tant sabiħa. Dan l-istess tagħlim wassaltu lill-istudenti permezz tat-tema ta' djarna u l-bini ta' madwarna. Hawnhekk, jiena ħadt elementi u aspetti mill-bini Malti biex inqarreb lill-istudenti għad-dinja reali. Bażikament, permezz tar-riżorsi l-istudenti se jkunu kunfidenti jitħaddtu, jaqraw, jitkellmu u jisimgħu peress li se jwessgħu l-vokabolarju permezz ta' diversi attivitajiet.

Dawn ir-riżorsi jinqasmu f'żewġ tipi: tradizzjonali u diġitali. Għażilt li noħloq din it-taħlita bbilanċjata sabiex nolqot il-ħtiġijiet, il-preferenzi u l-bżonnijiet ta' kull student. Għalhekk, l-istudenti huma liberi sabiex jagħżlu tipi ta' riżorsi li japplikaw għall-gosti u l-kriterji tagħhom. Tajjeb ninkludi li f'din it-teżi, kull riżorsa għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa. Permezz ta' hekk l-utenti jkollhom gwida ċara tal-isem, l-għan, il-metodu , l-għodda użata, il-ħiliet imħaddma, id-deskrizzjoni tal-attività, l-istruzzjonijiet u xi suġġerimenti.

Matul il-ħolqien tar-riżorsi, ma naqasx ukoll l-impenn tiegħi fil-ħidma tal-proġett MaltiTek. F'dan il-proġett kont assenjat erba' verbi. Xogħli kien li nikkoreġi l-familja ta' dawn il-verbi: *żejjen, għalaq, kines u għasar* li għandhom x'jaqsmu mat-tema tad-dar u l-bini ta' madwarna li hi t-tema ta' din it-teżi (ara kapitlu 4.3).

Fuq nota differenti, abbażi ta' dak kollu li għamilt jiena, studji oħra fil-futur jistgħu jagħtu ħarsa lejn din it-teżi sabiex jaraw kif jiena, permezz ta' tema ħriġt minnha elementi edukattivi u b' hekk stajt noħloq riżorsi li nittama li jkunu ta' għajnuna għall-istudenti.

Huwa fatt li riżorsi bil-Malti huma limitati, b'mod speċjali dawk immirati għall-istudenti tal-Malti bħala lingwa barranija. Għalhekk tkun inizjattiva sabiħa li oħrajn ikomplu jibnu fuq xogħli jew jisiltu xi tema differenti u jibnu fuqha, dejjem bl-għan li ngħinu lill-istudenti jaslu għas-suċċess li jistħoqqilhom.

### 6.2 Xi Ostakli

L-ewwel ostaklu li kelli naffaċċja kien il-pandemija tal-Covid19. Minħabba din il-pandemija ma stajtx nagħmel intervisti jew nipprova dawn ir-riżorsi fil-prattika. Għalhekk kont ristrett fil-mod ta' kif ninterpreta u nuri dawn ir-riżorsi. Minħabba f'hekk ħadt ħafna ħin biex niddeskrivihom fid-dettall, sabiex kull utent ikun kapaċi jħaddimhom sew.

It-tieni ostaklu kien li ħafna mill-istampi li ridt kienu jirrikjedu xi tip ta' liċenzja biex jiġu użati. Saħansitra kien hemm stampi li biex ikolli aċċess għalihom ridt inħallas somma flus. Għalhekk, kelli nfittex siti li setgħu joffru l-istess kwalità ta' ritratti mingħajr ħlas jew liċenzji. Ovvjament dan il-proċess ħa l-ħin.

It-tielet u l-akbar ostaklu kien iż-żmien. Minħabba li fl-ewwel sena tal-Maġisteru tħassar l-ewwel taħriġ prattiku, dan tmexxa għat-tieni sena. Dan fisser li fit-tieni sena ridt nagħmel żewġ taħriġiet prattiċi u nibni din it-teżi. Għalhekk, kont xi ftit limitat sabiex nimraħ iktar fl-iżvilupp tar-riżorsi u fil-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett tal-MaltiTek.

### 6.3 X'tgħallimt minn din it-Teżi?

Jiena u dieħel għal din it-teżi, ma kontx għadni konxju ta' kemm trid ħin biex toħloq riżorsa. Mhux talli hekk, kull riżorsa tirrikjedi attenzjoni u ħsieb differenti. Ridt inkun ċert li qed naqdi l-ħtiġijiet tal-istudenti, li l-messaġġ u l-intenzjoni tal-użu huma diretti u interpretati f'istruzzjonijiet bażiċi. Għaldaqstant ridt inkun konxju li ma noħloqx kunflitti soċjali, reliġjużi jew sensittivi għal ċerti ideat. L-ikbar ħsieb kien dwar kif se tattira l-algoritmu, l-attenzjoni u l-gosti tal-lum il-ġurnata.

Madankollu, permezz ta' din it-teżi ltqajt ma' diversi programmi utli u konvenjenti fil-ħolqien tar-riżorsi, li jgħinu kemm lill-edukatur biex joħloqhom kif ukoll lill-istudent biex jaħdimhom. Għaldaqstant, b'daqsxejn sforz kulħadd huwa kapaċi joħloq sett ta' riżorsi.

# 7. Referenzi


Adeniran, A. (2018). Book review- House form and culture - Amos Rapoport. Rivedut minn Adedeji J. A., u Amole S. A. (2010). F'*Sage Space and Culture Journal and Weblog*. DOI: 10.13140/RG.2.2.28732.95361.

Akhutina, T. (2003). The role of inner speech in the construction of an utterance. *Journal of Russian and East European Psychology, 41*(3-4). 49-74. DOI:10.2753/RPO1061-040541030449.

Alemi, M. u Tavakoli, E. (2016). Audio lingual method. *3et International Conference on Applied research in Language Study*. L-Università ta' Tehran.

Ali, S., Kazemian, B. u Mahar, I. (2015). The importance of culture in second and foreign language learning. *DINAMIKA ILMU: Journal of Education*, *15*(1), 1-10. DOI:10.2139/ssrn.2656713.

Ali, Z., Mukundan, J., Baki, R. u Mohd Ayub, A. F. (2012). Second language learners' attitudes towards the methods of learning vocabulary. *English Language Teaching*. DOI: 5. 10.5539/elt.v5n4p24.

Alqahtani, M. (2015). The importance of vocabulary in language learning and how to be taught. *International Journal of Teaching and Education, 3*(3), 21-34. DOI: 10.52950/TE.2015.3.3.002

Alshenqeeti, H. (2018). Motivation and foreign language learning: Exploring the rise of motivation strategies in the EFL classroom. *International Journal of Applied Linguistics & English Literature*, *7*(7), 1-8. DOI:10.7575/aiac.ijalel.v.7n.7p.1

Appel, G. u Lantolf, J. P. (1994). Speaking as mediation: A study of L1 and L2 text recall tasks. *Modern Language Journal*, *78*(4), 437–452. https://doi.org/10.2307/328583

Assoċjazzjoni Brittanika għad-Dislessja. (2018). *Dyslexia Style Guide 2018: Creating Dyslexia Friendly Content*. Brittanja.

Berk, R. A. (2012). Top 10 evidence-based best practices for PowerPoint in the classroom. *Transformative Dialogues: Teaching & Learning Journal, 5*(3), 1-7.

Bernaus, M., Wilson, A. u Gardner, R.C. (2009). Teachers' motivation, classroom strategy use, students' motivation and second language achievement. *Porta Linguarum*, *12*(12), 25-36. DOI: 10.30827/Digibug.31869.

Bolulu, Z. (2019). *Methods in foreign language teaching: Direct Method and Grammar-translation Method*. L-Università ta' Varsavja.

Borg, A. u Azzopardi-Alexander, M. (1997). *Maltese*. Londra u New York: Routledge.

Borg, C. u Camilleri Grima, A. (2018). *MaltiTek*. *Where Technology Meets Language Learning – An Interfaculty Project*. Mhux ippubblikat.

Briffa, C. (2000). L-importanza tal-lingwi fid-dinja. *Il-Malti. 74*(1), 10-12.

Bušljeta, R. (2013). Effective use of teaching and learning resources. *Czech-Polish Historical and Pedagogical Journal. 5*(2), 55-70. DOI: 10.2478/cphpj-2013-0014.

Byram, M. (2012). Language awareness and (critical) cultural awareness – relationships, comparisons and contrasts. *Language Awareness*, *21*(1), 5-13, DOI: 10.1080/09658416.2011.639887

Byram, M. (2014). Twenty-five years on: From cultural studies to intercultural citizenship. *Language, Culture and Curriculum*, *27*(3), 209–225.

Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-Kelma t-Tajba: Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Camilleri, J. (2013). *A Computational Grammar and Lexicon for Maltese*. Teżi tal-M.A. L-Isvezja: L-Università tat-Teknoloġija ta' Chalmers.

Camilleri, J. u Spagnol, M. 2013. An online database of root-and-pattern verbs. *Fir-4ba International Conference on Maltese Linguistics* (Lingwistika 2013).

Canale, M. u Swain, M. (1980). Theoretical bases of communicative approaches to second. *Applied Linguistics, 1*(1), 1–47, DOI: https://doi.org/10.1093/applin/I.1.1

Caruana, F. S. (1925). *Il-grammatika Maltija fiċ-ċokon*. Malta: Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Cefai, C., Keresztes, N., Galea, N. u Spiteri, R. (2019). *A Passage to Malta: The Health and Wellbeing of Overseas Children in Malta*. Malta: Commissioner for Children.

Chegenizadeh, A., Nikraz, H. u Zadeh, H. H. (2012). Student centered class. *Department of English Language Teaching.* DOI: 10.7763/IPEDR. 2012. V47. 32.

Christina. (2017). Is understanding culture essential to learning a language? *Clear Words Translation*. Aċċessat fid-29 ta' Novembru 2021, minn http://clearwordstranslations.com/language/en/learning-a-language/

Cook, V. (2016). *Second Language Learning and Language Teaching*. Fifth Edition (5th ed.). Routledge. DOI: https://doi.org/10.4324/9781315883113

Council of Europe. (2001). *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, Teaching, Assessment*. L-Ingilterra: Press Syndicate mill-Università ta' Cambridge.

Council of Europe. (2018). Common european framework of reference for languages: Learning, teaching, assessment. *Companion Volume with New Descriptors.* Strasbourg: Council of Europe Publishing.

Cover, D. (2009). *Using warm-ups to get students talking: Sample activities*. Karta tan-noti mhux ippubblikata mill-Università ta' Studji Internazzjonali ta' Kanda, Chiba, fil-Ġappun.

Coyle, F., Daly, T., Hanlon, M., McNally, E. u Regan, C. (2014). *Guidelines for Producing Development Education Resources Development*. L-Irlanda: Developmenteducation.ie, Dóchas, Irish Development Education Association (IDEA). ISBN: 978-0-9930234-1-5.

Dalil, Z. (2013). The importance of grammar in second language teaching. *American Journal of Educational Research*. *8*(2), 90-97. DOI: 10.12691/education-8-2-4.

Demirezen, M. (2011). The Foundations of the Communicative Approach and Three of Its Applications. *Journal of Language and Linguistic Studies. 7*(1), 57-71.

Department of Education and Training. (2018). *The Pedagogical Model*. Stat ta' Victoria, Melbourne. ISBN: 978-0-7594-0835-7.

Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island. (2008). *Evaluation and Selection of Learning Resources: A Guide*. Il-Kanada: Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Prince Edward Island.

Donnelly, V. u Agency Staff (Eds.). (2015). Empowering teachers to promote inclusive education. A case study of approaches to training and support for inclusive teacher practice. *European Agency for Special Needs and Inclusive Education*. ISBN: 978-87-7110-565-0.

Dörnyei, Z. u Ushioda, E. (2009). Motivation, language identity and the L2 self. *Second Language Acquisition.* Bristol, Ir-Renju Unit: Multilingual Matters. DOI: https://doi.org/10.21832/9781847691293

Dover, M. (2016). Human needs: Overview*. Encyclopedia of Social Work*. Aċċessat fil-5 ta' Jannar 2022, minn https://oxfordre.com/socialwork/view/10.1093/acrefore/9780199975839.001.0001/acrefore-9780199975839-e-554

Elgort, I. u Nation, P. (2010). Vocabulary learning in a second language: Familiar answers to new questions. F'Seedhouse P., Walsh S., Jenks C. (eds.) *Conceptualising 'Learning' in Applied Linguistics*. Palgrave Macmillan, Londra. DOI: https://doi.org/10.1057/9780230289772_6

Ellis, N. C. (2013). Second language acquisition. F'Trousdale, G. u Hoffmann, T. (Eds.). *Oxford Handbook of Construction Grammar.* Oxford: Oxford University Press.

Fahim, M. u Haghani, M. (2012). Sociocultural perspectives on foreign language learning. *Journal of Language Teaching and Research, 3*(4), 693-699. DOI: 10.4304/jltr.3.4.693-699.

Fernández-Cárdenas, J. M., Wegerif, R., Mercer, N. u Rojas-Drummond, S. (2015). Re-conceptualizing "scaffolding" and the zone of proximal development in the context of symmetrical collaborative learning. *Journal of Classroom Interaction. 50*(1). 54-72.

Freire, P. (1993). *Pedagody of the Oppressed*. (M. B. Ramos, Trans.). The Continuum International Publishing Group Ltd.

Gaballo, V. (2019). Digital language learning and teaching. Fil-ktieb: *Innovation in Language Learning* (pp. 444-450). Kapitlu: Quality and Innovation in Language Teaching and Learning. Filodiritto.

Gabarkiewicz, Ł. (2019). Motivating young learners to second language learning in the light of motivation as a process theory. *Motivating Young Learners to Second Language Learning*. Proġett maħruġ mill-Università ta' Gdańsk. DOI: 10.13140/RG.2.2.12678.22080.

Gatt, A. (Ottubru 2013). Il-Malti, ir-riżorsi diġitali u t-traduzzjoni. *L-Aċċent*, (10), 4–8.

Gatt, P. (2015). The use of ICT in the teaching of maltese and teachers' concerns. *Malta Review of Educational Research, 9*(1), 99-144.

Grech, Bro. Henry FSC. (2004). *Grammatika Maltija.* Malta: Pubblikazzjoni De La Salle Bros.

Guerrero-Nieto, C. (2007). Applications of Vygotskyan concept of mediation in SLA. *Colombian Applied Linguistics Journal*, (9), 213-228. DOI: 10.14483/22487085.3152.

Günday, R. u Delibaş, M. (2016). Action oriented method and educational software as foreign language learning tools and materials. *Participatory Educational Research*, *Special Issue, 4*(2), 134-143.

Hardman, J. u Amory. A. (2015). Introduction to cultural-historical activity theory and tool mediation. F'Bozalek, V. et al., (ed.). *Activity Theory, Authentic Learning*, pp. 1–21. Oxon, Ir-Renju Unit: Routledge.

Hirsch, E. D.  (1996). *The Schools We Need: And Why We Don't Have Them*. New York: Doubleday.

Hornberger, N. (2009). Multilingual education policy and practice: Ten certainties (grounded in Indigenous experience). *Language Teaching, 42*(2), 197–211.

Irmawati, N. (2012). Communicative approach: An alternative method used in improving students' academic reading achievement. *English Language Teaching, 5*(7), 90-101. DOI: 10.5539/elt.v5n7p90.

Istitut għall-Edukazzjoni. (2020). Internationalisation and multiculturalism in Maltese education and society. *Ġurnal tal-Edukazzjoni Malta* (MJE), *1*(1), 1-356. ISSN: 2708-7514.

Johnson, D. (2017). The role of teachers in motivating students to learn. *BU Journal of Graduate Studies in Education*, *9*(1), 46-49.

John-Steiner, V. u Mahn, H. (1996). Sociocultural approaches to learning and development: A Vygotskian framework. *Educational Psychologist*, *31*(3-4), 191–206, DOI: 10.1080/00461520.1996.9653266

Kaliska, M. (2016). An action-oriented approach to language corpora in foreign language teaching. *Lingwistyka Stosowana, 17(2)*, 29-41. DOI: 10.32612/uw.20804814.2016.2.pp.29-41.

Kapur, R. (2019). *Development of Teaching-Learning Materials*. L-Università ta' Delhi. Aċċessat fis-17 ta' Novembru 2021, minn https://www.researchgate.net/publication/334083571_Development_of_Teaching-Learning_Materials

Kim, D. (2020). Learning language, learning culture: Teaching language to the whole student. *ECNU Review of Education*, *3*(3), 519–541. DOI: https://doi.org/10.1177/2096531120936693

Kohler, M. (2015). *Teachers as Mediators in the Foreign Language Classroom*. Ir-Renju Unit: Multilingual Matters.

Kohler, M. (2020). Intercultural language teaching and learning in classroom practice. F'Jackson, J. (Ed.). (2020). *The Routledge Handbook of Language and Intercultural Communication* (2nd ed.). Routledge. https://doi.org/10.4324/9781003036210

Kostakopoulpu, D. (2010). The anatomy of civic integration. *The Modern Law Review, 73*(6), 933-958.

Kramsch, C. (2013). Culture in foreign language teaching. *Iranian Journal of Language Teaching Research*. *12*(3), 57-78. DOI: 10.1590/2176-457333606.

Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2008). *Deċiżjonijiet 1*. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Furjana.

Kuo, M. u Lai, C. (2006). Linguistics across Cultures: The impact of culture on second language learning. *Journal of Foreign Language Instruction, 1*(1), 1-10. DOI: 10.1590/2176-457333606

Kurt, S. (2020). Vygotsky's zone of proximal development and scaffolding. *Educational Technology*. Aċċessat fil-5 ta' Awwissu 2021, minn https://educationaltechnology.net/vygotskys-zone-of-proximal-development-and-scaffolding/

Lakawa, A. (2015). The relationship between language and architecture: A case study of Betawi cultural village at Setu Babakan, South Jakarta, Indonesia. *International Journal of Humanities and Social Science, 5*(8), 84-101. ISSN: 2220-8488

Lantolf, J. P. (2001). *Sociocultural Theory and Second Language Acquisition*. (Ed.) Oxford: Oxford University Press.

Lantolf, J. P. u Thorne, S. L. (2006). *Sociocultural Theory and the Genesis of Second Language Development*. Oxford: Oxford University Press.

Lantolf, J.P. (1994), Sociocultural theory and second language learning: Introduction to the special issue. *The Modern Language Journal*, *78*(4), 418-420. DOI: https://doi.org/10.1111/j.1540-4781.1994.tb02058.x

Lavin, M. (1993). Architecture as artifact. *Museum-Ed*, *3*(1), 10-11. Aċċessat September 6, 2021, minn https://museum-ed.org/architecture-as-artifact/

Lawson, B. (2001). *The Language of Space*. Oxford: Architectural Press.

Loewen, S., u Sato, M. (2017). *The Routledge Handbook of Instructed Second Language Acquisition.* New York u Londra: Routledge.

Lupi, D. Z. (2020). The pandemic, a deadly cancer and my 14-year-old daughter. *Reuters*. Aċċessat fl-10 ta' Settembru 2021, minn https://widerimage.reuters.com/story/the-pandemic-a-deadly-cancer-and-my-14-year-old-daughter

Mackerras, S. D. (2011). *A Sociocultural Approach to New Language Literacy: Exploring the Japanese Linguaculture Through Collaboration*. Teżi tad-dottorat, l-Università ta' Griffith. DOI: https://doi.org/10.25904/1912/3808

Mahn, H., u John-Steiner, V. (2012). Vygotsky and sociocultural approaches to teaching and learning. *Educational Psychologist*, *7*(2), 117-145. DOI: 10.1002/9781118133880.hop207006.

Makhmudov, K. (2020). Ways of forming intercultural communication in foreign language teaching. *Science and Education Scientific Journal, 1*(4), 84-89. DOI: 10.6084/m9.figshare.12750647.v1.

Martin, V.A. (2015). *Let's Talk: The Communicative Language Teaching Approach in a Grade 6 Late French Immersion Classroom*. L-Università ta' Victoria.

Mazur, B. (2010). Cultural diversity in organization theory and practice. *Journal of Intercultural Management, 2*(2), 5-15.

Micallef Cann, S. u Spiteri, D. (2014). Through their eyes and with their words: an exploration of the immigrant students in Malta and their perceptions of Malta's two official languages. *Malta Review of Educational Research, 8*(1), 1-32.

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2014). *A National Literacy Strategy for All in Malta and Gozo*. Malta: Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2015). *Language Education Policy Profile*. Il-kunsill tal-Ewropa, Strasbourg.

Ministeru għall-Edukazzjoni. (2012). *A National Curriculum Framework for All*. Floriana: Il-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Saskatchewan. (2020). *Learning Resources Evaluation Guidelines*. Il-Kanada: Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Saskatchewan.

Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Kolombja. (2002). *Evaluating, Selecting, and Managing Learning Resources: A Guide*. Il-Kanada: Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Kolombja.

Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjieg. (2015). Trans, gender variant and intersex students in schools policy. *Respect For All Framework*, *1*(06/15), 1-20. Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjieg.

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2012). *Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema*. Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, il-Belt Valletta.

Nation, I. u Hunston, S. (2013). *Learning Vocabulary in Another Language* (2ni ed., Cambridge Applied Linguistics). Cambridge: Cambridge University Press. DOI: 10.1017/CBO9781139858656

National Statistics Office. (2020). Students Enrolments 2017/2018. *News Release*. Aċċessat online minn https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2020/02/News2020_025.pdf

Neuman, S. B. u Dwyer, J. (2009). Missing in action: Vocabulary instruction in pre-K. *The Reading Teacher, 62*(5), 384–392. DOI: 10.1598/RT.62.5.2

Norton, B. u Toohey, K. (2011). Identity, language learning, and social change. *Language Teaching*, *44*(4), 412-446. DOI: 10.1017/S0261444811000309

Patterson, D. (2018). Vocabulary-building activities for the EFL classroom. *LaoTESOL Conference Proceedings: Selected Papers*, 164–171.

Pekka, T. (2013). Words will get you far: Why is vocabulary acquisition so important in second and foreign language learning? *Dive Into Language.* Aċċessat online minn https://www.worddive.com/blog/words-will-get-you-far-why-is-vocabulary-acquisition-so-important-in-second-and-foreign-language-learning/#:~:text=A%20rich%20vocabulary%20makes%20the,language%20such%20as%20using%20precise

Piaget, J. (2001). *The Psychology of Intelligence*. Oxford, Ir-Renju Unit: Routledge

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim: Tħejjija, Twettiq, Tgħarbil*. Malta: Horizons.

Portelli, T., u Camilleri Grima, A. (2017). *Fuq l-Għatba tal-Professjoni*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Porto, M., Houghton, S. u Byram, M. (2017). Intercultural citizenship in the (foreign) language classroom. *Language Teaching Research*, *22*(5), 484-498. DOI: 10.1177/1362168817718580.

Raja, R. u Nagasubramani, P. (2018). Impact of modern technology in education. *Journal of Applied and Advanced Research*, *3*(1), 33-35. DOI: 10.21839/jaar.2018.v3iS1.165.

Ruiz, M. R. u Spínola, N. O. V. (2019). Improving the intercultural communicative competence in English language students. *Journal of Intercultural Communication*, (49), 52-64. Aċċessat fil-11 ta' Settembru 2021, minn http://www.immi.se/intercultural/nr49/ruiz.html

Rymes, B. (2014). *Communicating Beyond Language: Everyday Encounters with Diversity*. New York u Londra: Routledge.

Sadoughvanini, S. u Shamsudin, S. (2013). Communicative approach to language teaching and learning and Efl context. *International Journal of English Language and Literature Studies*, *2*(1), 30–38. Aċċessat fid-9 ta' Settembru 2021, minn https://archive.aessweb.com/index.php/5019/article/view/684

Scaglione, S. u Caruana. S. (2014). "Superdiverse" school populations in Southern Europe: reflections on language use and suggestions for learning strategies*. International Journal of Cross-cultural Studies and Environmental Communication 1*(1), Ħarġa speċjali: Dialogue-driven Change in the Public Sphere, 63-73.

Schieb, L. J. u Karabenick, S. A. (2011). *Teacher motivation and professional development: A guide to resources.* L-Università ta' Michigan: Ann Arbor.

Schrier, L. (2014). *Managing a Lesson with the Promethean Board*. Aċċessat fl-20 ta' Ottubru 2021, minn https://www.cbsd.org/site/handlers/filedownload.ashx?moduleinstanceid=46754&dataid=63172&FileName=Promethean_Board_Tips.pdf

Scicluna, K. (2017). *Nikteb il-Malti Tajjeb: Manwal Prattiku tal-Ortografija*. Malta: BDL Publishing.

Scicluna, K., Agius, S.S. u Giordano, C. (2018). *Inħaddem il-Malti Tajjeb: Manwal Prattiku tal-Grammatika*. Malta: BDL Publishing.

Scicluna, S. (2019). *It-Tagħlim tal-Qasam tal-Ikel fil-Malti Bħala Lingwa Barranija*. Teżi mhux ippubblikata tal-MTL. Imsida: L-Università ta' Malta.

Shabani, K., Mohammad, K. u Ebadi, S. (2010). Vygotsky's zone of proximal development: Instructional implications and teachers' professional development. *English Language Teaching*, *3*(4), 237-248. DOI: 10.5539/elt.v3n4p237.

Siddiqui, F. (2014). *Benefits of Using Microsoft Word*. Aċċessat fit-22 ta' Ottubru 2021, minn https://www.linkedin.com/pulse/benefits-using-microsoft-word-fareed/

Sinha C. (2015). Language and other artifacts: socio-cultural dynamics of niche construction. *Frontiers in Psychology*, *6*(1601), 1-18. DOI: 10.3389/fpsyg.2015.01601

Spiteri, M. (2019). *Il-Ħolqien ta' Pakkett ta' Riżorsi għat-Tagħlim tal-Vokabolarju Malti bħala Lingwa Barranija*. Teżi mhux ippubblikata tal-MTL. Imsida: L-Università ta' Malta.

Susanto, A. (2017). The teaching of vocabulary: A perspective. *Jurnal Kata*, *1*(2), 182-191. DOI: 10.22216/jk.v1i2.2136.

Swain, M. (2000). The output hypothesis and beyond: Mediating acquisition through collaborative dialogue. F'Lantolf J. P. (Ed.), *Sociocultural Theory and Second Language Learning.* Oxford: Oxford University Press: 97-114.

Swain, M., Kinnear, P. u Steinman, L. (2011). *Sociocultural Theory in Second Language Education: An Introduction Through Narratives*. Bristol, New York, Ontario: Multilingual Matters.

Swain, M. u Watanabe, Y. (2013). Languaging: Collaborative dialogue as a source of second language learning. F'Chapelle, C. A. *The Encyclopedia of Applied Linguistics*. Wiley Blackwell Publishing, (3218–3225). DOI: 10.1002/9781405198431.wbeal0664.

Teodoro, D. V. u Mesquita, M. (2004). Development of Pedagogical Methodology. *Information Society Technology Education and Training*, *Modellingspace: IST*-2000-25385. Proġett ikkoordinat mill-Università ta' Eġew.

Ugwu, I. (2015). Language teaching methods: A conceptual approach. *Journal of Educational Studies, 9*(1), 20-34.

UNESCO. (2001). *The Open File on Inclusive Education*. Pariġi: UNESCO

Van de Pol, J., Volman, M., Oort, F. u Beishuizen, J. (2015). The effects of scaffolding in the classroom: support contingency and student independent working time in relation to student achievement, task effort and appreciation of support. *Instructional Science*, *43*(5), 615–641. DOI: 10.1007/s11251-015-9351-z.

Vassallo, B. (2008). Classroom climate as perceived by Maltese and non-Maltese pupils in Malta. *Malta Review for Educaional Research, 6*(1), 80-97.

Vygotsky, L. S. (1960). *The Development of the Higher Mental Functions*. Moscow: APN.

Vygotsky, L.S. (1978). *Mind and Society: The Development of Higher Mental Processes*. Cambridge, MA: Harvard University Press.

Vygotsky, L. S. (1986). *Thought and language*. A. Kozulin (Ed.), Cambridge, Massachusetts: The MIT Press.

Vygotsky, L. S. (1997). *Educational Psychology*. (R. Silverman, Trad.) Florida: St Lucie.

Wertsch, J. V. (1985). *Vygotsky and the Social Formation of Mind*. Cambridge, MA: Harvard University Press.

Wood, D. J., Bruner, J. S. u Ross, G. (1976). The role of tutoring in problem solving. *Journal of Child Psychiatry and Psychology*, *17*(2), 89-100. DOI: http://dx.doi.org/10.1111/j.1469-7610.1976.tb00381.x

Woolfolk, A. E. (2016). *Educational Psychology*. Pearson.

Wu, X. (2012) Vocabulary learning in a second language. F'Seel N.M. (eds) *Encyclopedia of the Sciences of Learning*. Springer, Boston, MA. https://doi.org/10.1007/978-1-4419-1428-6_943

Yilmaz, G. (2017). Integration: Second language acquisition and first language attrition. F'Schmid, S. M., u Köpke, B. (ed.). *The Oxford Handbook of Language Attrition*. L-Università ta' Oxford.

Yunus, M., Nordin, N., Salehi, H., Sun, C. u Embi, M. (2013). Pros and cons of using ICT in teaching ESL reading and writing. *International Education Studies*, *6*(7), 119-130. DOI: 10.5539/ies.v6n7p119.

Zammit, J. (2019). *Verbal Tense and Aspect in the Interlanguage of Learners Acquiring Maltese as a Foreign Language*. Teżi tad-dottorat, l-Università ta' Malta.

Zammit, J. (2020). Learning Maltese and tackling culture shock. *Times of Malta*, 12.

# 8. L-Appendiċi

## 8.1 Il-Pakkett tar-Riżorsi



**Riżorsa 1: Qabbel l-istampa mal-isem**

**L-għan:** L-istudenti se jidentifikaw l-ismijiet tal-affarijiet li nsibu fi djarna. Dan se jagħmluh billi jgħaqqdu l-leħħiet bl-istampi mal-leħħiet li jaqblu ma' isimhom.

**L-istruzzjonijiet:** F'din l-attività, l-għalliem għandu jqassam il-leħħiet lill-istudenti. Il-leħħiet m'għandhomx għalfejn ikunu f'xi ordni partikolari. Wara t-tqassim, l-għalliem jista' jitlob lill-istudenti jpoġġu l-parti l-kbira, li fiha t-titlu, xi mkien fejn tidher sew fuq il-mejda. L-aħjar li l-istudenti jifirxu l-leħħiet bl-istampi u l-ismijiet madwar il-mejda u mbagħad ipoġġu kollox f'kategoriji. L-ewwel pass huwa li l-istudenti jgħaqqdu l-leħħiet bl-isem mal-leħħiet bl-istampi. It-tieni pass ikun li jpoġġu dawn il-leħħiet taħt il-leħħa bl-isem tal-kamra li nsibuhom fiha.

**Livell ta' diffikultà:**



# Qabbel l-istampa mal-isem



L-ewwel **għaqqad** il-leħħiet bl-istampi mal-leħħiet li jaqblu ma' isimhom. Wara **poġġihom** taħt il-kamra li nsibuhom fiha.

| Il-Kċina | | Is-Salott | | Il-Kamra tal-Banju | | Il-kamra tas-Sodda | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
|  | Siġġu |  | Sufan |  | Tojlit |  | Sodda |
|  | Mejda |  | Televixin |  | Mera |  | Gwardarobba |
|  | Friġġ |  | Tapit |  | Banju |  | Lampa |
|  | Forn |  | Vetrina |  | Sink |  | Komodina |
|  | Sink |  | Linfa |  | Giżer |  | Mħadda |
|  | Kitla |  | Purtiera |  | Doċċa |  | Gradenza |


Qabbel l-istampa mal-isem
Il-Kċina
Il-Kamra tal-Banju
Is-Salott
Il-kamra tas-Sodda
Forn
Sink
Vetrina
Giżer
Banju
Linfa
Friġġ
Komodina
Doċċa
Tojlit
Purtiera
Siġġu
Tapit
Sufan
Mejda
Gradenza
Mera
Kitla
Mħadda
Gwardarobba
Sink
Sodda
Televixin


Qabbel l-istampa mal-isem
L-ewwel għaqqad il-leħħiet bl-istampi mal-leħħiet li jaqblu ma' isimhom. Wara poġġihom taħt il-kamra li nsibuhom fiha.
Il-Kċina
Is-Salott
Il-Kamra tal-Banju
Il-kamra tas-Sodda
Siġġu
Vetrina
Tojlit
Lampa
Forn
Linfa
Giżer
Komodina
Sink
Televixin
Sink
Gwardarobba
Friġġ
Sufan
Mera
Sodda
Mejda
Tapit
Banju
Mħadda
Kitla
Purtiera
Doċċa
Gradenza



**Riżorsa 2: Puzzle**

**L-għan:** L-istudenti se jkabbru l-għarfien tagħhom dwar l-ismijiet tad-djar.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem għandu jqassam tmintax-il leħħa, li dawn kollha jingħaqdu separatament f'pari. Ovvjament l-għalliem għandu jkun ċert li waqt it-tqassim tal-leħħiet, dawn ma jkunux f'ordni partikolari. Finalment, l-għalliem jispjega lill-istudenti li jridu jabbinaw il-leħħa tad-deskrizzjoni tal-bini mal-leħħa li fiha stampa ta' dar. Mistoqsija ħolqa għandha tkun; 'li kieku inti bejjiegħ tal-proprjetà, liema deskrizzjoni tuża biex tispjega kif tidher id-dar fl-istampa?'

**Livell ta' diffikultà:**



Marsaskala

Appartamenti (Blokka bini li fiha jgħixu ħafna familji)

€210,000

2 kmamar tas-sodda, kċina magħquda mas-salott, kamra tal-banju u gallarija mal-faċċata.



Il-Ħamrun

Dar antika (Dar li hija mżejna b'arkitettura tradizzjonali u karatteristiċi oriġinali bħal ġebla antika, arkati, ħnejja, btieħi u madum iddisinjat)

€310,000

4 kmamar tas-sodda, kċina, kamra tal-ikel, salott, kantina, 2 kmamar tal-banju u gallarija mal-faċċata.







Il-Mellieħa

Dar tar-razzett (Żona li darba kienet tifforma parti minn razzett u llum tinsab f'raħal lokali ppopolat jew fil-periferija ta' raħal lokali)

€1,030,000

3 kmamar tas-sodda, 3 kmamar tal-banju, kċina b'kamra tal-ikel, salott, pixxina u terrazzin.





Il-Għargħur

Palazz (Bini kbir bi Storja kbira)

€10,000,000

4 kmamar tas-sodda, 2 kmamar tal-banju, kamra tad-doċċa, kamra tal-istudju, kamra tal-ħasil, 3 garaxxijiet, pixxina, ġnien fuq wara u quddiem, bitħa interna u 2 kċejjen magħquda mas-salott.







Il-Mosta

Villa (Dar kbira u lussuża)

€610,000

2 kmamar tas-sodda, 2 kmamar tal-banju, garaxx, pixxina, ġnien li jdur mal-villa kollha, kamra tal-istudju, kċina u salott.



Bormla

Penthouse (L-aħħar sular ta' blokka bini, dan normalment ikun lussuż aktar mill-bqija tal-appartamenti)

€285,000

2 kmamar tas-sodda, salott magħqud mal-kċina, kamra tal-ikel u t-terrazzin u kamra tal-banju.





Ħal Luqa

Mezzanin (Bini b'żewġ sulari fejn il-pjan terran u l-ewwel sular huma separati b'aċċess separat mit-triq)

€290,000

2 kmamar tas-sodda, kamra tal-banju, terrazzin, bitħa interna, gallarija u ġnien fuq il-bejt.



Pembroke

Terraced House (Dar mibnija bħala parti minn ringiela kontinwa ta' djar oħra bl-istess stil)

€850,000

3 kmamar tas-sodda, kċina, salott, 2 kamra tal-banju u 2 kmamar tal-banju tal-mistiedna u garaxx ta' 6 karozzi.



Il-Gudja

Terran (Mezzanin bis-sular t'isfel biss)

€139,000

2 kmamar tas-sodda, kċina magħquda mas-salott u 2 kmamar tal-banju.







Il-Gudja
Terran (Mezzanin bis-sular t'isfel biss)
€139,000
2 kmamar tas-sodda, kċina magħquda mas-salott u 2 kmamar tal-banju.
Il-Mosta
Villa (Dar kbira u lussuża)
€610,000
2 kmamar tas-sodda, 2 kmamar tal-banju, garaxx, pixxina, ġnien li jdur mal-villa kollha, kamra tal-istudju, kċina u salott.
Pembroke
Terraced House (Dar mibnija bħala parti minn ringiela kontinwa ta' djar oħra bl-istess stil)
€850,000
3 kmamar tas-sodda, kċina, salott, 2 kamra tal-banju u 2 kmamar tal-banju tal-mistiedna u garaxx ta' 6 karozzi.
Il-Mellieħa
Dar tar-razzett (Żona li darba kienet tifforma parti minn razzett u llum tinsab f'raħal lokali ppopolat jew fil-periferija ta' raħal lokali)
€1,030,000
3 kmamar tas-sodda, 3 kmamar tal-banju, kċina b'kamra tal-ikel, salott, pixxina u terrazzin.
Bormla
Penthouse (L-aħħar sular ta' blokka bini, dan normalment ikun lussuż aktar mill-bqija tal-appartamenti)
€285,000
2 kmamar tas-sodda, salott magħqud mal-kċina, kamra tal-ikel u t-terrazzin u kamra tal-banju.
Ħal Luqa
Mezzanin (Bini b'żewġ sulari fejn il-pjan terran u l-ewwel sular huma separati b'aċċess separat mit-triq)
€290,000
2 kmamar tas-sodda, kamra tal-banju, terrazzin, bitħa interna, gallarija u ġnien fuq il-bejt.
Il-Għargħur
Palazz (Bini kbir bi Storja kbira)
€10,000,000
4 kmamar tas-sodda, 2 kmamar tal-banju, kamra tad-doċċa, kamra tal-istudju, kamra tal-ħasil, 3 garaxxijiet, pixxina, ġnien fuq wara u quddiem, bitħa interna u 2 kċejjen magħquda mas-salott.
Marsaskala
Appartament (Blokka bini li fiha jgħixu ħafna familji)
€210,000
2 kmamar tas-sodda, kċina magħquda mas-salott, kamra tal-banju u gallarija mal-faċċata.
Il-Ħamrun
Dar antika (Dar li hija mżejna b'arkitettura tradizzjonali u karatteristiċi oriġinali bħal ġebla antika, arkati, fnejja, bliet u madum iddisinjat)
€310,000
4 kmamar tas-sodda, kċina, kamra tal-ikel, salott, kantina, 2 kmamar tal-banju u gallarija mal-faċċata.



**Riżorsa 3: Merħba f'dari**

**L-għan:** L-istudeni se jpoġġu l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna skont il-kmamar li nsibuhom fiha. F'dan il-każ: fil-kċina, fis-salott, fil-kamra tal-banju u fil-kamra tas-sodda.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem jaqsam l-istudenti fi gruppi ta' erbgħa. F'kull grupp se jkun hemm student assenjat għal kull kamra. L-ewwel pass ta' dan l-eżerċizzju huwa li joħorġu l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna. Wara li joħorġu l-istampi kollha jridu jpoġġuhom skont fejn insibuhom fid-dar.

**Livell ta' diffikultà:**




10
Merħba F'Dari


Merħba, jiena Frawlina u nilqagħkom f'dari. Dari fiha erba' kmamar.
Fl-ewwel sular għandi:
1) Il-kċina, il-post fejn insajru u nieklu l-ikel.
2) Is-salott, din il-kamra tintuża biex tilqa' lill-mistednin, titkellem, taqra, jew tara t-televiżjoni.
Fit-tieni sular għandi:
3) Kamra tas-sodda, f'din il-kamra tista' tagħmel ix-xogħol għad-dar jew tara t-televiżjoni, l-iskop ewlieni ta' din il-kamra huwa l-irqad.
4) Kamra tal-banju, il-kamra fejn ninħaslu u naqdu l-bżonnijiet naturali tagħna.
Jiena Mark, xogħli kien li nieħu r-ritratti tal-oġġetti li nsibu fi djarna.
Jiena Fabiano, fis-sular ta' taħti għandek issib l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna. Ejja ħalli flimkien inżejnu d-dar ta' Frawlina.
Jiena Hakim, l-ewwel pass ta' dan l-eżerċizzju huwa li toħroġ l-istampi tal-oġġetti li nsibu f'djarna.
300
Jiena Zendaya, oħt Hakim. Wara li toħroġ l-istampi kollha, poġġihom skont fejn insibuhom fid-djar.
300
© Yousef Borg


Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Kċina
Salott




10
Merħba F'Dari


Merħba, jiena Frawlina u nilqagħkom f'dari. Dari fiha erba' kmamar.
Fl-ewwel sular għandi:
1) Il-kċina, il-post fejn insajru u nieklu l-ikel.
2) Is-salott, din il-kamra tintuża biex tilqa' lill-mistednin, titkellem, taqra, jew tara t-televiżjoni.
Fit-tieni sular għandi:
3) Kamra tas-sodda, f'din il-kamra tista' tagħmel ix-xogħol għad-dar jew tara t-televiżjoni. L-iskop ewlieni tal-kamra huwa l-irqad.
4) Kamra tal-banju, il-kamra fejn ninħaslu u naqdu l-bżonnijiet naturali tagħna.
Jiena Hakim. L-ewwel pass ta' dan l-eżerċizzju huwa li toħroġ l-istampi tal-oġġetti li nsibu f'djama.
Jiena Zendaya, oħt Hakim. Wara li toħroġ l-istampi kollha, poġġihom skont fejn insibuhom fid-djar.
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Kċina
Salott
Jiena Mark, xogħli kien li nieħu r-ritratti tal-oġġetti li nsibu fi djama.
Jiena Fabiano, fis-sular ta' taħt għandek issib l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djama. Ejja ħalli flimkien inżejnu d-dar ta' Frawlina.


Merħba, jiena Frawlina u nilqagħkom f'dari. Dari fiha erba' kmamar.
Fl-ewwel sular għandi:
1) Il-kċina, il-post fejn insajru u nieklu l-ikel.
2) Is-salott, din il-kamra tintuża biex tilqa' lill-mistednin, titkellem, taqra, jew tara t-televiżjoni.
Fit-tieni sular għandi:
3) Kamra tas-sodda, f'din il-kamra tista' tagħmel ix-xogħol għad-dar jew tara t-televiżjoni, l-iskop ewlieni tal-kamra huwa l-irqad.
4) Kamra tal-banju, il-kamra fejn ninħaslu u naqdu l-bżonnijiet naturali tagħna.
Jiena Hakim, L-ewwel pass ta' dan l-eżerċizzju huwa li toħroġ l-istampi tal-oġġetti li nsibu f'djarna.
Jiena Zendaya, oħt Hakim. Wara li toħroġ l-istampi kollha, poġġihom skont fejn insibuhom fid-djar.
Kamra tas-sodda
Kċina


Kamra tal-banju
Salott
Jiena Mark, xogħli kien li nieħu r-ritratti tal-oġġetti li nsibu fi djarna.
Jiena Fabiano, fis-sular ta' taħti għandek issib l-istampi tal-oġġetti li nsibu fi djarna. Ejja ħalli flimkien inżejnu d-dar ta' Frawlina.




tas-sodda
Kamra tal-banju



**Riżorsa 4: Affarijiet li nsibu fi djarna**

**L-għan:** L-istudenti se jagħżlu erba' affarijiet mil-lista. Kif jagħżluhom iridu jidentifikaw fejn l-aħjar jiktbuhom, fl-ispazji ta' taħt kull kamra.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem ser iqassam il-karta tat-taħriġ lil kull student. L-istudenti jridu jagħżlu erba' oġġetti mil-lista li se tkun fuq l-istess karta. Taħt il-lista ta' oġġetti se jkun hemm seba' kmamar u taħthom erba' spazji vojta. Hawnhekk l-istudenti jridu jiktbu l-oġġetti li għażlu fil-kaxxi l-vojta, skont il-kamra li nsibuhom fiha.

**Livell ta' diffikultà:**



# Affarijiet li nsibu fi djarna

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tank tal-ilma | Purtieri | Inkwatru | Raff | Banju | Kutra | Saqqu | sodda |
| komodina | Armarju | Gradenza | Friġġ | Barmil | Bieb | Gwardarobba | Mera |
| Siġra | Bexxiexa | Friex | Xugaman | Tazzi | Karozza | Xkaffa | Mejda |
| Antenna | Imħadda | Sufan | siġġu | Sarvetta | Sellum | Għodda | pjanta |
| Balavostri | Tapit | Pultruna | Dixx tas-satellita | Magna tal-ħasil | Sink | Karozza | Forn |



Agħżel **erba'** affarijiet mil-lista ta' fuq. Kif tagħżilhom ara fejn l-aħjar **tiktibhom** fl-ispazji ta' taħt kull kamra.

Fis-salott insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |

Fil-kċina nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |

Fil-kamra tal-banju nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |







Fil-kamra tas-sodda nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|

Fil-bitħa nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|

Fil-garaxx insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|

Fuq il-bejt insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|









# Affarijiet li nsibu fi djarna

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tank tal-ilma | Purtieri | Inkwatru | Raff | Banju | Kutra | Saqqu | sodda |
| komodina | Armarju | Gradenza | Friġġ | Barmil | Bieb | Gwardarobba | Mera |
| Siġra | Bexxiexa | Friex | Xugaman | Tazzi | Karozza | Xkaffa | Mejda |
| Antenna | Imħadda | Sufan | siġġu | Sarvetta | Sellum | Għodda | pjanta |
| Balavostri | Tapit | Pultruna | Dixx tas-satellita | Magna tal-ħasil | Sink | Karozza | Forn |



Agħżel **erba'** affarijiet mil-lista ta' fuq. Kif tagħżilhom ara fejn l-aħjar **tiktibhom** fl-ispazji ta' taħt kull kamra.

Fis-salott insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pultruna | Tapit | Armarju | Sufan |
| Purtieri | Inkwatru | Siġġu | Mera |

Fil-kċina nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Forn | Siġġu | Sarvetta | Mejda |
| Tapit | Purtieri | Inkwatru | Friġġ |
| Tazzi | Sink | Xkaffa | |

Fil-kamra tal-banju nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Banju | Sink | Mera | Xugaman |
| Purtieri | Magna tal-ħasil | Xkaffa | Barmil |

Fil-kamra tas-sodda nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Friex | Saqqu | Gwardarobba | Sodda |
| Komodina | Purtieri | Imħadda | Tapit |
| Inkwatru | Gradenza | Kutra | Bieb |
| Xkaffa | Mera | | |

Fil-bitħa nsibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pjanta | Bexxiexa | Barmil | Siġra |
| Siġġu | Mejda | Bieb | Sink |

Fil-garaxx insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sellum | Raff | Karozza | Għodda |
| Inkwatru | Barmil | Xkaffa | Sink |
| Pjanta | | | |

Fuq il-bejt insibu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dixx tas-satellita | Tank tal-ilma | Antenna | Balavostri |
| Bexxiexa | Raff | Maga tal-ħasil | Sellum |
| Sink | Għodda | Pjanta | Barmil |
| Xkaffa | | | |

**Nota:** Mal-erba' eżempji żidt aktar possibiltajiet. Barra minn hekk, l-għalliem għandu jgħarbel ċertu għażliet mill-istudenti rigward ċertu deċiżjonijiet ta' fejn jitpoġġew xi affarijiet.



**Riżorsa 5: Fittex il-Kelma**

**L-għan:** L-istudenti jridu jfittxu oġġetti li nsibu fi djarna mill-fittiexa. Wara jridu jiktbu ħames sentenzi marbutin mal-kliem li jsibu. F'dawn is-sentenzi jridu jużaw prepożizzjoni waħda jew aktar minn dawk mogħtija.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam karta li fiha se jkun hemm fittiexa u spazju fejn jiktbu ħames sentenzi. Fl-ewwel eżerċizzju, l-istudenti jridu jiflu b'reqqa l-fittiexa u minnha jsibu kemm l-oġġetti miktubin taħtha bi stampa tagħhom, kif ukoll dawk l-oġġetti li huma bla isem. Kif isibu l-oġġetti kollha, l-istudenti jridu jmorru fit-tieni eżerċizzju u jużawhom biex jiffurmaw ħames sentenzi. Għaldaqstant, f'dawn is-sentenzi l-istudenti jridu jinkludu xi prepożizzjonijiet li se jkunu provduti fil-karta stess.

**Livell ta' diffikultà:**



# Fittex il-Kelma

**L-ewwel eżerċizzju:**

**Fittex** il-kliem fl-ittri t'hawn taħt. Il-kliem jistgħu jkunu mimdudin u weqfin.



| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | C | A | O | B | O | S | T | I | S | M | A |
| A | J | R | B | S | M | E | E | E | K | G | V |
| U | Y | E | E | T | E | Y | Z | E | R | T | B |
| O | V | B | K | W | N | W | O | P | I | D | O |
| L | C | M | O | J | T | Y | F | P | V | Y | O |
| Q | X | T | R | M | A | Y | C | M | A | L | X |
| K | S | T | F | L | S | A | P | U | N | H | Y |
| Q | Y | O | G | D | K | Y | T | N | I | W | S |
| P | T | T | L | O | D | S | Q | P | J | O | F |
| W | V | U | M | B | R | E | L | L | A | D | A |
| C | O | P | T | O | X | Y | V | H | Y | N | H |
| U | D | F | U | R | K | E | T | T | A | S | N |
| X | U | G | A | M | A | N | I | F | R | Z | G |
| T | A | Z | Z | A | F | I | E | Q | L | Q | N |
| O | H | L | P | V | F | K | Q | G | O | H | Z |
| T | K | U | T | R | A | W | A | N | Ġ | Q | T |
| L | V | C | T | S | T | C | S | I | Ġ | R | A |

| | | | |
|---|---|---|---|
| BORMA  | ARLOĠĠ  |  |  |
| FURKETTA  | XUGAMAN  |  |  |
| KUTRA  | TAZZA  |  |  |

**It-tieni eżerċizzju:**

Ikteb **ħames sentenzi** b'ħames oġġett mill-ewwel eżerċizzju. F'dawn is-sentenzi uża **wieħed jew aktar** mill-prepożizzjonijiet t'hawn taħt. Ċerti prepożizzjonijiet jistgħu jintużaw **aktar minn darba**.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bi/bil- | Għal/għall- | Sa/sal- | Bħal/bħall- | Lil/lill- |
| Ta'/tal- | Ma'/mal- | Fi/fil- | Ġo/ġol- | Minn/mill- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Taħt | Wara | Ġewwa | Ħdejn | Barra |
| Fuq | Quddiem | Bejn | Qabel | Lejn |

Eżempju: Dħalt **fil**-kamra **tas**-sodda, knist l-art u tfajt l-ixkupa **ħdejn** il-bieb.

Prepożizzjonijiet li jingħaqdu mal-artiklu

Prepożizzjonijiet ta' direzzjoni

1. ______________________________________________

______________________________________________

2. ______________________________________________

______________________________________________

3. ______________________________________________

______________________________________________

4. ______________________________________________

______________________________________________

5. ______________________________________________

______________________________________________

# Fittex il-Kelma

## L-ewwel eżerċizzju:

**Fittex** il-kliem fl-ittri t'hawn taħt. Il-kliem jistgħu jkunu mimdudin u weqfin.



| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | C | A | O | B | O | S | T | I | S | M | A |
| A | J | R | B | S | M | E | E | E | K | G | V |
| U | Y | E | E | T | E | Y | Z | E | R | T | B |
| O | V | B | K | W | N | W | O | P | I | D | O |
| L | C | M | O | J | T | Y | F | P | V | Y | O |
| Q | X | T | R | M | A | Y | C | M | A | L | X |
| K | S | T | F | L | S | A | P | U | N | H | Y |
| Q | Y | O | G | D | K | Y | T | N | I | W | S |
| P | T | T | L | O | D | S | Q | P | J | O | F |
| W | V | U | M | B | R | E | L | L | A | D | A |
| C | O | P | T | O | X | Y | V | H | Y | N | H |
| U | D | F | U | R | K | E | T | T | A | S | N |
| X | U | G | A | M | A | N | I | F | R | Z | G |
| T | A | Z | Z | A | F | I | E | Q | L | Q | N |
| O | H | L | P | V | F | K | Q | G | O | H | Z |
| T | K | U | T | R | A | W | A | N | Ġ | Q | T |
| L | V | C | T | S | T | C | S | I | Ġ | R | A |

| | | | |
|---|---|---|---|
| BORMA  | ARLOĠĠ  | SAPUN  | UMBRELLA  |
| FURKETTA  | XUGAMAN  | SKRIVANIJA  | TIEQA  |
| KUTRA  | TAZZA  | SIĠRA  | XKAFFA  |

## It-tieni eżerċizzju:

Ikteb **ħames sentenzi** b'ħames oġġetti mill-ewwel eżerċizzju. F'dawn is-sentenzi uża **wieħed jew aktar** mill-prepożizzjonijiet t'hawn taħt. Ċerti prepożizzjonijiet jistgħu jintużaw **aktar minn darba**.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bi/bil- | Għal/għall- | Sa/sal- | Bħal/bħall- | Lil/lill- |
| Ta'/tal- | Ma'/mal- | Fi/fil- | Ġo/ġol- | Minn/mill- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Taħt | Wara | Ġewwa | Ħdejn | Barra |
| Fuq | Quddiem | Bejn | Qabel | Lejn |

Eżempju: Dħalt **fil**-kamra **tas**-sodda, knist l-art u tfajt l-ixkupa **ħdejn** il-bieb.

Prepożizzjonijiet li jingħaqdu mal-artiklu

Prepożizzjonijiet ta' direzzjoni

1. It-**tazza** qiegħda **fuq** il-mejda **tal**-kċina.

2. Ommi xtrat **umbrella** biex inpoġġuha **barra fil**-bitħa.

3. Il-qattus dejjem jintefa' **taħt** is-**siġra** li għandna **fil**-ġnien.

4. Tant kemm kienet kesħa li ntfajt **taħt** il-**kutra**.

5. Ħafna **mill**-istudenti għandhom tendenza joħorġu wisq affarijiet **fuq** l-**iskrivanija**.

**Nota:** Ma' dawn l-eżempji li tajt, l-istudenti jistgħu jiktbu u jaħsbu f'ideat oħra.



**Riżorsa 6: Agħti d-direzzjoni t-tajba**

**L-għan:** L-istudenti jridu jħaddmu l-prepożizzjonijiet mogħtija biex ikomplu s-sentenzi. Kif ukoll, se jkunu kompetenti fil-qari ta' mappa.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem jibda jqassam il-karta tat-taħriġ. Jipproċedi billi jispjega l-ewwel eżerċizzju fejn l-istudenti jridu jużaw il-prepożizzjonijiet mogħtija. Bħala gwida, l-istudenti għandhom dejjem jirreferu għall-mappa li se tkun mal-karta tat-taħriġ. Min-naħa l-oħra fit-tieni eżerċizzju, bħala attività ħelwa l-istudenti għandhom iqasqsu waħda mill-karozzi li se jkunu fil-qiegħ ta' din il-paġna u jmexxuha mad-direzzjonijiet mogħtija. Jiġifieri jsegwu s-sitt direzzjonijiet miktuba u permezz tal-karozza jimxu fuq il-mappa skont fejn iridu jmorru Frawlina u sħabha. Meta jaslu, għandhom jiktbu l-bini li jaslu fih fil-linji vojta.

**Livell ta' diffikultà:**



# Agħti d-direzzjoni t-tajba




Il-Posta
L-Isptar
Tal-Ħaxix
Iċ-Ċinema
Tal-Merċa
L-Ispiżjar
Restorant
Kumpless tax-Xiri
Triq ir-Rebħa
Triq San Ġorġ
Triq il-Kulleġġ
Triq Għar Dalam
Pompa
tal-Petrol
L-Għassa
tal-Pulizija
Triq id-deheb
Triq Sir Temi Żammit
Sqaq l-Appostli
Triq San Franġisk
Lukanda
Triq il-Kbira
Il-Bank
L-Iskola
INT
QIEGĦED
HAWN

**L-ewwel eżerċizzju:**

Uża dawn il-prepożizzjonijiet t'hawn taħt biex tkompli s-sentenzi. Bħala gwida uża l-mappa ta' fuq.

| | | |
|---|---|---|
| faċċata / quddiem | bejn | biswit / ħdejn / maġenb |

1. L-iskola qiegħda _______________ il-bank.
2. Triq Għar Dalam qiegħda _______________ il-pompa tal-petrol u l-ispiżjar.
3. Tal-ħaxix qiegħed _______________ tal-merċa u l-ispiżjar.
4. Il-lukanda qiegħda _______________ Triq San Franġisk.
5. Il-posta, l-isptar u tal-ħaxix qegħdin kollha_______________ xulxin.
6. _______________ Triq San Ġorġ u Triq il-Kulleġġ hemm iċ-ċinema, tal-merċa, l-ispiżjar u r-restorant.
7. Triq il-Kulleġġ qiegħda _______________ ir-restorant u l-kumpless tax-xiri.
8. Il-posta, l-isptar u tal-ħaxix qegħdin _______________ taċ-ċinema, tal-merċa u l-ispiżjar.
9. Ir-restorant qiegħed _______________ tal-kumpless tax-xiri.

**It-tieni eżerċizzju:**

## Suq ma' Frawlina u sħabha





- L-ewwel għandek tqasqas waħda mill-karozzi ta' taħt din il-paġna u imxi mad-direzzjonijiet t'hawn taħt.
- Wara segwi s-sitt direzzjonijiet u permezz tal-karozza mexxiha skont fejn iridu jmorru Frawlina u sħabha. Meta tasal, ikteb il-bini li tasal fih fil-linji vojta.

**Nota**: Għal kull direzzjoni ibda minn '**INT QIEGĦED HAWN**'

|  |  |
|---|---|
| Xellug | Lemin |

**Eżempju:** 1. Suq lejn triq il-Kulleġġ u ħares lejn il-lemin faċċata tar-restorant Il-kumpless tax-xiri.

2. Suq lejn triq Għar Dalam. Dan il-bini qiegħed faċċata tal-ispiżjar________________.
3. Suq lejn triq San Ġorġ. Dan il-bini qiegħed fuq ix-xellug bejn il-posta u tal-ħaxix_______________.
4. Suq lejn triq id-Deheb. Dan il-bini qiegħed faċċata tal-pompa tal-petrol______________.
5. Suq lejn tal-Merċa. Dan il-bini qiegħed fuq il-lemin tal-merċa u ħdejn triq Għar Dalam _________________.
6. Suq lejn it-triq li qiegħda bejn il-kumpless tax-xiri u l-bank ______________.
7. Suq lejn triq San Franġisk. Dan il-bini qiegħed ħdejn din l-istess triq _______________.



**Nota**: Agħżel karozza u qasqas madwarha bl-imqass.

## Tweġibiet:

**L-ewwel eżerċizzju:**

1) Biswit, maġenb jew ħdejn
2) Bejn
3) Faċċata jew quddiem
4) Biswit, maġenb jew ħdejn
5) Biswit, maġenb jew ħdejn
6) Bejn
7) Bejn
8) Faċċata jew quddiem
9) Faċċata jew quddiem

**It-tieni eżerċizzju:**

1) Il-kumpless tax-xiri
2) Pompa tal-petrol
3) L-isptar
4) L-għassa tal-pulizija
5) L-ispiżjar
6) Triq Sir Temi Żammit
7) Il-lukanda




**Riżorsa 7: Sib l-oġġetti**

**L-għan:** L-istudenti se jużaw prepożizzjonijiet xierqa sabiex jgħinu lil Frawlina u sħabha jsibu l-oġġetti fl-istampa ppreżentata.

**L-istruzzjonijiet:** Qabelxejn, l-għalliem għandu jagħti kopja tal-karta lil kull student. L-għalliem irid jagħmilha ċara li bħala gwida u għajnuna għaż-żewġ eżerċizzji, l-istudenti għandhom dejjem jirreferu għall-istampa tal-ewwel paġna, jiġifieri tal-kamra tas-sodda, minħabba li fl-ewwel eżerċizzju l-istudenti jridu jiktbu isem l-oġġett tal-istampa, li dan se jkun fil-parentesi. Imbagħad iridu jiktbu l-prepożizzjoni t-tajba skont fejn ikun l-ewwel oġġett ikkumparat mat-tieni oġġett. Finalment, l-istudenti jipproċedu għat-tieni eżerċizzju, fejn hawnhekk l-istudenti se jwieġbu veru jew falz skont dak li jistqarru s-sentenzi.

**Livell ta' diffikultà:**



# Sib l-oġġetti

Għin lil Frawlina u sħabha **jsibu l-oġġetti** fl-istampa t'hawn taħt. Dan billi **tuża prepożizzjonijiet** ħalli jsibuhom malajr.



| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Wara | Quddiem | Fuq | Taħt | Ħdejn | Bejn | Ġewwa |



**L-ewwel eżerċizzju:**

**Ħares lejn l-istampa** t'hawn fuq u imla s-sentenzi t'hawn taħt f'din l-ordni: l-ewwel **ikteb l-oġġetti** li jidhru ħdejn il-linji vojta. It-tieni **ikteb il-prepożizzjoni** skont fejn ikun l-ewwel oġġett.

1. Il-____________________ () qiegħed________________ l-__________________ ().

2. Il-____________________ () qiegħda________________ l-__________________ ().

3. Il-____________________ () qiegħed________________ is-__________________ ().

4. L-____________________ () qiegħed________________ il-__________________ ().

5. Il-____________________ () qiegħed________________ il-__________________ ().

6. Il-____________________ () qiegħed________________ il-__________________ ().

7. L-____________________ () qiegħed________________ il-__________________ () u

t-__________________ ().

8. Il-____________________ () qiegħed________________ is-__________________ ().

9. Is-____________________ () qiegħda________________ t-__________________ ().

10. Il-____________________ () qiegħda________________ is-__________________ ()

u l-__________________ ().

**It-tieni eżerċizzju:**

Dawn is-sentenzi huma veri jew foloz? **Aqra** b'attenzjoni kull sentenza. **Ikteb** Veru fuq il-linja jekk taħseb li s-sentenza hija vera. Inkella ikteb Falz fuq il-linja jekk taħseb li s-sentenza hija falza.

1. Il-qattus qiegħed fuq is-sodda. ______________
2. Il-karozza qiegħda taħt is-sodda. ______________
3. Il-kitarra qiegħda ħdejn is-sodda. ______________
4. L-ors qiegħed ġot-tazza. ______________
5. Il-gradenza qiegħda taħt l-ors, il-važun u t-tazza. ______________
6. It-tieqa qiegħda quddiem is-siġra. ______________
7. Il-kompjuter qiegħed wara t-tieqa. ______________
8. Il-qattus qiegħed quddiem l-iskrivanija. ______________



## Tweġibiet:

### L-ewwel eżerċizzju:

1. Il-**kompjuter** qiegħed **fuq** l-**iskrivanija**.
2. Il-**banketta** qiegħda **taħt** l-**iskrivanija**.
3. Il-**ktieb** qiegħed **fuq** is-**sodda**.
4. L-**arloġġ** qiegħed **fuq** il-**kitarra**.
5. Il-**ballun** qiegħed **quddiem** il-**qattus**.
6. Il-**vażun** qiegħed **fuq** il-**gradenza**.
7. L-**ors** qiegħed **bejn** il-**vażun** u t-**tazza**.
8. Il-**poster** qiegħed **fuq** is-**sodda**.
9. Is-**siġra** qiegħda **wara** t-**tieqa**.
10. Il-**kitarra** qiegħda **bejn** is-**sodda** u l-**gradenza**.

### It-tieni eżerċizzju:

1. Il-qattus qiegħed fuq is-sodda. **Falz**
2. Il-karozza qiegħda taħt is-sodda. **Falz**
3. Il-kitarra qiegħda ħdejn is-sodda. **Veru**
4. L-ors qiegħed ġot-tazza. **Falz**
5. Il-gradenza qiegħda taħt l-ors, il-vażun u t-tazza. **Veru**
6. It-tieqa qiegħda quddiem is-siġra. **Veru**
7. Il-kompjuter qiegħed wara t-tieqa. **Falz**
8. Il-qattus qiegħed quddiem l-iskrivanija. **Veru**



**Riżorsa 8: L-avventura ta' Frawlina biex tixtri dar**

**L-għan:** L-istudenti se jiffamiljarizzaw ruħhom mal-mod ta' kif għandhom jitħaddtu meta jkunu waslu biex jixtru dar. Din il-prattika se ssir ukoll f'forma ta' reċta li se tinkiteb mill-istudenti stess.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jaqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa. Wara se jgħaddi l-iskritt lill-istudenti kollha. Se jagħti ftit ħin biex jaqrawh u jifhmu l-ambjent tad-djalogu u l-proċess ta' x'jiġri meta persuna tkun qed tfittex biex tixtri dar. Imbagħad, l-għalliem se jispjega kif kull grupp irid jibni skritt bil-mod uniku tiegħu. Sadanittant, l-għalliem se jdur mal-istudenti sabiex ikun ċert li kulħadd qed jifhem u li qed jiktbu tajjeb.

Malli l-għalliem jara li kulħadd lest, se jitlob lil kull grupp jagħżel tliet persuni sabiex joħorġu jirreċtawh. Sakemm jiddeċiedu se jqasqsu l-props li se jkunu inklużi mar-riżorsa, ħalli jużawhom waqt ir-reċta.

Finalment, kull grupp se jieħu sehem f'reċta differenti u b'hekk kull student se jkun qed iħaddem il-ħiliet kollha tal-lingwa. Dan se jagħti lok lill-istudenti sabiex jisimgħu, jaraw u jikkomunikaw interpretazzjonijiet u ideat differenti.

**Livell ta' diffikultà:**



# L-avventura ta' Frawlina biex tixtri dar

Fi gruppi imlew dan id-djalogu. Imbagħad irreċtawh.

**Karattri**: Frawlina, isem in-Nutar: ____________________, isem l-Aġent tal-Proprjetajiet________________ u isem sid id-dar __________________ .

---



**L-Ewwel Parti:**

Frawlina tmur għand l-Aġent tal-Propjetajiet biex tixtri dar.

Ħin: L-għaxra ta' filgħodu.

**Frawlina**:
Bonġu,________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________

**L-Aġent**: Bonġu Frawlina, tista' tgħidli x'tip ta' dar qed tfittex u kemm tixtieq tonfoq flus?

**Frawlina**:

______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________

**L-Aġent**: Tajjeb, issa għandi idea aktar ċara ta' dak li trid. F'liema lokalità tixtieq tmur toqgħod?

**Frawlina**:

______________________________________________________________
______________________________________________________________

**L-Aġent**: Bl-informazzjoni li tajtni sibt dawn id-djar 1)__________________ ,2)__________________ u 3)_________________. Liema waħda trid?

**Frawlina**:

______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________

**L-Aġent**: Tajjeb ħafna, issa se nagħtik in-numru ta' sid id-dar biex iċċempillu. B'hekk tkun tista' tmur tara l-post.

**Frawlina**: Grazzi u l-ġurnata t-tajba!

**L-Aġent**: Lilek ukoll, saħħa!

**L-Aħħar Part:**

Il-ġurnata tal-kuntratt. Fuq dak li rajtu fl-ewwel u t-tieni parti, fi gruppi ibnu konverżazzjoni bejn in-nutar, sid id-dar u Frawlina biex jagħmlu l-kuntratt tad-dar.



Ħin: ________________________________________.

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

___________:
____________________________________________________________
____________________________________________________________
____________________________________________________________

TMIEM

**Riżorsi waqt ir-reċta:**

Tikketti tal-isem:

# In-nutar

# Sid id-dar

# Frawlina

Kuntratt falz:

Data tal-kuntratt:______________________________

Hawnhekk kemm il-bejjiegħa _________________ u x-xerrejja ________________ jaqblu fuq ix-xiri tal-proprjetà li ġejja: ________________________ bl-isem ta' _________________________ li tinsab ________________________________________.

Il-ħlas ta' din il-proprjetà se jsir billi x-xerrejja __________________ se tħallas is-somma ta' __________________________________________ Ewro (€_______________).

Jekk trid, żid xi informazzjoni oħra:

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

Firma tal-bejjiegħa _____________________________

Firma tax-xerrejja ______________________________

## Mudell wieħed:

**Karattri**: Frawlina, isem in-Nutar: Victor Balzan, isem l-Aġent tal-Proprjetajiet is-Sur Mark Borg u isem sid id-dar Martina Fenech.

-----------------------------------------------------------------------------------------------

### L-Ewwel Parti:

Frawlina tmur għand l-Aġent tal-Proprjetajiet biex tixtri dar.

Ħin: L-għaxra ta' filgħodu.

**Frawlina**: Bonġu, l-ewwel nett grazzi talli sibt il-ħin biex tisma' dak li għandi xi ngħid. Illum ġejt għandek għax nixtieq nixtri dar.

**L-Aġent**: Bonġu Frawlina, tista' tgħidli x'tip ta' dar qed tfittex u kemm tixtieq tonfoq flus?

**Frawlina**: Jiena nixtieq nixtri appartament u nixtieq nonfoq massimu sa' mitejn elf ewro.

**L-Aġent**: Tajjeb, issa għandi idea aktar ċara ta' dak li trid. F'liema lokalità tixtieq tmur toqgħod?

**Frawlina**: Dejjem xtaqt immur noqgħod in-naħa t'isfel ta' Malta, bħal ngħidu aħna Marsaxlokk.

**L-Aġent**: Bl-informazzjoni li tajtni sibt dawn id-djar 1) appartament fl-ewwel sular, 2) mezzanin u 3) penthouse. Liema waħda trid?

**Frawlina**: Jidher li għandi għażla vasta ta' djar. Però kif diġà għidtlek, Sur Borg, nippreferi appartament.

**L-Aġent**: Tajjeb ħafna, issa se nagħtik in-numru ta' sid id-dar biex iċċempillu. B'hekk tkun tista' tmur tara l-post.

**Frawlina**: Grazzi u l-ġurnata t-tajba!

**L-Aġent**: Lilek ukoll, saħħa!

**It-Tieni Parti:**

Drinn..drinn... Frawlina ċċempel lil sid id-dar.

Ħin: Is-sagħtejn ta' waranofsinhar.

**Frawlina**: Il-waranofsinhar it-tajjeb Sinjura Fenech (isem sid id-dar), jiena Frawlina. Għoġbitni ħafna d-dar tiegħek u nixtieq nixtriha.

**Sid id-dar**: Iva, diġà kellimni l-Aġent u qalli li inti interessata fiha.

**Frawlina**: Kulma nixtieq huwa deskrizzjoni tad-dar b'dak kollu li hemm fiha. Bħal ngħidu aħna, kemm fiha kmamar tas-sodda u tal-banju?

**Sid id-dar**: (Agħti **ħames** deskrizzjonijiet tad-dar)

Id-dar fiha:

1) Kċina spazjuża li tinkludi s-salott magħha.

2) Żewġ kmamar tas-sodda.

3) Fiha kamra tal-banju waħda.

4) Gallarija fil-kamra tas-sodda prinċipali.

5) Fiha wkoll kamra tal-istudju.

**Frawlina**: Tajjeb wisq. Tista' tgħidli x'inhu l-indirizz tad-dar?

**Sid id-dar**:

Mela le, l-indirizz huwa Dar il-Għabex, numru 7, Triq San Ġorġ, Żurrieq.

**Frawlina**: Eżatt kif xtaqtha! Meta tajjeb għalik biex immorru għand in-nutar għall-kuntratt?

**Sid id-dar**: Lin-nutar diġà kellimtu u qalli li nistgħu mmorru nhar it-Tnejn fil-ħdax ta' filgħodu.

**Frawlina**: Għalija tajjeb ħafna!

**Sid id-dar**: Tajjeb mela narak it-Tnejn fil-ħdax. Saħħa!

## L-Aħħar Parti:

Il-ġurnata tal-kuntratt. Fuq dak li rajtu fl-ewwel u t-tieni parti, fi gruppi ibnu konverżazzjoni bejn in-nutar, sid id-dar u Frawlina biex jagħmlu l-kuntratt tad-dar.

Ħin: Il-ħdax ta' filgħodu.

**In-nutar:**

Għeżież Martina u Frawlina nilqagħkom illum sabiex nagħtu bidu għall-kuntratt tad-dar. Mela, quddiemi qegħdin jidhru Martina li hija l-bejjiegħa u Frawlina x-xerrejja. Jiena żgurajt ruħi mill-identità tagħhom skond il-liġi permezz tad-dokumenti uffiċjali u l-karta tal-identità. Taqblu ma' dak li għadni kif għidt?

**Frawlina u Martina:**

Iva, Sur Nutar Balzan.

**In-nutar:**

Tajjeb wisq, mela ħa nkompli. Permezz tal-Aġent, is-Sur Mar Borg, Frawlina waslet biex tixtri l-proprjetà ta' Martina. Dawn it-tnejn qablu fil-prezz li jammonta għal mija u tmenin elf Ewro (€180,000). Martina, tista' jekk jogħġbok tgħidli l-indirizz u t-tip ta' dar li se tbigħ?

**Martina:**

Id-dar hija appartament bl-isem ta' Dar il-Għabex li tinsab f'numru 7, Triq San Ġorġ, iż-Żurrieq.

**In-nutar:**

Grazzi, kemm tiffirmaw ħdejn isimkom u l-kuntratt ikun lest. Tridu żżidu xi ħaġa oħra?

**Frawlina:**

Iva, kemm inżidu li l-Bejjiegħa Martina Fenech taċċetta li jiena nħallas għoxrin elf ewro (€20,000) fis-sena, sakemm nilħaq l-ammont totali.

**In-nutar:**

Mela ħa nikteb dak li għadek kif għidtli. Dak kollox, saħħa għalikom u Frawlina r-risq!

TMIEM

Data tal-kuntratt: It-Tnejn, 16 ta' Frar 2022.

Hawnhekk kemm il-bejjiegħa Martina Fenech u x-xerrejja Frawlina jaqblu fuq ix-xiri tal-proprjetà li ġejja: appartament bl-isem ta' Dar il-Għabex li tinsab f'numru 7 Triq San Ġorġ, Żurrieq. Il-ħlas ta' din il-proprjetà se jsir billi x-xerrejja Frawlina se tħallas is-somma ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000).

Jekk trid, żid xi informazzjoni oħra: Il-Bejjiegħa Martina Fenech taċċetta li x-xerrejja Frawlina tħallas għoxrin elf ewro (€20,000) fis-sena, sakemm tilħaq l-ammont totali ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000).

Firma tal-bejjiegħa *Martina Fenech*

Firma tax-xerrejja *Frawlina*



**Riżorsa 9: Frawlina tmur il-Belt Valletta**

**L-għan:** L-istudenti se jidentifikaw tliet tipi ta' prepożizzjonijiet: 1) il-prepożizzjonijiet mingħajr artiklu, 2) il-prepożizzjonijiet bl-artiklu u 3) il-prepożizzjonijiet li jassimilaw.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem iqassam il-karta lil kull student. Fil-bidu għandhom jingħataw ftit minuti sabiex jaqraw is-silta tal-ewwel eżerċizzju. Wara l-qari, l-għalliem jerġa' jaqra s-silta tal-aħħar, jitlob lill-istudenti biex minn dak li qraw, isibu prepożizzjonijiet mingħajr artiklu, prepożizzjonijiet bl-artiklu u prepożizzjonijiet li jassimilaw. Meta jsibuhom jiktbuhom fit-tabella ta' taħt is-silta. Malli l-għalliem jara li kulħadd lest, jimxi għat-tieni eżerċizzju. Hawnhekk, l-istudenti għandhom jaqraw is-silta qabel ma jimlew il-vojt. F'dan l-eżerċizzju, l-istudenti jridu jiktbu l-prepożizzjoni t-tajba skont dik li tkun provduta fil-parentesi.

**Livell ta' diffikultà:**





# Frawlina u l-mawra sal-Belt Valletta



**L-ewwel eżerċizzju:**

Aqra din l-istorja qasira u wara sib 1) **il-prepożizzjonijiet mingħajr artiklu**, 2) **il-prepożizzjonijiet bl-artiklu** u 3) **l-prepożizzjonijiet li jassimilaw.**

Il-Ħadd filgħodu Frawlina ddeċidiet li tmur sal-Belt Valletta. Riedet tmur il-Belt biex tara l-bini tant sabiħ u importanti għall-istorja tal-Maltin. Malli qamet daħlet fil-kamra tal-banju biex tinħasel, taħsel snienha u tagħmel xagħarha. Wara marret fil-kamra tas-sodda u minn ġol-gwardarobba, taħt il-qomos, ħarġet qalziet u flokk. Xħin kienet lesta niżlet isfel fil-kċina biex tieħu l-kolazzjon.





Għall-ħabta tad-disgħa ħarġet fil-pjazza tar-raħal biex tirkeb il-karozza tal-linja bin-numru ħamsa li hija diretta għall-Belt Valletta. Wara żewġ minuti tistenna taħt tinda ġiet il-karozza tal-linja. Frawlina tant kienet ħerqana biex tasal, li poġġiet fuq quddiem ħalli tinżel malajr. U hekk mad-daqqa u l-ħin waslet, niżlet tiġri u marret dirett ħdejn il-funtana Tritoni biex tieħu żewġ ritratti quddiemha. Wara daħlet mill-bieb tal-Belt biex tara l-bini kbir tal-parlament. Kif kienet hemm marret f'ħanut tal-ikel li qiegħed maġenb il-bini tal-parlament u xtrat flixkun ilma kiesaħ u tuffieħa friska. Intefgħet fuq bank tiekol it-tuffieħa u tammira s-sbuħija tat-Teatru Rjal.



| Prepożizzjonijiet mingħajr artiklu | Prepożizzjonijiet bl-artiklu | Prepożizzjonijiet li jassimilaw |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**It-tieni eżerċizzju:**

Ikteb il-prepożizzjoni t-tajba fl-ispazji t'hawn taħt.



Ftit minuti wara, kompliet timxi fi Triq ir-Repubblika u tieħu r-ritratti _____(ta') bini, _____(ta') djar u ħwienet _____(ta') xorb, _____(ta') ikel, _____(ta') ħwejjeġ u _____(ta') ġugarelli.



Però, bini li laqat għajn Frawlina kien dak _____(ta') Qorti. Dan għax kbir u għandu disinn sabiħ li jispikka mill-bini żgħir ta' madwaru. _______(  ) l-Qorti hemm restorant tajjeb u Frawlina ntefgħet tieħu kafe waqt li tara r-ritratti li kienet ħadet.

Fl-aħħar marret fejn pjazza San Ġorġ. Din il-pjazza hija mimlija bini u affarijiet x'tara.

Fin-________(  ) hemm funtana sinkronizzata, _______(  ) din il-funtana hemm bini importanti ħafna għal Malta, il-Palazz tal-Gran Mastru. Bħalissa jintuża għal funzjonijiet statali miżmuma _____(minn) President ta' Malta, bħal ngħidu aħna l-ħatra tal-Prim Ministru. Malli beda jidlam Frawlina marret lura lejn il-venda biex tirkeb il-karozza _____(ta') linja lura _____(għal) raħal.





## Tweġibiet:

### L-ewwel eżerċizzju:

| Prepożizzjonijiet mingħajr artiklu | Prepożizzjonijiet bl-artiklu | Prepożizzjonijiet li jassimilaw |
|---|---|---|
| Taħt | għall- | Tas- |
| Isfel | Tal- | Tar- |
| Quddiem | Fil- | Bin- |
| Ħdejn | Ġol- | Mad- |
| Maġenb | Mill- | Tat- |
| Fuq | Sal- | |

### It-tieni eżerċizzju:

1) Tal-
2) Tad-
3) Tax-
4) Tal-
5) Tal-
6) Tal-
7) Tal-
8) Wara
9) Nofs
10) Ħdejn
11) Mill-
12) Tal-
13) Għar-

 

**Riżorsa 10: Avventoni – Fejn l-avventura tinbena permezz tal-prepożizzjoni.**

**L-għan:** L-istudenti se jipparteċipaw b'mod fiżiku fit-tqegħid ta' oġġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija. Kif ukoll jipprattikaw b'mod verbali kif jibnu sentenzi madwar diversi prepożizzjonijiet.

**L-istruzzjonijiet:** Fl-ewwel taqsima l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza li se tkun miktuba taħt jew fuq stampa u jridu jpoġġu l-oġġett, l-annimal jew il-persuna, jiġifieri lil Frawlina, Ħakim, karozza jew qattus, skont il-prepożizzjoni mogħtija. Fit-tieni taqsima l-istudenti se joħorġu tliet leħħiet ta' siġra, dar u ballun, kif ukoll ħdax-il leħħa b'diversi istruzzjonijiet li jinkludu prepożizzjonijiet differenti. Dawn tal-aħħar għandhom jitqiegħdu rashom 'l isfel ħalli jkun hemm l-element ta' sorpriża fl-għażla. Hawnhekk l-istudenti jridu jagħżlu leħħa waħda mill-ħdax li jkun hemm u jpoġġu l-oġġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija fl-istruzzjoni. Fl-aħħar taqsima l-istudenti jridu jdawru l-vleġġa ta' fuq ir-rota u fejn tieqaf jgħidu sentenza bil-prepożizzjoni.

**Livell ta' diffikultà:**



# AVVENTONI




## *Fejn l-avventura tinbena*

## *permezz tal-prepożizzjoni*

*Kitba u illustrazzjoni ta' Yousef Borg*

**L-għan:** L-istudenti se jipparteċipaw b'mod fiżiku fit-tqegħid ta' oġġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija. Kif ukoll jipprattikaw b'mod verbali kif jibnu sentenzi madwar diversi prepożizzjonijiet.

**L-istruzzjonijiet:** Fl-ewwel taqsima l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza li se tkun miktuba taħt jew fuq stampa u jridu jpoġġu l-oġġett, l-annimal jew il-persuna, jiġifieri lil Frawlina, Ħakim, karozza jew qattus, skont il-prepożizzjoni mogħtija. Fit-tieni taqsima l-istudenti se joħorġu tliet leħħiet ta' siġra, dar u ballun, kif ukoll ħdax-il leħħa b'diversi istruzzjonijiet li jinkludu prepożizzjonijiet differenti. Dawn tal-aħħar għandhom jitqiegħdu rashom 'l isfel ħalli jkun hemm l-element ta' sorpriża fl-għażla. Hawnhekk, l-istudenti jridu jagħżlu leħħa waħda mill-ħdax li jkun hemm u jpoġġu l-oġetti skont il-prepożizzjoni mogħtija fl-istruzzjoni.
Fl-aħħar taqsima l-istudenti jridu jdawru l-vleġġa ta' fuq ir-rota u fejn tieqaf jgħidu sentenza madwar il-prepożizzjoni.

**Livell ta' diffikultà:**

| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħafifa | ○ | ○ | ○ | ○ | ● | Diffiċli |



# L-Ewwel Taqsima

<u>L-istruzzjonijiet:</u>

1. L-ewwel taqsima fiha diversi sentenzi li jinkludu fihom prepożizzjonijiet differenti.
2. F'dawn is-sentenzi trid tpoġġi l-oġġett, l-annimal jew il-persuna skont is-sitwazzjoni u l-prepożizzjoni użata fis-sentenza partikolari.
3. Dan se tagħmlu billi tuża l-leħħiet provduti fil-paġna li jmiss biex tpoġġihom skont il-prepożizzjoni użata.









Kienu s-sebgħa ta' filgħodu... Drin!! Drn!!...






Minn isfel beda ġej ħoss qawwi ta' qniepen. Ħakim, wara ftit ħin jisma' dan il-ħoss, inħasad, qam mis-sodda u ħareġ jittawwal barra mill-gallarija. Kif għamel hekk ra lil Frawlina taħt il-gallarija ddoqq il-qanpiena biex iqum.

**Ħakim, bi ngħas, ma tax kasha u reġa' ntefa' fis-sodda. Però, ma damx wisq għax il-qattus tiegħu Rokko tela' fuq is-sodda biex iqajmu.**







Malli Rokko qajjem lil Ħakim, dan induna li llum kienet il-ġurnata li hu u Frawlina kellhom imorru jaraw il-karozza ġdida li ried jixtri. Qam b'ħeffa, niżel isfel u ħareġ jiġri wara l-karozza tal-linja, li din kienet laħqet telqet.






**Meta waslu ħdejn il-ħanut tal-karozzi, Ħakim baqa' impressjonat bil-karozzi kollha. Dak il-ħin, Ħakim mar maġenb l-ewwel karozza li ra. Beda jifli sew il-kulur tagħha, li kien aħdar, u l-prezz!**

**Iżda, faċċata ta' din il-karozza li kien qed jara, laqtitlu għajnu karozza ħamra li kienet tidher sportiva ħafna.**





**Frawlina marret ħdejn Ħakim biex tara jekk kienx għażel il-karozza. Fil-pront Ħakim talab li jieħu dawra l-karozza li għoġbitu. Hekk ġara, ħallas u telaq riħ.**

Waqt li kien qed isuq, ħareġ Rokko f'nofs ta' triq quddiem il-karozza.





Biex Ħakim ma jolqotx lil
Rokko baqa' dieħel ġo ħajt
tas-sejjieħ bil-karozza li kien
għadu kif xtara.

**Malli Frawlina rat hekk, ħarġet tiġri mill-karozza barra f'nofs ta' triq.**



Dak il-ħin, Ħakim kien bejn irrabjat u bejn imdejjaq, għall-kuntrarju ta' Rokko li kien qagħad bilqiegħda bejn iż-żewġ seats ta' wara tal-karozza u raqad.





**Ħakim u Frawlina rikbu l-ewwel karozza tal-linja li raw u telqu lura lejn id-dar. Ħaġa tal-iskantament, qabel il-karozza tal-linja, inzerta kien hemm karozza eżatti l-istess bħal dik li kien kisser Ħakim. Affarijiet li lanqas jitwemmnu!**



# It-Tieni Taqsima

<u>L-istruzzjonijiet:</u>

1. Qasqas u oħroġ il-leħħiet t'hawn taħt. Għandek issib ħdax-il leħħa b'istruzzjonijiet differenti, ballun, siġra u dar.
2. Poġġi l-istruzzjonijiet rashom 'l isfel u b'mod anonimu agħżel waħda.
3. Segwi l-istruzzjoni u uri dan permezz tal-ballun, is-siġra u d-dar.







| | |
|---|---|
| **Poġġi l-ballun**<br><br>**fuq is-siġra.** | **Poġġi l-ballun**<br><br>**ħdejn is-siġra.** |
| **Poġġi l-ballun**<br><br>**wara s-siġra.** | **Poġġi l-ballun**<br><br>**quddiem id-dar.** |
| **Poġġi l-ballun**<br><br>**taħt is-siġra.** | **Poġġi l-ballun**<br><br>**maġenb is-siġra.** |
| **Poġġi s-siġra**<br><br>**qabel id-dar.** | **Poġġi l-ballun**<br>**bejn**<br><br>**id-dar u s-siġra.** |
| **Poġġi l-ballun**<br><br>**ġod-dar.** | **Poġġi l-ballun**<br><br>**barra d-dar.** |
| **Poġġi s-siġra**<br><br>**faċċata tad-dar.** | |

# It-Tielet Taqsima

<u>L-istruzzjonijiet:</u>

1. Qasqas madwar il-vleġġa u poġġiha fin-nofs tar-rota.
2. Dawwar ir-rota li fiha prepożizzjonijiet differenti.
3. Fejn tieqaf il-vleġġa trid tgħid sentenza madwarha.


Fuq
Ħdejn
Wara
Quddiem
Ġo
Barra
Bejn
Qabel
Maġenb
Faċċata
Taħt



# Tweġibiet tal-ewwel taqsima







Kienu s-sebgħa ta' filgħodu... Drin!! Drn!!...



Minn isfel beda ġej ħoss qawwi ta' qniepen. Ħakim wara ftit ħin jisma' dan il-ħoss inħasad, qam mis-sodda u ħareġ jittawwal barra mill-gallarija. Kif għamel hekk ra lil Frawlina taħt il-gallarija ddoqq il-qanpiena biex iqum.

4

© YOUSEF BORG

Ħakim bi ngħas ma tax kasha u reġa' ntefa' fis-sodda. Però, ma damx wisq għax il-qattus tiegħu Rokko tela' fuq is-sodda biex iqajmu.

5

© YOUSEF BORG


Malli Rokko qajjem lil Ħakim, dan induna li llum kienet il-ġurnata li hu u Frawlina kellhom imorru jaraw il-karozza ġdida li ried jixtri. Qam b'ħeffa, niżel isfel u ħareġ jiġri wara l-karozza tal-linja, li din kienet laħqet telqet.

© YOUSEF BORG

6




Meta waslu ħdejn il-ħanut tal-karozzi, Ħakim baqa' impressjonat bil-karozzi kollha. Dak il-ħin, Ħakim mar maġenb l-ewwel karozza li ra. Beda jifli sew il-kulur tagħha li kien aħdar u l-prezz!

7

© YOUSEF BORG


Iżda, faċċata ta' din il-karozza li kien qed jara, laqtitlu għajnu karozza ħamra li kienet tidher sportiva ħafna.
© YOUSEF BORG
8


Frawlina marret ħdejn Ħakim biex tara jekk kienx għażel il-karozza. Fil-pront Ħakim talab li jieħu l-karozza li għoġbitu dawra. Hekk ġara, ħallas u telaq riħ.
9
© YOUSEF BORG


Waqt li kien qed isuq ħareġ Rokko f'nofs ta' triq quddiem il-karozza.
© YOUSEF BORG
10


Biex Ħakim ma jolqotx lil Rokko baqa' dieħel ġo ħajt tas-sejjieħ bil-karozza li kien għadu kif xtara.
11
© YOUSEF BORG



Malli Frawlina rat hekk, ħarġet tiġri mill-karozza barra f'nofs ta' triq.

© YOUSEF BORG 12

Dak il-ħin, Ħakim kien bejn irrabjat u mdejjaq għall-kuntrarju ta' Rokko, li kien qagħad bilqiegħda bejn iż-żewġ seats ta' wara tal-karozza u raqad.

© YOUSEF BORG 13



Ħakim u Frawlina rikbu l-ewwel karozza tal-linja li raw u telqu lura lejn id-dar. Ħaġa tal-iskantament, qabel il-karozza tal-linja inzerta kien hemm karozza eżatti l-istess bħal dik li kien kisser Ħakim. Affarijiet li lanqas jitwemmnu!

© YOUSEF BORG 14

## Tweġibiet tat-tieni taqsima







Poġġi l-ballun
ħdejn is-siġra.


Poġġi l-ballun
quddiem id-dar.


Poġġi l-ballun
bejn
id-dar u s-siġra.


Poġġi l-ballun
wara s-siġra.


Poġġi l-ballun
maġenb is-siġra.


Poġġi s-siġra
qabel id-dar.


Poġġi l-ballun
barra d-dar.


Poġġi l-ballun
ġod-dar.


Poġġi l-ballun
taħt is-siġra.


Poġġi s-siġra
faċċata tad-dar.

**It-tielet taqsima**





**Riżorsa 11: Frawlina u l-Pjanta tad-Dar**

**L-għan:** L-istudenti se jipprattikaw kif jaqraw pjanta ta’ dar u jidentifikaw tipi ta’ kmamar differenti fi djar differenti.

**L-istruzzjonijiet:** Fil-preżentazzjoni se jidhru tliet pjanti ta’ djar differenti. Ħdejn kull sular ta’ kull pjanta se jkun hemm lista ta’ partijiet li nsibu fid-djar. Għal kull sular, l-istudenti jridu jagħfsu fuq dawk il-partijiet li qed jaraw permezz tal-pinna elettronika. Meta jagħfsu fuq il-parti t-tajba din se tinbidel f’kulur aħdar; għaldaqstant jekk jagħfsu fuq il-parti l-ħażina, din se tinbidel f’kulur aħmar.

**Livell ta’ diffikultà:**




Frawlina u l-Pjanta tad-Dar
Frawlina qed tfittex biex tixtri dar u għandha bżonn l-għajnuna tiegħek biex taqra pjanta ta' dar.
Preżentazzjoni ta' Yousef Borg


Frawlina qed tfittex biex tixtri dar. Hi għandha bżonn l-għajnuna tiegħek biex taqra l-pjanti ta' dawn id-djar.
Se nurik **tliet** pjanti ta' djar differenti. Ħdejn kull pjanta se jkun hemm lista ta' partijiet li nsibu fid-djar. Jiena se norik pjanta ta' kull sular u inti għandek **tagħfas** fuq dawk il-partijiet li tara.


Mezzanin
Ħal Balzan
€350,000
L-ewwel pjanta:


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ
Pjan terran


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ
L-ewwel sular


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ
It-tieni sular


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
It-tielet sular
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ


Dar b'żewġ sulari
L-Imsida
€280,000
It-tieni pjanta:


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
L-ewwel sular
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Ġnien
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ
It-tieni sular


Appartament
Tas-Sliema
€250,000
It-tielet pjanta:


Agħfas fuq dak li qed tara hawn
Gallarija
Kċina
Salott
Garaxx
Xaft
Lift
Kamra tas-sodda
Kamra tal-banju
Bejt
Bitħa
Taraġ
Il-ħames sular minn blokka appartamenti




**Tweġibiet:**

L-ewwel pjanta:

- Pjan terran: Garaxx, xaft, taraġ u kamra tal-banju.
- L-ewwel sular: Gallarija, kċina, salott, xaft, ġnien, kamra tal-banju, bitħa u taraġ.
- It-tieni sular: Gallarija, xaft, ġnien, kamra tas-sodda, kamra tal-banju, bitħa u taraġ.
- It-tielet sular: Xaft, ġnien, bejt, bitħa u taraġ.

It-tieni pjanta:

- L-ewwel sular: Kċina, salott, xaft, kamra tas-sodda, kamra tal-banju u taraġ.
- It-tieni sular: Xaft, bejt u taraġ.

It-tielet pjanta:

- Gallarija, kċina, salott, xaft, lift, kamra tas-sodda, kamra tal-banju u taraġ.



**Riżorsa 12: Tisliba dwar djar Maltin**

**L-għan:** L-istudenti se jipprattikaw l-għarfien tagħhom permezz ta' mistoqsijiet ġenerali, b'rabta mal-użu ta' ċerti oġġetti u kmamar li nsibu fi djarna.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jipproġetta din it-tisliba fuq il-bord interattiv. Permezz tal-pinna elettronika se jagħfas fuq kull numru. Meta jagħfas fuq in-numru se titla' mistoqsija. Hawnhekk l-istudenti jridu jaqraw il-mistoqsija u jwieġbu billi jimlew il-kaxxi vojta bit-tweġiba t-tajba. Għaldaqstant f'ċertu kliem se jkun hemm ittri li dawn se jifformaw kelma-rigal. Din se tkun parti mill-attività fejn l-istudenti jridu jipprovaw jaqtgħu x'inhi din il-kelma.

**Il-ħolqa tar-riżorsa:** https://learningapps.org/watch?v=p7sg54b5n21

**Livell ta' diffikultà:**





## Tweġibiet:

| Mistoqsija | Tweġiba |
|---|---|
| 1. Aħna nsajru l-ikel f'din il-kamra. | Kċina |
| 2. Aħna ninħaslu f'din il-kamra. | Kamra tal-banju |
| 3. Il-karozza ndaħħluha f'dan il-post. | Garaxx |
| 4. Biex nonxru l-ħwejjeġ iridu nitilgħu fuq il-________ . | Bejt |
| 5. Inpoġġu l-ħwejjeġ tagħna fiha biex naħsluhom. | Magna tal-ħasil |
| 6. Fil-ġnien inkabbru l-_________. | Pjanti |
| 7. Jekk ma tgħumx fil-baħar, tista' tgħum f'din. | Pixxina |
| 8. Nużaw dan biex nitilgħu minn sular għal ieħor. | Taraġ |
| 9. Biex tidħol f'dar trid tiftaħ dan. | Bieb |
| 10. Ħafna drabi nilqgħu lill-mistednin f'din il-parti tad-dar. | Salott |
| 11. Meta nħarsu lejn din naraw lilna nfusna. | Mera |

Il-kelma-rigal hija: Djarna.



**Riżorsa 13: Agħżel u sib l-oġġett it-tajjeb**

**L-għan:** L-istudenti se jiffamiljarizzaw ruħhom aktar mal-affarijiet li nsibu fi djarna. Kif ukoll jiddistingwu bejn oġġetti li jkunu jidhru simili.

